# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

April 2010 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 65 SENA * Nru. 917




149 793
Sem.




# BOV SMS Notification Service

## keeping **in touch** with your accounts

The SMS Notification service provides accurate updates of your account activities throughout the day wherever you are.

To apply, log on to our BOV 24x7 Internet Banking, visit one of our branches or our website www.bov.com where you can view the complete list of services available.

BOV
Bank of Valletta
*your Success, our Goal*

www.bov.com 2131 2020
Terms and conditions apply.
*Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV 26058

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 917*
*April 2010*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 5
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 8
Riflessi • 14
Kummentarju (2) • 15
Dwar Għawdex fil-ġurnali • 16
Mill-Parlament • 17
Letteratura u Storja • 18
Attivitajiet Speċjali Parrokkjali • 20
Il-Papa Piju IX • 21
Iż-Żjara ta' Benedittu XVI • 23
Il-Quddiesa taż-Żjara • 24
Servizz tas-Sena Saċerdotali • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Solidarjetà Nisranija (9) • 28
Snajja Qodma (29) • 30
Meditazzjoni Bibblika • 32
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna • 34
Ftit Fatti u Kummenti • 36
Passiġġata Bibblika (54) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (24) • 40
Għawdex 300 sena ilu (182) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (18) • 43
Mil-Lenti tat-Telekamera • 44
Tieqa fuq l-Ambjent (17) • 46
Tisliba • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
L-Għoljiet ta' Għawdex (4) • 50


**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joe Zammit, Charles Spiteri, Daniel Cilia, Kurja ta 'l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, u Ministeru għal Għawdex.*
**Qoxra:** *Ritratt tal-Papa minn Stefano Spaziani (Roma).*




## *Żjara f'Mument Diffiċli għall-Knisja*

***Il-Q.T. Papa Benedittu XVI ġie jżurna fi żmien meta l-Knisja għaddejja minn ħafna tribulazzjonijiet. Qegħdin naraw, dan l-aħħar, u nisimgħu kuljum fl-aħbarijiet kemm tabilħaqq, bħalma sejħilha aktar minn 1,500 sena ilu Santu Wistin, "Il-Knisja hi prostituta, iżda hija ommi."***

*Il-Knisja hija "omm" għaliex taħdem sal-weġgħat u d-demm tal-martirju biex tikseb għal uliedha u għall-bnedmin kollha l-qdusija u l-ġid etern. Hija prostituta għaliex f'kull membru tagħha għaddejja, bla ma tehda, il-gara tal-inklinazzjonijiet annimaleski u dijaboliċi li flimkien jissieltu kontra n-natura umana mġedda minn Kristu Rxoxt f'kull wieħed u waħda minna. L-emozzjoni mhix ifformata kif inhu xieraq, imma ripressa jew mitluqa f'kontroll superfiċjali mingħajr għeruq spiritwali fil-fond, tista' tieħu s-sopravvent kemm fuq ir-raġuni u kemm fuq il-fidi. Għalhekk Knisja "dejjem" fraġli.*

***Sa minn meta kien Prefett tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, il-Kardinal Joseph Ratzinger kien kontra kull atteġġjament ta' satra u ħabi u ried ikun gwida biex jingħelbu u jitwarrbu l-kulturi tas-silenzju.** Issa bħala Papa Benedittu XVI, filwaqt li jesprimi għan-nom tal-Knisja vergonja u dieqa, qiegħed ikun missier sever li jordna l-ammissjoni tal-ħtijiet u jsejjaħ għall-ġustizzja "quddiem il-qrati u quddiem Alla omnipotenti." Imma l-aħħar kelma mhix id-disperazzjoni ta' ferita bla fejqan u kundanna bla appell. Lill-ħatjin iwiddibhom biex ikunu lesti jħallsu ta' għemilhom u jafdaw fil-ħniena t'Alla. Lill-vittmi, b'umiltà, u kważi b'talba, isabbarhom bil-fatt li fil-ġerħa tagħhom jistgħu jiskopru l-imħabba infinita ta' Kristu, f'nofs umanità fraġli.*

***Aħna nafu li waħda mill-attributi tal-Knisja hi dik li tkun ippersegwitata. Il-persekuzzjoni tiħrax f'mumenti bħal dawn għaliex min jistmerr lill-Knisja jsaħħaħ l-attakki tiegħu bil-vleġeġ li xi membri ta' ġew tal-Knisja jkunu pprovdewlu.** U minn dawn l-inħawi waslu wkoll lill-Papa l-frustati tal-kritika spekulattiva. Madankollu, aħna nistgħu nsibu konsolazzjoni fil-kliem ta' G.K. Chesterton, li wara l-esperjenza tiegħu ta' konverżjoni, kiteb: "Huwa impossibbli tkun ġust mal-Knisja Kattolika. Fil-mument li l-bnedmin jieqfu jeħduha kontriha, iħossu ġibda lejha. Fil-mument li jieqfu jgħajtu aktar minnha, jibdew jieħdu gost jisimgħuha. Fil-mument li jibdew jittrattawha bil-fier, jieħdu grazzja magħha. Imbagħad jasal il-punt meta din il-ġibda ssir relazzjoni mġenna ta' mħabba."*

***Ħalli jkollna baħar ta' umiltà biex pubblikament nistqarru l-ħtijiet tagħna, iżda m'għandna qatt nintrikbu mill-qtigħ ta' qalb għal żewġ raġunijiet.** Waħda, hi dik irreġistrata fl-istorja millenarja tal-Knisja li tixhed li s-setgħat tal-infern iqumu kontriha, minn barra u minn ġewwa, mhux seba' darbiet, iżda sebgħa u sebgħin darba, u kull darba kienu huma li sfumaw. Ir-raġuni l-oħra hi waħda ta' fidi u jagħtihielna C.S. Lewis bi kliem metaforiku, iżda effikaċi : "Ix-Xemx telgħet għalina u aħna mhux biss rajnieha imma bid-dawl tagħha qegħdin naraw kollox." It-twemmin tagħna jdawlilna ħajjitna ta' issa, ukoll f'dan il-mument ikreh, bħalma jdawlilna l-eternità. Iżda dan hu ċertament, aktar minn oħrajn, stedina għat-talb u għat-tisfija, kontinwi!*

**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



Rapport ta' Stanley J. Portelli

### *Festa ta' San Ġużepp*

Nhar id-19 ta' Marzu l-Knisja ċċelebrat l-festa ta' San Ġużepp, Patrun Universali tal-Knisja. Waqt quddiesa ċċelebrata fil-knisja parrokkjali tal-Qala, l-Isqof Grech tkellem dwar is-saċerdot u ċ-ċelibat. L-Isqof fakkar kif San Ġużepp aċċetta li jgħix ħajja kasta bħala l-'kustodju tal-Mulej'. Mons. Isqof ħeġġeġ lill-Insara biex jitolbu ħalli s-saċerdot li huwa wkoll l-għassies ta' Kristu u tal-poplu tiegħu, jibqa' jgħix ukoll is-sejħa tiegħu bil-fedeltà fiċ-ċelibat. *(Ara l-omelija fid-"Dokumentazzjoni", p. 1.)*

### *San Girgor il-Kbir*

F'Kerċem ġiet iċċelebrata l-Festa ta' San Girgor il-Kbir. Din il-festa tmur lura mijiet ta' snin meta l-Għawdxin irrikorrew lejn dan il-qaddis fil-waqt tat-tiġrib. Dari kien isir pellegrinaġġ bis-sehem tal-fratellanzi ta' Għawdex kollu mill-Knisja Katidrali għall-knisja ta' San Girgor il-Kbir u l-Madonna tas-Sokkors f'Ta' Kerċem. Il-Festa ta' San Girgor tiġi ċċelebrata ta' kull sena f'Ta' Kerċem f'Marzu.

### *Randan*

Marbuta maż-żmien tar-Randan ħafna parroċċi jorganizzaw attivitajiet marbuta ma' dawn il-ġrajja. Il-qofol ta' dan huma żgur il-purċissjonijiet li jsiru fil-parroċċa Katidrali u fil-parroċċa ta' San Ġorġ fil-belt Victoria, iż-Żebbuġ, Xagħra u Nadur. Nhar is-Sibt 20 ta' Marzu ġie organizzat il-kunċert *'Hora Gloriae'* mill-Kor *Schola Cantorum Jubilate.* Matul dan il-kunċert inqraw siltiet mill-meditazzjonijiet dwar il-passjoni miktuba minn Fr. Jose Miguel Ibanez Longlais fil-ktieb tiegħu *'Libro de la Pasio'* ppubblikat fl-1986. Dawn ġew tradotti għall-Malti mill-Kappillan tal-Fontana Fr. Joseph Bajada. Nhar is-Sibt 27 ta' Marzu fil-Bażilika ta' Marija Bambina fix-Xagħra ġiet ippreżentata l-Kantata '*Via Crucis*' ta' Mro. Joseph Galea mill-baned *Victory*, tax-Xagħra u *L'Isle Adam* tar-Rabat Malta. Kanta l-Kor *Nativitas* tal-istess parroċċa waqt li l-kliem tal-kantata huwa ta' Fr. Marcello Ghirlando u Fr. Raymond Camilleri.

Bħala parti mill-attivitajiet tar-Randan, id-djoċesi t'Għawdex organizzat Via Sagra Djoċesana fuq l-għolja t'Għammar, immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech. Din saret nhar il-Ħadd 21 ta' Marzu. Fi tmiem ta' din il-mixja l-Isqof Grech ħabbar illi l-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu ser jittieħed Malta fuq il-Fosos tal-Furjana, biex il-Papa Beneditttu XVI ipoġġi f'riġlejn Marija warda tad-deheb b'sinjal ta' rispett lil din l-Omm li tħares lil uliedha.

Il-KDZ ta' Għawdex għal darba oħra organizzat serje ta' laqgħat nhar ta' Sibt, matul ir-Randan kollu. Kienet okkażjoni oħra fejn iż-żgħażagħ kellhom l-opportunità li jiltaqgħu flimkien u mdawlin mill-Kelma t'Alla jittrattaw diversi suġġetti. Il-KDZ organizzat ukoll Via Sagra fuq l-għolja t'Għammar nhar is-Sibt 27 ta' Marzu.

Il-Ġimgħa ta' qabel Ħadd il-Palm, il-parroċċi t'Għawdex jorganizzaw pellegrinaġġ f'ġieħ Ommna Marija Santissima tas-Duluri. Dan ikun mument ta' talb fejn il-poplu tagħna jimxi wara din l-omm li fis-skiet batiet ma' binha. Fix-Xewkija l-purċissjoni tieħu forma ta' *pageant* marbuta mas-7 duluri ta' Marija.



*Id-Duluri fi Triq it-Tiġrija, r-Rabat.*

### *Festa tal-Madonna tad-Duluri*

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, nhar il-Festa tal-Madonna tad-Duluri, il-Ġimgħa 26 ta' Marzu, qaddes quddiem il-knisja ta' San Ġakbu, fir-Rabat, u wara mexxa pellegrinaġġ penitenzjali mat-toroq prinċipali tar-Rabat, bl-istatwa devota tad-Duluri. X'ħin il-purċissjoni reġgħet lura fi Pjazza t-Tokk, ingħatat il-Barka Sagramentali.

Ħafna kienu dawk id-devoti tal-Duluri, fosthom membri nisa u rġiel miktubin fil-Fratellanza tad-Duluri, li ħadu sehem attiv, fil-quddies ta' lejlet u ta' Jum il-Festa, kif ukoll fil-pellegrinaġġ penitenzjali.

### *Via Sagra Djoċesana*



*Mons. Isqof Mario Grech nhar il-Ħadd 21 ta' Marzu, fis-6.30 ta' filgħaxija, mexxa Via Sagra Djoċesana minn quddiem is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu għal fuq l-Għolja t'Għammar.*



## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# *"Għal żvilupp ekonomiku u soċjali f'Għawdex"*

***Diskors tal-E.T. Mons Isqof Mario Grech waqt seminar tal-assoċjazzjoni "Centesimus Annus", il-Ġimgħa, 5 ta' Marzu 2010.***

**Għawdex huwa soċjetà li għandha aspetti li huma speċifikament tagħha, kemm fuq livell soċjali u kif ukoll ekonomiku. Dawn l- aspetti, li huma pjuttost distinti minn dawk ta' Malta, jippreżentaw kemm diffikultajiet uniċi kif ukoll opportunitajiet li jistgħu jiġu sfruttati fl-interess nazzjonali.**

**Il-fatt li Għawdex huwa fiżikament mifrud minn Malta, li hi mgħammra b'infrastruttura fiżika, istituzzjonali u umana ferm aktar adekwata, joħloq dipendenzi u żvantaġġi uniċi, bħal, per eżempju, tendenza li l-attività kummerċjali, kulturali u soċjali tikkonċentra ruħha f'Malta. Fl-istess waqt, l-iżolament jagħmel lil Għawdex vetrina unika li tippreserva aħjar il-wirt kulturali u soċjali tagħha.**

Għalhekk nistaqsi jekk hemmx lok li dawk l-istituzzjonijiet li għandhom responsabbiltà politika, ekonomika u soċjali fuq livell nazzjonali, jiffukaw aktar enerġija biex jaqraw aħjar dawn ir-realtajiet kemmxejn distinti bejn iż-żewġ gżejjer. Kull risposta li jagħtu l-istituzzjonijiet għandha tkun ibbażata fuq l-istampa fattwali, u mhux mistħajla, ta' dawn ir-realtajiet.

F'din l analiżi tas sitwazzjoni Għawdxija, hu importanti li l-Istat ikun inklussiv u jilħaq lil kull min jesprimi interess u kapaċità li jkabbar il-ġid komuni f'Għawdex mhux bħala reġjun għalih imma bħala parti tassew integrali min-nazzjon.

**Nixtieq nara l-Istat jimbotta aktar "*soul searching*" fuq l-identità, ir-realtà u l-problemi tal-gżira tagħna.** Dan l-eżerċizzju m'għandux jikkunsidra biss il-kontribut li jistgħu jagħtu l-istituzzjonijiet tal-Istat, imma wkoll fuq l-esperjenza tal-ħajja f'Għawdex kif għexuha u għadhom jgħixuha komunitajiet u ċelloli li jinsabu kemm fiċ-ċentri urbani kif ukoll fl-iżgħar komunitajiet tal-gżira Għawdxija. Nemmen li l-Istat għandu juri disponibbiltà li jimmobilizza dawn iċ-ċelloli li, għalkemm huma żgħar, huma r-ruħ li jibnu l-irħula u ċ-ċentri urbani ta' Għawdex. Huma forza importanti li tista' tikkontribwixxi biex titqajjem mewġa ta' tiġdid u ottimiżmu fuq kif il-Maltin u l-Għawdxin inħarsu lejn ir-realtà Għawdxija.

**Jekk nagħtu leħen lil kull min jgħix ir-realtà Għawdxija nkunu ngħinu mhux biss biex jitkattar l-iżvilupp soċjali, ekonomiku u kulturali f'Għawdex, imma wkoll li tali żvilupp jinfirex mal-gżira u ma jkunx monopolizzat minn xi individwi b'saħħithom jew minn xi grupp li jinzerta jgawdi minn kapaċità organizzattiva aktar qawwija minn ta' oħrajn.**

Fl-istess waqt, minħabba l-iżvantaġġi partikulari li toffri l-gżira Għawdxija, kemm l-istituzzjonijiet li jaħdmu minn Għawdex kif ukoll dawk li huma bbażati f'Malta imma li għandhom funzjoni importanti x'jaqdu biex Għawdex jimxi 'l quddiem, għandhom isibu l-appoġġ tal-imsieħba soċjali kollha. Biex soċjetà timexxi, jeħtieġ lobdi l-kmand tal-liġi, altrimenti t-tħaddim tal-istituzzjonijiet jiddgħajjef. Dan jgħodd b'mod partikulari f'ambjent żgħir bħal Għawdex fejn il-liġi faċli tinkiser u xi drabi bl-appoġġ ta' min għandu d-dmir li jara li l-liġi tkun osservata! Fejn jiddgħajfu l-istituzzjonijiet jikbru l-isfidi biex jiġi ġġenerat żvilupp u biex il-frott ta' dan l-iżvilupp jitqassam b'mod ġust.

Huwa ferm interessanti l-fatt li f'dawn il-ġranet fil-"pjazza tan-nazzjon" għaddejja riflessjoni dwar il-problema tal-komunikazzjoni mhux biss bejn Għawdex u Malta, imma wkoll bejn Għawdex u l-bqija tad-dinja; għax **huwa fatt li fil-preżent hemm ċirkostanzi fejn wieħed jieħu aktar ħin biex jasal minn Malta għal Għawdex milli minn Ruma għal Malta! Nemmen li jekk l-isfida tal-komunikabbiltà tiġi indirizzata bis-serjetà, tkun infetħet arterja prinċipali tal-qalb Għawdxija.** Kull proposta biex tintgħeleb l-insularità għandha tiġi kkunsidrata; l-importanti huwa li tkun soluzzjoni li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u tkun aċċessibbli għal kulħadd u mhux għal ftit!

L-Istat jista' jgħin biex jassigura li Għawdex jingħata **leħen effettiv fl-istituzzjonijiet importanti għall-iżvilupp soċjali, ekonomiku u kulturali tan-nazzjon.** Allura tajjeb inkunu viġilanti biex f'kull waqt ikun aċċertat li l-interessi speċifiċi tal-gżira jkunu fil-qalba tal-aġenda nazzjonali. Wara kollox, jekk Għawdex ikabbar il-ħolqien tal-ġid u jtejjeb it-tqassim ġust tiegħu, tistgħana wkoll Malta. **Ikun żball strateġiku mhux biss għal Għawdex imma wkoll għan-nazzjon, jekk Għawdex jitqies bħala sempliċi "addenda" jew "appendiċi" ta' pajjiżna!** Xi drabi nieħu l-impressjoni li l-iżolament t'Għawdex mhux biss wieħed fiżiku, imma, agħar minn hekk, huwa wieħed mentali, tant li **Għawdex sempliċement mhux fl-*equation* ta' ċerti istituzzjonijiet nazzjonali u ta' ċerti mħuħ.**

Il-Knisja tirrikonoxxi l-kompetenza li l-Istat għandu biex imexxi 'l quddiem dan l-isforz li jiffoka fuq ir-realtà u l-isfidi li qed jiffaċċja Għawdex, kif ukoll li joffri soluzzjonijiet tekniċi biex dawn id-diffikultajiet jingħelbu. Fl-istess waqt, il-Knisja hija ħerqana li tkompli tagħti l-kontribut tagħha lejn dan l-isforz.

**Fid-dawl tat-tagħlim soċjali tagħha, il-Knisja tixtieq li kull xorta ta' proċess ta' żvilupp propost għal Għawdex għandu jġib 'il quddiem il-ġid komuni u jtejjeb il-qagħda ta' kulħadd, speċjalment ta' dawk żvantaġġati.** Id-djoċesi ma tkejjilx l-iżvilupp esklussivament b'kejl ekonomiku u tekniku, imma tixtieq tara żvilupp li, filwaqt li jippermetti

livell ta' ħajja materjali aħjar, fl-istess ħin jimbotta 'l quddiem l-iżvilupp tal-bniedem sħiħ. **Id-djoċesi taħdem, u qed tara kif tista' taħdem aktar, biex tkun forza li timbotta żvilupp ġenwin, li jirrendi fit-tul, u allura hu sostenibbli, u li hu soċjalment u moralment ġust.**

Is-settur privat f'Għawdex jista' jiġi mgħejjun jikkontribwixxi għall-iżvilupp billi jiġi mħajjar jipparteċipa b'mod aktar b'saħħtu fl-attività ekonomika tal-gżira. Ikun interessanti jekk wieħed jesplora hijiex minnha l-impressjoni li l-ekonomija Għawdxija hi dipendenti fuq is-settur pubbliku b'mod aktar qawwi minn dik Maltija. Tajjeb nistaqsu **kif nistgħu nimbuttaw 'il quddiem aktar inizjattiva privata, kemm lokali kif ukoll internazzjonali, fl-attività ekonomika Għawdxija.**

Huwa fatt magħruf li l-ekonomija hija realtà soċjali li tinbidel kontinwament. Niftakru fl-opportunitajiet ta' xogħol li kienu jipprovdu investimenti barranin fl-industrija tat-tessuti u ħwejjeġ f'Għawdex. Issa li dawn tnaqqru minħabba żvilupp li ma jistax jitwaqqaf, **tajjeb li naraw kif nistgħu ngħinu lis-settur privat f'Għawdex jaqsam mill-iżvilupp li ninnutaw li qed iseħħ fl-ekonomija Maltija f'oqsma ġodda li jirrikjedu preparazzjoni aktar intensiva u taħriġ aktar estensiv fost il-ħaddiema. Żvilupp f'Għawdex jitlob li l-istruttura ekonomika tinbidel biex tirrispondi għall-isfidi ġodda.**

Hemm però setturi oħrajn – insejħilhom setturi indiġeni – fejn is-settur privat għandu jiġi mgħejjun biex ikabbar dejjem aktar. Forsi żvilupp attent fis-settur agrikolu jista' mhux biss jgħin l-iżvilupp ekonomiku tal-gżira, imma wkoll jgħin lil Għawdex **jikkonserva l-identità distinta tiegħu, b'benefiċċju mhux biss għalina lkoll, Maltin u Għawdxin, imma wkoll għat-turiżmu.** F'Għawdex l-agrituriżmu għadu fil-bidu tiegħu u tajjeb li jikber.

Il-Knisja, li għandha patrimonju reliġjuż, storiku, artistiku, kulturali u arkitettoniku, tista' sservi wkoll bħala mezz biex **tiżdied l-attrazzjoni ta' Għawdex għal turisti li jżuru lil gżiritna biex iduqu mill-wirt spiritwali u kulturali li aħna mogħnijin bihom. It-turiżmu reliġjuż huwa opportunità li għadha mhix sfruttata biżżejjed. Bħala Knisja, aħna lesti li noffru kull kollaborazzjoni biex jiġi promoss din ix-xorta ta' turiżmu. Huwa fatt li sal-lum hija l-Knisja li qed terfa' piż finanzjarju mhux żgħir biex tieħu ħsieb il-konservazzjoni tal-bini u tal-arti kif ukoll biex torganizza l-festi titulari u ċelebrazzjonijiet oħra li huma attrazzjoni turistika kif ukoll attività ekonomika sustanzjali. Ġustament wieħed jistaqsi jekk huwiex ġust min-naħa tal-Istat u tas-soċjetà kummerċjali li l-Knisja ġġorr dan il-piż waħidha!**

Fl-aħħar u mhux l-inqas, inħeġġeġ attività bħal dik li qed nassistu għaliha llum. Grazzi għall-inizjattiva li qed juru l-membri tal-għaqda *Centesimus Annus*, qed jiġi promoss l-interess ta' Għawdex u kif dan jista' jiġi mgħejjun anke fid-dawl li jipprovdi t-tagħlim soċjali tal-Knisja. Il-fatt li llejla persuni li jerfgħu ċerti responsabbiltajiet fil-ħajja soċjali u ekonomika tal-pajjiż jagħżlu li jiddiskutu t-tema tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'Għawdex fil-kuntest tat-tagħlim soċjali tal-Knisja, jixraqlu l-ammirazzjoni u s-sapport tagħna lkoll.






Kummentarju (1)

# Qabduha fuq l-Integrità!



kitba ta' MONS. SALV GRIMA

**Sabu ftit ħin sewwa u kellhom moħħ jitkellmu. Infexxew janalizzaw x'inhi l-integrità. Mill-ewwel tawha definizzjoni: sħuħija, onestà, rettezza, serjetà. U meta dawn tapplikahom għall-bniedem isibu posthom sewwa, għax flimkien jesprimu l-imġiba u l-għemil ta' dak li jkun u x'inhu meħtieġ biex wieħed jitqies sħiħ. F'sens personali l-integrità tinvolvi l-karattru fit-totalità tiegħu u t-tajjeb kollu li hemm marbut miegħu.**

Dritt għaddew biex isemmu ħafna elementi li jdgħajfu jew iċekknu l-integrità fil-persuna umana. Din la għandha tkun imċaħħda mill-meħtieġ għas-saħħa, għall-ħajja, mir-rispett u l-imħabba, mill-ġieħ u d-dinjità, u lanqas minn dak li hu ġenwin, ta' valur, hena u serenità. Hija realtà li titlob li tidher sħiħa u kompluta minn kull fejn tħares lejha.

Iċ-ċaħda ta' dan kollu toffendi l-integrità umana u toħloq tfixkil kbir. Fejn hemm id-diżordni, id-diżgwid, l-inċertezza, in-nuqqas ta' direzzjoni jew l-armonija hemm nieqsa d-dehra tal-integrità. **Fejn hemm il-mard, diżabbiltà, tbatija, sofferenza jew provi oħra ta' qtigħ ta' qalb, jistgħu jinfluwixxu wkoll fuq l-integrità, kemm-il darba wieħed jaraħom f'sens negattiv minħabba li jassoċjahom mal-inkwiet u man-nuqqas ta' paċi.** Ma jagħrafx li anki hawn jeżisti dak li hu ta' valur jekk fihom u bihom jissaħħaħ fil-qlubija u l-kuraġġ minflok ma jaqa' fid-dgħufija. Dak li tqisu żvantaġġ mill-aspett bijoloġiku jew soċjali, għandu tifsira nobbli mill-aspett interjuri.

U baqgħu sejrin jiddiskutu bejniethom. Xorta wrew fehma sħiħa li l-integrità għandha taspira għal ħajja li ma tkun nieqsa minn xejn. Din teskludi kull rabta ma' interessi personali, stima żejda jew ftaħir, xi għamla ta' klijentaliżmu, tixħim jew pjaċiri, rigali jew favuri, u l-bqija. Madankollu l-integrità tibqa' suġġetta għall-iżvilupp, għal tibdil għall-aħjar, għal proċess twil li jissokta tul il-ġejjieni kollu, u għal kisba ta' iktar trankwillità b'impenn u ħeġġa kontinwa flimkien mar-responsabbiltà u sensibbiltà li jwasslu għal stabbiltà dejjem aħjar.

### *Biż-żmien u bil-paċenzja*

Xejn ma jsir b'xejn, u xejn ma tistenna li jinkiseb f'daqqa. Mal-progress u t-tibdil gradwali hija meħtieġa l-attenzjoni, l-għassa, il-kura kull fejn hemm bżonn, u l-ħarsien minn għadd kbir ta' difetti. **Fejn hemm konvinzjoni soda u konsistenti, l-integrità la tista' tkun parzjali, la bil-burdati u lanqas skont l-uċuħ. Fejn tidħol l-għażla tas-**



**simpatija jew l-antipatija ma tistax tintwera r-rettitudni umana. Attitudni bħal din la tagħmel ġieħ lil min juriha u lanqas lil min jirċieviha. L-integrità jeħtieġ li titħares fil-konfront tal-individwu miegħu nnifsu u xejn inqas lejn ħaddieħor, kemm jekk waħdu u kemm lejn is-soċjetà kollha kemm hi.**

Laqgħathom ħsieb li kienu għadhom kemm semgħu fil-Pastorali tal-Isqfijiet għar-Randan ta' dis-sena. *"Alla jmexxina biex insiru bnedmin sħaħ.... Isibna propju fejn aħna nħossu l-vojt, fejn aħna mweġġgħa, fejn aħna mifnija mid-dubji. Imissna biex ifejjaqna propju fejn aħna konfużi, fejn aħna l-iktar dgħajfa quddiem vizzji bħad-droga, ix-xorb u l-logħob, li bil-mod il-mod ineżżgħuna minn kull dinjità".*

Hawn kien se jinfetaħ bieb ieħor għad-diskussjoni tagħhom għax bdew jaraw kemm perikli u tfixkil tista' tħabbat wiċċha magħhom l-integrità umana, anki jekk tqis iċ-ċokon ta' għiritna.

Ma xtaqux li jkunu qabduha fuq suġġett bħal dan bla ma jesprimu ruħhom aħjar ma' xi ħadd u jqajmu iktar interess. **"Tgħid ngħaddu xi suġġeriment lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni?"** staqsa wieħed minnhom. **"Min jaf jekk hux ta' min jiddiskutih fil-Kunsill Parrokkjali!"** osserva ieħor. **"Suġġett bħal dan għandu jsib ruħu fit-trobbija sa minn ġol-familja!"** insista ieħor. **"X'jidhrilkom jekk inressqu l-proposta tagħna lill-kumitat li ġabar lista sħiħa għat-twettiq tal-proġett ta' Eko-Għawdex?"**

**Ma ħasbuhiex darbtejn. Ilkoll qablu mal-idea li Għawdex aħjar, isbaħ u b'dak kollu li jixraqlu jrid jibda minn x'imkien, anzi minn xi ħadd, minn kull bniedem li jimpenja ruħu dwar il-valuri veri biex jista' jinħoloq l-ambjent xieraq u mixtieq.**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Jum il-Ħelsien iċċelebrat fit-Tokk*

Il-31 Anniversarju ta' Jum il-Ħelsien ġie ċċelebrat f'Għawdex, nhar l-Erbgħa 31 ta' Marzu, filgħodu, b'kunċert u ċerimonja kommemorattiva, li kien organizzat mill-Kumitat għaċ-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

Mal-wasla tal-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, fi Pjazza Indipendenza, intlaqet miċ-*chairman* tal-Kumitat għaċ-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali, Vincent Grech. Imbagħad il-Ministru Debono poġġiet bukkett fjuri quddiem il-lapida kommemorattiva u ndaqqet il-fanfarra minn membri tal-Banda tal-Pulizija.




*Il-Kunċert ta' Jum il-Ħelsien*



Wara l-Banda tal-Pulizija taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha, l-ispettur anzjan Anthony Cassar, tat kunċert fi Pjazza Indipendenza, Victoria, li kien jinkludi diversi siltiet mużikali, fosthom, *Millenium Dawn*, *Ameno*, *Eye of The Tiger*, *Warship*, *Pirates of The Caribbean*, *Waltz 2*, *Dances with Wolves* u *Last of The Mohicans* li ndaqqu mill-Banda tal-Pulizija.

Il-Kunċert spiċċa bid-daqq tal-Innu Malti.

Għal dan il-kunċert, kienu preżenti fost l-oħrajn, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, u s-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Avukat Chris Said, l-Assistent Parlamentari Frederick Azzopardi, is-Sindku tal-Belt Victoria, Dr Samuel Azzopardi, Diretturi fil-Ministeru għal Għawdex u delegazzjoni mill-Partit Laburista mmexxija minn Dr Grazio Mercieca, *chairperson* tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex.




*Dehra ta' uħud mill-mistiedna distinti*

## *Studenti joffru ktieb lil-librerija tal-iskola primarja fir-Rabat*

F'ċerimonja qasira imma ħelwa ħafna, biex tfakkar il-ħmistax l-anniversarju mill-ftuħ tal-librerija tal-iskola primarja tar-Rabat, Għawdex, studenti li jattendu f'din l-iskola, taw ktieb kull wieħed lil-librerija.

Fost dawk preżenti kien hemm Joseph Zerafa min-Nadur, eks-kap tal-imsemmija skola u l-bniedem li waqqaf din il-librerija fl-10 ta' Marzu 1995; il-Kap tal-Iskola, is-Sinjura Anita Sciberras u l-għalliema li tieħu ħsieb il-librerija, is-Sinjorina Doris Vella. F'din l-okkażjoni ngħataw madwar mitejn ktieb minn diversi tfal u benefatturi.



# It-tieni sena ta' ħidma mill-Ministeru għal Għawdex

Waqt konferenza ta' l-aħbarijiet li saret fil-limiti tat-Triq Ta' Pinu, nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu, il-Ministru Giovanna Debono elenkat dettalji dwar it-tieni sena ta' ħidma tal-Ministeru għal Għawdex f'din il-leġiżlatura. Il-Ministru Debono fissret kif il-ħidma prinċipali kienet riflessa fil-konklużjoni tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika wiesgħa dwar il-viżjoni eko-Għawdex li ġġenera djalogu kostruttiv u li permezz tiegħu tħejja pjan ta' azzjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' din il-viżjoni. "Minkejja l-ħidma relatata ma' eko-Għawdex, il-Ministeru għal Għawdex kompla wkoll b'ħidma li tittratta l-oqsma soċjo-ekonomiċi kollha li jolqtu lil dawk kollha li jgħixu jew iżuru l-gżira ta' Għawdex" żiedet tgħid il-Ministru Debono.




*Il-Ministru Giovanna Debono waqt il-Konferenza Stampa fl-inħawi ta' Ta' Pinu.*

Il-Ministru spjegat kif il-viżjoni eko-Għawdex saħħet l-għan ewlieni tal-ħidma tal-Ministeru għal Għawdex li tfittex li tħares l-interessi speċifiċi tal-gżira ta' Għawdex billi tippromwovi titjib kontinwu fl-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali filwaqt li tipproteġi l-ambjent naturali u l-identità tal-gżira. Ma' dawn żdied l-element tas-sostenibbiltà li jsaħħaħ l-impenn biex tkompli tiġi mtejba l-kwalità tal-ħajja f'Għawdex, imma fl-istess waqt jiġu ppreservati l-karatteristiċi uniċi li jagħtu identità distinta lill-gżira.

Fost il-ħidma li twettqet matul l-aħħar tnax-il xahar il-Ministru Giovanna Debono semmiet żewġ proġetti, iċ-Ċentru Santa Marta li jaqdi l-funzjoni ta' ċentru għal matul il-jum għall-persuni adulti b'diżabbiltà u il-ftuħ tal-Istitut għal Studji Turistiċi li twettaq permezz ta' ko-finanzjament ta' aktar minn €1.8m minn fondi ewropej. Bħalissa aktar minn 70 student qed jattendu korsijiet *part-time* jew *full-time* f'dan l-istitut li għandu l-għan li jsaħħaħ il-kwalità tas-servizzi turistiċi biex tilħaq mad-domanda tas-settur turistiku, li hu ġeneratur ewlieni ta' impjiegi fis-settur privat f'Għawdex.

Il-Ministru għal Għawdex fissret ukoll kif l-insularità doppja ta' Għawdex tippreżenta sfidi partikolari fil-qasam ta' l-impjiegi. Minkejja dan, l-impenn tal-Ministeru u l-appoġġ tal-Gvern permezz ta' inċentivi u skemi oħra, wassal biex din is-sena fetħet fabbrika li timmanifattura *cards* elettroniċi filwaqt li fil-baġit 2010 tħabbru inċentivi li jagħtu diskriminazzjoni pożittiva fir-rigward ta' intrapriżi żgħar jew persuni li jaħdmu għal rashom. Fl-istess waqt ġiet ko-ordinata ħidma biex ħaddiema ngħataw taħriġ sabiex itejbu l-kompetenzi tagħhom minflok li tnaqqsulhom il-ħinijiet tax-xogħol. 'Minkejja l-isfidi xejn sbieħ li ddominaw ix-xenarju fil-qasam ekonomiku internazzjonali, ħdimna u investejna b'għaqal biex ġew protetti oqsma relatati mal-qasam tax-xogħol anke fil-gżira ta' Għawdex', kompliet tgħid il-Ministru Debono.

Hija kompliet tispjega kif il-ħidma fir-rigward ta' eko-Għawdex wasslet biex ġie formulat dokument b'aktar minn 800 proposta li minnu ġew magħżula 80. Dawn it-80 proposta ġew ippubblikati fi pjan ta' azzjoni li kien ippreżentat flimkien mal-baġit 2010 u li serva bħala bażi għall-allokazzjoni ta' €25 miljun fir-rigward ta' proġetti relatati mal-viżjoni eko-Għawdex fit-tliet snin li ġejjin. Fost il-ħidma li twettqet f'dan il-kuntest, il-Ministru semmiet inizjattivi marbuta mal-qasam edukattiv, dak agrikolu, ambjentali u dak ta' l-enerġija alternattiva. Ħabbret li twaqqaf kumitat bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Università ta' Malta biex jitfassal pjan li jbiddel il-Farm tal-Gvern fix-Xewkija f'Ċentru ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni Agrikola. Sar studju preliminari biex jiġu identifikati sistemi ta' enerġija rinovabbli li jistgħu jintużaw f'Għawdex filwaqt li kien hemm diskussjonijiet ma' kumpaniji barranin li wrew interess li jinvestu f'dan il-qasam f'Għawdex. Ingħata bidu għal *energy audit* li ser iwassal biex isir proġett kollettiv li jirriżulta fl-istallazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi fuq il-bjut ta' l-iskejjel u bini pubbliku ieħor f'Għawdex. Dan minbarra l-iskema dwar is-sistemi ta' *solar water heaters* li l-Gvern estenda għar-residenzi kollha f'Għawdex.

Żewġ proġetti li mistennija jindirizzaw l-erożjoni tal-ħamrija u l-ħażna ta' l-ilma huma l-pjan ta' afforestazzjoni, dak dwar it-tindif u r-rijabilitazzjoni ta' 30 ilqugħ naturali ta' l-ilma flimkien mal-possibbiltà li l-ilma ttrattat fl-impjant għat-trattament tad-drenaġġ jibda jintuża bħala *second class water* għal skopijiet agrikoli. Proġett li saret ħidma preparatorja fuqu huwa dak ta' bini ta' pixxina u faċilitajiet sportivi oħra li ser ikomplu jtejbu l-faċilitajiet sportivi f'dan il-kumpless li fih għadu kif ġie inawgurat ukoll *gym* ġdid.

Il-prodott turistiku fir-rigward tal-patrimonju storiku Għawdxi kompla jiġi msaħħaħ permezz ta' xogħol ta' restawr fuq is-swar taċ-Ċittadella u t-tħejjija ta' *Masterplan* dettaljat dwar dan is-sit storiku uniku. Ġie mħabbar id-disinn għal bini ta' *interpretation centre* għat-tempji tal-Ġgantija u sar xogħol ta' restawr fil-kappella ta' Santa Ċeċilja.

Il-Ministru tat ukoll dettalji tal-ħidma tad-diversi direttorati fil-Ministeru għal Għawdex li jikkoordinaw ħidma f'oqsma bħal ma hi l-edukazzjoni, is-saħħa, l-agrikoltura, u l-infrastruttura.

## Il-Passjoni ta' Ġesù Kristu fi produzzjoni artistika lokali

Nhar il-Ħadd 21 ta' Marzu, Patri Eugenio Mizzi OFM Conv., fetaħ u bierek il-Passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu f'forma ta' Golgota, mqassma stazzjon stazzjon, sa l-Irxoxt. Tikkonsisti f'presepju tal-ġibs u ġablow, b'200 pastur tat-tafal, maħduma mill-voluntiera żgħażagħ tal-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, f'Victoria, taħt is-sorveljanza ta' Patri Joe Xerri.

Il-pubbliku seta' jara wkoll statwa *life size* ta' Kristu fl-Orazzjoni fl-Ort tal-Ġetsemani, tal-artist żagħżugħ Manuel Farrugia.



*Dehra ta' parti żgħira mill-Golgota.*

## Mużika Sagra fil-Katidral għall-Ġimgħa Mqaddsa



*Waqt il-Programm ta' Mużika Sagra fil-Knisja Katidrali, bis-sehem tal-banda Leone u l-korijiet.*

Nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu, is-Soċjetà Filarmonika Leone tellgħet Programm ta' Mużika Sagra fil-Knisja Katidrali, bis-sehem tal-banda tagħha u l-korijiet.

Il-kunċert beda b'minuta silenzju, b'tislima lill-memorja ta' omm il-President tas-Soċjetà Filarmonika Leone, u mbagħad fetaħ b'marċ funebri Sqalli, *Ah! Si versate lacrime*, kantat mal-banda mill-korijiet. L-ewwel parti tal-kunċert, kienet tinkludi wkoll il-marċ funebri ta' Giovanni Giumarra, *Croce e martirio.*

Il-*Cathedral Youth Choir* taħt id-direzzjoni ta' Matthew Sultana, kanta l-motett *Ave Crux Sancta*, miktub għall-kor u sopran, mill-istess direttur. Is-solista kienet Annabelle Zammit. Dan l-ewwel intervent korali kien segwit minn żewġ siltiet barokki għall-banda – *Largo* ta' George Frideric Handel, u l-*Adagio* ta' Tomaso Albinoni. Fil-kunċert ħa sehem ukoll il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* li kanta żewġ korali mill-Oratorju *St Paul* ta' Felix Mendelssohn, tradotti għall-Malti minn Dun George Mercieca.

Wara l-kor, il-preżentatur Thomas D'Anastasi ppreżenta t-tielet parti tal-programm li kienet tinkludi mużika mill-era romantika. Hawnhekk, il-banda nterpretat *Blessed Are They* – moviment mir-*Requiem* ta' Brahms, *Adagio for Clarinet* ta' Wagner, li kien interpretat mis-solista fuq klarinett, l-Assistent Surmast Josef Debrincat, u finalment Intermezzo mill-opra *Cavalleria Rusticana* ta' Mascagni. Il-kunċert spiċċa bl-esekuzzjoni tal-innu funebri tal-1911 ta' Orlando Crescimanno, *La Croce*, kantat ukoll miż-żewġ korijiet flimkien mal-Banda Leone.

Flimkien mad-direzzjoni tal-Banda Leone, kien hemm preżenti wkoll il-W.R. Kapitlu Katidrali, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, l-Assistent Parlamentari Frederick Azzopardi, is-Sindku tal-Belt Victoria, l-Avukat Samuel Azzopardi u l-Aġent President ta' Malta, Anton Tabone.

## Jagħtu d-Demm

Membri *Scouts* tal-Grupp tal-Victoria, il-Ħadd li għadda, 14 ta' Marzu, marru jagħtu d-demm, fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Kull ħames ġimgħat jitilgħu l-Isptar Ġenerali t'Għawdex membri minn *National Blood Transfusion Centre* li hemm Gwardamangia.



Angelo Degiorgio, *Manager Blood Donation Service* qal lil *Il-Ħajja f'Għawdex*, illi dan l-aħħar żdied in-numru t'Għawdxin li kull meta huma jitilgħu Għawdex qed imorru jagħtu d-demm. Fil-fatt in-numru issa tela' fuq 40 persuna kull darba. Is-sur Degiorgio xtaq jieħu l-okkażjoni sabiex jirringrazzja lill-Għawdxin tal-kooperazzjoni li qed isibu u jħeġġeġ oħrajn jagħmlu l-kuraġġ biex almenu darba f'ħajjithom imorru jagħtu d-demm.

Fir-ritratt jidher George Said, *Ass. Group Scout Leader* qed jagħti d-demm. Jidhru wkoll David Grech, *Ass. Scout Leader*, Darren Mercieca, *Ass. Venture Scout Leader*, Anita Muscat, *Cup Scout Leader* u Fr Jesmond Gauci.

## Kunċert ta' Kant Gregorjan f'Kerċem

Kor ta' ħdax-il persuna mis-sezzjoni maskili tal-*Chorus Urbanus* ippreżenta kunċert ta' kant Gregorjan, organizzat mill-Kunsill Lokali ta' Kerċem bħala parti mit-tieni edizzjoni tal-festival *'Is-Sagra ta' San Girgor'*. Il-kunċert sar fil-knisja parrokkjali nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Marzu, filgħaxija.

Bħala introduzzjoni għal din is-serata *'Notte Gregoriana'*, Mro. Dr. John Galea, surmast direttur tal-kor, għamel taħdita dwar l-istorja u l-iżvilupp ta' dan it-tip ta' kant assoċjat ma' San Girgor il-Kbir, li tiegħu r-raħal ta' Kerċem kien qed jikkommemora l-festa liturġika tiegħu. Is-siltiet mużikali li ntgħażlu kienu jinkludu biċċiet mill-kant liturġiku tal-festa ta' San Girgor. Dawn il-biċċiet mir-ripertorju *Graduale Triplex* kienu esegwiti b'attenzjoni kbira għad-dettall skont kif jitlob dan it-tip ta' kant.



*Il-Kor ta' persuni mis-sezzjoni maskili tal-Chorus Urbanus waqt il-kunċert ta' kant Gregorjan*

Il-kunċert fetaħ bl-innijiet tal-vespri *O Doctor Optima* u *Amavit Eum Dominus*. Dawn kienu segwiti mill-antifona tal-Introjtu *Sacerdotes Dei*, il-gradwal *Juravit Dominus*, l-antifona ta' l-offertorju *Veritas Mea* kif ukoll mill-innu għal waqt it-tqarbin *Fidelis Servus et Prudens*. L-udjenza preżenti uriet l-apprezzament tagħha għal dan il-kunċert mhux tas-soltu permezz ta' applawsi kalorużi wara kull biċċa. L-omoġenità fil-vuċijiet huma għan essenzjali fil-kant Gregorjan u din il-ħaġa kienet evidenti ħafna fl-esekuzzjoni li ngħatat matul dan il-kunċert.

Is-serata kienet tinkludi wkoll taħdidiet dwar is-sejba riċenti ta' oqbra preistoriċi viċin id-dar tal-kappillan fl-istess raħal. Wara s-serata ġiet inawgurata wirja dwar l-istess sejbiet arkeoloġiċi.

## Ġebla mill-grotta tal-Madonna ta' Lourdes għas-Santwarju fl-Imġarr



Fis-7 ta Frar 2010 saret konċelebrazzjoni ewkaristika mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech. Din saret ġewwa l-knisja arċipretali ta' Għajnsielem, fejn fl-aħħar tal-quddiesa saret preżentazzjoni tal-ġebla li ġiet maqtgħuha mill-grotta ta' LOURDES ġewwa Franza. Din il-relikwija nġabet hawn fostna mill-Kan Dun Joe Cardona, Sr Antoinette Pace u mis-sur Joe Xuereb. Joe Xuereb għal dawn l-aħħar erba' snin kien qed jikkorrispondi mal-awtoritajiet ġewwa Franza. Din il-ġebla ngħatat fid-29 ta' Lulju 2009 mis-Sur Francis Dias, Direttur tas-Santwarji ta' Lourdes u segretarju ta' l-Isqof Jacque, isqof ta' Tarbes. Din ir-relikwija qegħda tinżamm ġewwa l-knisja ta' Lourdes fl-Imġarr Għawdex. Ir-rettur Dun Tarcisio Attard ħa ħsieb biex jagħmel niċċa kif jixraq. Il-Kan. Joe Cardona, Sr Antoinette Pace u s-Sur Joe Xuereb jawguraw lil kull min iżur dan is-santwarju sabiħ tal-Madonna ta' Lourdes biex jara din ir-relikwija, jikber fl-ispiritwalità u talb lejn Ommna Marija sabiex tidħol hi fit-Tama ta' Fejqan kemm fiżikament u spiritwalment.

## Aktar Maltin f'Għawdex f'"Long Week-End" ieħor

Tmiem il-Ġimgħa, li bdiet bil-festa ta' San Ġużepp, festa pubblika, Għawdex għal darb'oħra reġa' ra numru konsiderevoli ta' Maltin. Il-Kumpanija *Gozo Channel*, bejn it-18 u l-21 ta' Marzu, ġarret total ta' 55,825 passiġġier u 14,212 vettura. Il-Kumpanija għamlet 240 vjaġġ. Kelliem għall-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex wera fiduċja li Għawdex huwa attraenti wkoll għat-turisti tul ix-xhur tax-xitwa u qal li attivitajiet, fosthom dawk organizzati mill-kunsilli lokali u attivitajiet oħra, qed iservu biex jattiraw dejjem iktar Maltin lejn Għawdex. Tenna wkoll il-pożizzjoni tal-Assoċjazzjoni favur il-bini ta' *air strip* bejn Malta u Għawdex, bil-għan li Għawdex isir iktar aċċessibbli u kompetittiv, filwaqt li qal li r-rabta bl-ajru bejn iż-żewġ gżejjer għandha toffri opportunitajiet li, sa issa, l-gżira hi mċaħħda minnhom.



*Maltin fil-Port tal-Mġarr, fi triqthom lejn iċ-Ċirkewwa*

## *Motoċiklisti Taljani u Maltin f'Għawdex*

Erbgħin motoċiklist Taljani u Sqallin ingħaqdu ma' dilettanti oħra Maltin, membri tal-*Historic Motorcycle Club – Malta*, biex jieħdu sehem fit-tieni *International Classic Motorcycle Weekend* organizzat mill-Klabb Malti. Is-sewwieqa Taljani ġabu magħhom muturi antiki li jinkludu wħud rinomati, fosthom BMW, MV Agusta u Moto Guzzi. Tip ta' muturi antiki xi ftit jew wisq rari lokalment, minħabba li aktar insibu muturi antiki ta' ditti Ingliżi bħal ma huma BSA, Triumph u Norton.




*Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono riekba fuq Moto Guzzi ta' Salvatore Camiolo minn Fiordaliso, Sqallija.*

L-ewwel tappa ta' l-attività organizzata matul tmiem il-ġimgħa kienet fil-gżira ta' Għawdex, nhar is-Sibt 27 ta' Marzu. Il-grupp ta' sewwieqa wasal l-Imġarr Għawdex u mexa ma' rotta li wasslithom san-naħa l-oħra tal-gżira, il-ponta tad-Dwejra. Huma żaru wkoll is-siti storiċi tal-Ġgantija u ċ-Ċittadella.

F'xi 11.45 ta' filgħodu, il-muturi waslu fi Pjazza San Franġisk, fejn il-motoċiklisti intlaqgħu mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, li tathom merħba u faħħret l-inizjattiva tal-Club Malti. Hija fissret kif avvenimenti ta' din in-natura jagħtu wkoll spunt għall-promozzjoni tal-gżejjer Maltin mad-dilettanti li jżuru Malta, qabel xejn biex jipprattikaw id-delizzju tagħhom.

L-attivitajiet fit-tieni *International Classic Motorcycle Weekend* komplew l-għada l-Ħadd f'Malta fejn il-grupp ta' sewwieqa għadda minn toroq ewlenin u żar għadd ta' bliet u rħula flimkien ma' siti ta' interess kulturali u storiku.

## *Ġbir ta' batteriji wżati*




*L-istudenti fi Pjazza San Ġorġ*

Nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu, il-kumitati tal-EkoSkola fi ħdan il-Kulleġġ t'Għawdex Aguis de Soldanis u l-Kulleġġ t'Għawdex Ninu Cremona, skejjel sekondarji ġewwa l-Belt Vittorja, organizzaw attività fejn batteriji wżati ġew miġbura minn diversi djar u ħwienet ġewwa l-istess Belt Vittorja. Din l-inizjattiva ġiet organizzata bħala parti mill-kampanja ta' ġbir ta' batteriji wżati mill-*Wasteserv Malta*. Fi tmiem din l-attività l-istudenti ltaqgħu fi Pjazza San Ġorġ fejn Silvana Sultana minn Eko Għawdex ippreżentat lill-istudenti bi ktejjeb informattiv dwar Għawdex. L-istudenti ġew milqugħa wkoll mis-sindku tal-Belt Vittorja Samuel Azzopardi.

Dawn l-istudenti ġew mfaħħra għal din l-inizjattiva sabiħa, għaliex bil-preżenza tagħhom huma wasslu l-messaġġ tal-importanza tar-riċiklaġġ, din id-darba l-bogħod mill-ħitan tal-klassi. Persuni li kienu fi Pjazza San Ġorġ, qalu lil 'Il-Ħajja f'Għawdex' illi wieħed jawgura li inizjattivi bħal dawn jiġu ripetuti fil-futur.

## *Wirja tal-Arti minn Artisti Promettenti Għawdxin*

Iċ-Ċentru t'Għawdex tal-Arti u l-Artiġanat Wistin Camilleri tella' Wirja tal-Arti bi 32 biċċa pittura, min-numru ta' parteċipanti li jattendu korsijiet f'dixxiplini differenti fl-Arti, offruti f'dan iċ-Ċentru. Xogħlijiet ta' pittura ispirati minn pajsaġġi u ritratti magħmula biż-żejt, bil-lapes u anke bl-użu ta' sprej.

Il-wirja li ġiet inawgurata uffiċjalment nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar, mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, baqgħet miftuħa sal-Ġimgħa 12 ta' Marzu.



*Marita Buttigieg, Mary Portelli u Vicky Anne Xuereb jidhru jiflu xogħlijiet ta' pittura esebiti fil-Wirja mtella' fiċ-Ċentru tal-Arti u Artiġanat f'Għajnsielem*

## *Inawgurat l-Uffiċċju Distrettwali l-ġdid tal-Enemalta*

L-Uffiċċju Distrettwali tal-Korporazzjoni Enemalta, fix-Xewkija, Għawdex kien inawgurat mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment Tonio Fenech, nhar il-Ħadd 14 ta' Marzu, filgħodu, fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u ċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni, Ing. Alex Tranter.



*Il-Ministru Tonio Fenech jikxef lapida kommemorattiva*

Waqt l-inawgurazzjoni, il-Ministru Fenech spjega li dan is-sit se jservi eventwalment ukoll bħala s-sit il-ġdid għaċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni 33kV li qed jinbena bħalissa. In-network tal-elettriku f'Għawdex bħalissa huwa bbażat fuq iċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni fil-Qala, fil-Lvant tal-Gżira. Għalhekk biex l-elettriku jitwassal fiċ-ċentru u l-Punent ta' Għawdex hemm bżonn ta' numru ta' *substations*, li jista' jfisser tnaqqis fl-effiċjenza fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni u diffikultajiet f'mumenti ta' *peak loads* jew ħsarat.

Għalhekk, qed jinbena Ċentru ta' Distribuzzjoni ġdid f'dan is-sit biex jipprovdi l-parti l-kbira tal-bżonnijiet għal Għawdex. Il-Qala se tinżamm ukoll fuq in-netwerk u b'hekk il-kapaċità se tissaħħaħ sostanzjalment. Tonio Fenech żied jgħid li sigurtà u provvista adegwata ta' enerġija f'Għawdex hija essenzjali biex din il-gżira tilħaq il-miri tagħha ta' tkabbir ekonomiku u l-objettivi għal Eko-Għawdex.

Ix-xogħol ta' kostruzzjoni mistenni jitlesta din is-sena. L-Enemalta ħarġet tender għall-provvista u l-installazzjoni tat-tagħmir meħtieġ fi tliet ċentri ta' distribuzzjoni, inkluż tax-Xewkija, li qed jiġi evalwat fil-preżent. Dan se jfisser investiment totali ta' €5.7 miljun ewro. Dan iċ-ċentru ta' distribuzzjoni se jkollu sistema komputerizzata ta' kontroll li tippermetti *remote monitoring* u *operation* tat-tagħmir, b'mod li jkun integrat fis-sistema tal-Enemalta (magħrufa bħala SCADA), li hija operata fuq bażi ta' 24 siegħa mill-*Head Office* tal-Enemalta.

Dan huwa wieħed minn sensiela ta' proġetti ewlenin tal-Korporazzjoni Enemalta, bħall-investiment importanti tal-estensjoni tal-*Powerstation* f'Delimara.

Il-Ministru għalaq billi rringrazzja lil Ing. Alex Tranter, iċ-*Chairman* preżenti tal-Enemalta għas-servizz li ta lil Korporazzjoni dawn l-aħħar 5 snin u awguralu kull suċċess fil-kariga ġdida tiegħu.

## *Ċenaklu fil-Museum tan-Nadur*



Fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, din is-sena wkoll il-membri tas-Soċjetà tal-Museum tan-Nadur tħabtu ferm biex f'waħda mis-swali tal-bini tal-MUSEUM, reġgħu ħolqu l-ambjent prevalenti fiċ-Ċenakli Lhud ta' żmien Ġesù. Fih barra l-mejda mimlija frott li jissemmew fil-Bibbja jew fit-tradizzjonijiet Lhudin tal-ewwel seklu, wieħed seta' jara wkoll 15 il-figura, 12 l-appostlu, sid iċ-Ċenaklu, ibnu ċkejken u Ġesù li ħa naturalment post ċentrali.

Hawn ta' min jinnota li f'dawn l-aħħar snin naqsu ħafna f'Għawdex "l-Imwejjed tal-Appostli" li kienu jsiru kważi f'kull parroċċa, waqt li żdiedu l-wirjiet privati fit-twieqi u fil-bibien ta' settijiet sħaħ ta' statwi żgħar tal-Passjoni u l-Irxoxt. Għaliex?

**FIL-ĦARĠA TA' MEJJU: SUPPLIMENT SPEĊJALI BIL-KULUR TA' SEHEM GĦAWDEX U L-GĦAWDXIN FIŻ-ŻJARA TAL-PAPA**

*Min ħa xi ritratti sbieħ b'dan is-suġġett u jixtieq li jippubblikahom, għandu jikkuntattja lill-editur fuq jwpsaila@melita.com*

RIFLESSI — Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard

# Suċċess għal "Seħer il-Punent"

**Fir-raħal tal-Għarb għar-raba' sena konsekuttiva, il-Kunsill Lokali tar-raħal organizza dan il-festival ta' mużika folkloristika u moderna, ikel u xorb bnin, żjarat kulturali u rikreattivi, żfin tal-karnival, *animators stilt walkers* u *Fire Jugglers*, *Tug of War* mill-iktar akkanita u divertenti kif ukoll kant minn għadd ta' kantanti magħrufa fosthom uħud li ħadu sehem fl-aħħar konkors tal-*Malta Song for Europe* b'Thea Garrett iġġib fi tmiemhom dawn it-tlett ijiem ta' divertiment għall-familja kollha.**



Bla dubju ta' xejn kienet esperjenza sabiħa mhux biss għal poplu tal-Għarb iżda wkoll għal dawk kollha li rifsu f'dan ir-raħal tal-Viżitazzjoni bejn id-19 u l-21 ta' Marzu. Matul dan il-perijodu, il-Kunsill Lokali tal-Għarb iffirma wkoll Ġemellaġġ maż-żona ta' Quadrelle, mhux il-bogħod minn Napli u Avellino. F'din l-okkażjoni fl-Għarb ma kontx tisma' u tara ħlief Taljani, żgħażagħ, kbar u anzjani b'mod speċjali l-Ġimgħa fil-għaxija meta dawn imlew il-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali għal iffirmar fil-preżenza tas-Sindku tar-raħal is-Sur David Apap u l-bqija tal-Kunsill, Lucia Napoletano s-Sindku ta' Quadrelle u sħabha l-Kunsilliera kif ukoll l-Onor Chris Said, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-PM, u l-Ministru għal Għawdex l-Onor Giovanna Debono u l-Onor Frederick Azzopardi.



Matul l-ewwel tliet xhur tas-sena, Għawdex ikun xi ftit nieqes mill-ħajja; tneħħi l-festi tradizzjonali tal-Karnival u dawk tal-Għid, gżiritna tgħaddi minn fażi xi ftit kwieta u allura attività kbira bħal din tinżel tajjeb ma' kulħadd. Ta' min jgħid li ġimgħa qabel dan l-avveniment, kellna wkoll is-Sagra ta' San Girgor fir-raħal ta' Kerċem li wkoll ipprovdiet tlett ijiem oħra ta' żvog u ħruġ għall-familja kollha.

**Tassew li l-Kunsilli Lokali huma barka u wħud minnhom qed joħorġu b'ħafna ideat li minnhom tgawdi l-gżira kollha. Għandna ħafna talent li rridu nieħdu ħsiebu u nissuktaw noħorġuh fil-beraħ.** Kull min kien fl-Għarb il-Ħadd fil-għodu, seta' jara b'għajnejh il-proċess u l-wirja tal-Akbar Ġbejna li qatt saret fil-gżejjer Maltin waqt divertiment sħiħ mill-Grupp Folkloristiku "Aurora" u l-Grupp Folkloristiku "Tal-Qiegħa" flimkien ma' ħafna talent ieħor minn Għawdex u minn Malta. Mat-tlett mitt ruħ attendew



ukoll għall-ikla tradizzjonali Għawdxija li saret fil-pjazza l-Ġimgħa fil-għaxija wara l-Iffirmar tal-Ġemellaġġ bis-sehem ta' Cini Band u tal-Qiegħa *Folk Group*. Is-serata finali tal-Ħadd bil-lejl kienet ippreżentata minn Claudette Pace



u J. Anvil bis-sehem tal-grupp popolari '*Airport Impressions*'.

It-temp huwa fattur importanti f'okkażjonijiet bħal dawn u dan kien tassew ħanin mal-organizzaturi u għen ferm biex kull attività tirnexxi. **Jalla iktar Kunsilli Lokali jimxu fuq il-passi ta' dan il-Kunsill u dak ta' Kerċem u jorganizzaw attivitajiet tal-massa biex hekk niesna jkollha fejn titħallat u tiddeverti. Ħafna huma lesti li jagħtu sehemhom u joħorġu fil-beraħ it-talenti tagħhom; kull ma jkun jonqos huwa biss min jieħu l-inizjattiva billi joqgħod ma' mejda u jippjana u jattwa. Il-finanzi jiġu ladarba jkun hemm ippjanar bis-serjetà. Mill-ġdid Prosit. Issa jmiss "Lejlet Lapsi"!**

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*Kummentarju (2)*

# *Dawl ġdid fuq il-passat ta' Għawdex*



*kitba ta'* **FRANCO MASINI**

**Il-passat imżewwaq u interessanti ta' Għawdex huwa sors mingħajr waqfien ta' tiftix minn esperti u riċerkaturi Maltin u barranin. Ma' tul dawn l-aħħar ġimgħat kellna l-pubblikazzjoni ta' żewġ studji li jitfgħu dawl ġdid fuq perijodi oskuri ta' l-istorja ta' Għawdex. Qed nirreferi għall-pubblikazzjoni tar-rapport uffiċjali ta' l-iskavi fl-hekk imsejjaħ *Brochtorff Circle* fix-Xagħra mill-1987 sal-1994, u *Tristia ex Melitogaudo*, li huwa studju dwar dokument miktub bil-Grieg li jitfa dawl importanti ħafna fuq Għawdex fil-perijodu Għarbi. Huma żewġ pubblikazzjonijiet miktubin b'reqqa u bi professjonalità kbira. Huwa diffiċli li f'dawn il-ftit paragrafi tagħmel ġustizzja lil dawn il-kotba li għandhom mal-500 paġna kull wieħed. Iżda forsi wieħed jista' forsi jagħti ħjiel ta' l-importanza li jingħata Għawdex bħala riżultat ta' dak li kixfu dawk l-esperti.**

L-istudju preistoriku msejjaħ *Mortuary Customs in prehistoric Malta* huwa frott ta' l-iskavi li kienu saru bejn it-tmeninijiet u d-disgħinijiet mill-*Cambridge Gozo Project*. Dawn kienu l-ewwel skavi fi żmien modern magħmulin b'mod xjentifiku fil-qasam preistoriku fil-gżejjer tagħna. U riżultat ta' hekk poġġew lil pajjiżna u wisq iktar lil Għawdex tagħna fuq quddiem nett għal dak li huwa l-preistorja tagħna. Din il-pubblikazzjoni jgħid Lord Renfrew hija *"one of the most significant contributions in recent years to the prehistory of the west Mediterranean and indeed to European prehistory more widely"*. L-importanza ta' dawn l-iskavi tinstab fil-fatt li dak li nkixef ma kien qatt disturbat qabel u għalhekk l-interpretazzjoni ta' l-arkeoloġi serviet biex tagħti stampa ġdida ta' perijodu li ma nafux biżżejjed fuqu. **Biss biss instabu 'l fuq minn 200,000 għadma u statwetti li bħalhom qatt ma rajna bħalhom. Ma rridx ninsa ngħid li kien l-Għawdxi Joe Attard Tabone li fl-1959 identifika l-post eżatt taċ-ċirku, post li ħadd ma kien jaf fejn hu, wara li kien tpinġa mill-pittur Charles de Brokdorff f'nofs is-seklu tmintax.**

Il-ktieb l-ieħor jirriproduċi (bi traduzzjoni) dokument Grieg tas-seklu ħdax li b'forma ta' poeżija li jagħti informazzjoni importanti ħafna fuq pajjiżna fiż-żmien l-Għarab. Dan huwa perijodu li ftit nafu fuqu, nazzarda ngħid li nafu inqas mill-perijodu preistoriku. Għalina l-Għawdxin il-konklużjoni tal-awturi huwa li f'dak iż-żmien diffiċli l-Knisja u l-istess Insara ngabru Għawdex u fi gżiritna baqgħet tixgħel il-fjamma Nisranija b'isqof tad-djoċesi Għawdxija. **Is-sinifikat ta' dan huwa li kellu jkun Għawdex li jassigura l-kontinwità tal-fidi Nisranija f'pajjiżna matul il-ħakma Islamika. Dan huwa xogħol Joseph Busuttil, Stanley Fiorini u Horatio Vella, tliet persunaġġi ta' importanza massima fil-qasam tagħhom.**

Il-pubblikazzjoni ta' dawn il-kotba u l-preżentazzjoni tagħhom kemm f'Malta u f'Għawdex taw pubbliċità kbira lil gżira tagħna. Ikun tajjeb ferm kieku l-awtoritajiet jużaw anke dawn il-kotba, kif ukoll il-fatti li wrew biex jagħmlu pubbliċità anke fil-qasam ta' turiżmu kulturali.

It-tiftix dwar il-passat ta' Għawdex ma spiċċax bil-pubblikazzjoni ta' dawn iż-żewġ kotba. **Bħalissa f'Għawdex qed isiru skavi oħra fix-Xewkija, ta' Kerċem u postijiet oħra. Barra minn hekk naf bi studju profond li qed isir dwar il-lapidi li kien hemm fiċ-ċimiterju fejn hemm l-Oratorju Don Bosco. Dan qed isir minn riċerkatriċi Maltija b'kollaborazzjoni ma' studjużi awtorevoli ta' fama internazzjonali. Meta jiġi ppubblikat dan l-istudju jkompli jitfa' dawl importanti fuq żmien il-Medjuevu ta' Għawdex.**

Dan kollu flimkien ma' dak li għandhom x'joffru l-mużej tagħna jservi biex studenti Għawdxin u anke adulti jkunu jistgħu japprezzaw il-passat glorjuż ta' gżiritna u jgħożżuh. **Hemm bżonn ta' apprezzament u tħeġġiġ għal iktar studju dwar Għawdex u l-passat tiegħu minn studenti Għawdxin. Dan jgħin biex nifhmu iktar l-iżvilupp storiku ta' gżiritna.**

*francomasini@gmail.com*



## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Jista' Għawdex jagħmel suwiċidju?***

*"While in no way objecting to the Gozitan efforts in overcoming the island's significant economic shortfalls, by following the ruination of Malta by the island's own veritable landslide of massivbe, badly designed, poorly constructed and frequently empty or unfinished construction projects, I fear that Gozo is sowing the seeds of its own destruction as the singular tourist destination it wishes to be, both for the Maltese and foreign tourists."*

**John Attard**, The Times, 3rd March 2910

***Prosit lill-Kunsilli!***

"Irrid ngħid li l-Kunsilli ta' Għawdex huma ta' eżempju għall-Kunsilli l-oħra, ta' kif jaħtfu kull opportunità biex jiġbdu lejn il-lokalità tagħhom fondi mill-Unjoni Ewropea li permezz tagħhom iwettqu proġetti kbar u ta' fejda għall-istess lokalità u għall-parroċċani tagħhom."

**Euchar Mizzi**, In-Nazzjon, 1 ta' Marzu 2010

***Konferenza "Organic Agriculture and Eco-Gozo" – Il-parir tal-president***

*"It is clear, Mr Stopes said, that any country that wants to safeguard its future must seek food sovereignty, rather than food security, local food production rather than more inroads by global corporations."*

**Noel Grima**, The Malta Independent, 19th March 2010

***Niddiversifikaw l-ekonomija?***

*"The question is: Should we reduce the dependence on mainstream tourism and, instead, foster these alternatives and niche markets? This is a possible solution to reduce the environmental impact of tourism in general. If we do so, we have to change the existing structures and facilities geared mostly for mainstream tourism. The annual occupancy rate, which is about 54 per cent, will take a further knock, being already lower than that of Malta."*

**Mario Saliba**, The Times, 10th March 2010

***It-taxxi tal-Għawdxin***

*"In the 10 years between 2000 and 2009 the government's revenue in income tax and VAT totaled Euro 264, 638, 504. Finance Minister Tonio Fenech told Parliament in reply to a question by Gozitan Labour MP, Anton Refalo."*

Rapport, **The Times**, 12th March 2010

***Gżira għal kull staġun, imma...***

"Issa li hemm bżonn hu l-koordinament biex dak li għandu jsir isir f'waqtu u mingħajr skossi żejda! Għawdex jaf ikun gżira għal kull staġun jekk nirrispettaw il-fatt li din gżira ħajja u mhux xi park b'xi tema fejn il-viżitatur qed jara biss relikwi tal-passat li huma ferm 'il bogħod mir-realtà tal-lum. Dak ir-rispett jibda minna stess... il-Maltin u l-Għawdxin li ngħinu lil Gvern biex iwettaq dak li wiegħed mingħajr xkiel jew intoppi li jfixklu l-ġid u l-benefiċċju nazzjonali!"

**Julien Zarb**, Il-Mument, 28 ta' Frar 2010




***Agroturiżmu : kemm qed ninkuraġġuh?***

*"Gozo Bishop Mario Grech recently said that Gozo's double insularity presented challenges that could be turned into opportunities. He pointed out that private initiatives in the more traditional sectors, such as agriculture were deserving of aid as they preserved Gozo's identity while creating new opportunities in areas such as agrotourism. The Gozo Bishop's advice is indeed wise because, since Gozo faces great challenges in terms of generating employment, the development of agrotourism with state aid could be the key towards generating more jobs in this rather neglected sector of the economy."*

**Desmond Zammit Marmarà,**
The Times, 20th March 2010

***Irreġistrajtha l-ispiera!?***

*"Significantly, 2,282 boreholes are found in Gozo, representing 31% of the total number of boreholes in the Maltese islands. Xagħra and Nadur have more boreholes than Maltese rural localities like St. Paul's Bay, Mellieħa and Siggiewi. The only Maltese locality with more boreholes than these two Gozitan localities is Rabat, which has a total of 1,192 registered boreholes."*

*Localities with highest number of registered boreholes*

| | *2008* | *1997* |
|---|---|---|
| *Rabat, Malta* | *1192* | *987* |
| *Xagħra, Gozo* | *640* | *563* |
| *Nadur, Gozo* | *557* | *481* |
| *Mellieħa* | *494* | *393* |

**James Debono**, MaltaToday, 21st March 2010

***Il-Kunsill tal-Qala jew il-Gvern – il-ġolġol min għandu jdendlu?***

*"Over the years much good work has been done by local councils and the central government to clean up the countryside; however, a lot still remains to be done. A case in point is the area along the road leading down to Ħondoq ir-Rummien in Gozo, a prime attraction for locals and tourists alike. The long-abandoned quarry along the road still sports derelict, rusted machinery and other unsightly structures that spoil the natural beauty of the area. I do not know whether it is the Qala local council or the government that is responsible for the area but in any case it should not be too difficult to remove these eyesores; whoever is responsible should take the initiative and do so without delay."*

**Michael Boffa**, The Times, 12th March 2010

## MILL-PARLAMENT

*Għawdex - valur tan-Nefqa Domestika Gross fuq Riċerka u Żvilupp*

**14669. L-Onorevoli ALFRED SANT staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jgħid kemm kien il-valur tan-Nefqa Domestika Gross fuq Riċerka u Żvilupp f'Għawdex kull sena mill-1999 'l hawn? Kemm minnha kienet nefqa pubblika u kemm kienet nefqa privata? *01/02/2010*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant illi l-istatistika rigward in-Nefqa Domestika Gross fuq l-R&D tingħabar biss b'mod aggregat u mhijiex disponibbli fuq bażi reġjonali. *09/02/2010*

*Bus shelter ħdejn Sptar Mater Dei*

**13779. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli AUSTIN GATT (Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni):** Peress li l-*bus terminus* li hemm ħdejn il-*parking* li jinsab bejn l-Università u l-Isptar Mater Dei hu frekwentat minn ħafna nies u m'hemm l-ebda protezzjoni mill-elementi naturali, jista' l-Ministru jikkonsidra li jsir xi forma ta' *shelter* biex jipproteġi lin-nies f'każ ta' maltemp? *17/12/2009*

**Tweġiba:** Ninforma lill-Onor Interpellant li għaddejt is-suġġeriment tiegħu lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta. *11/01/2010*

*Cruiseliners*

**14217. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli AUSTIN GATT (Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni):** Jista' l-Ministru jgħid kemm hu mistenni li jidħlu *cruiseliners* f'Malta għaliha u Għawdex għalih matul l-2010? Kemm daħlu fl-2009? *14/01/2010*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li sal-lum *Transport Malta* hija ffurmata b'274 *cruise liner* li mistennija jidħlu fil-Port il-Kbir. S'issa, m'hemm l-ebda żjara mistennija f'Għawdex. Matul is-sena 2009, 260 *cruise liner* daħlu Malta filwaqt li 5 *cruise liners* żaru Għawdex. *03/02/2010*

*Preservazzjoni tas-sit taċ-Ċirku tal-Ġebel*

**14120. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** B'riferenza għall-konferenza stampa li saret fil-5 ta' Jannar 2010, tista' l-Ministru tgħid x'inhuma l-pjanijiet tal-Gvern għall-preservazzjoni ta' sit taċ-Ċirku tal-Ġebel f'Għawdex minħabba li huwa espost għall-elementi naturali u in vista ta' aktar skavi li hemm ippjanati li jsiru? *12/01/2010*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li għalkemm ir-responsabbiltà tas-sit imsemmi mill-Onor. Interpellant jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' *Heritage Malta*, il-Ministeru għal Għawdex qiegħed jagħmel il-parti tiegħu biex dan is-sit jiġi ppriservat kif jeħtieġ. Fil-fatt, il-Ministeru għal Għawdex issottometta applikazzjoni taħt il-fondi EAFRD biex tinbena tinda fuqu, li filwaqt li toffri protezzjoni lis-sit, tkun tista' sservi biex tiffaċilità l-aċċess għall-viżitaturi. Ir-responsabbiltà finali tal-priservazzjoni ta' dan is-sit hija responsabbiltà ta' *Heritage Malta*. *20/01/2010*

*Proġettazzjoni tal-popolazzjoni t'Għawdex*

**14670. L-Onorevoli ALFRED SANT staqsa lill-Onorevoli**



**GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'inhi l-proġettazzjoni tal-popolazzjoni t'Għawdex li fuqha qed tfassal il-politika soċjali u ekonomika tal-gżira? Tista' tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' din il-proġettazzjoni? *01/02/2010*

**Tweġiba:** Nixtieq ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex jieħu sehem f'diskussjonijiet li jsiru dwar it-tfassil tal-politika soċjali u ekonomika ta' Għawdex u dejjem jagħmel dan wara li jkun ikkunsidra kull statistika u proġettazzjonijiet disponibbli. Dwar it-tieni parti tal-Mistoqsija nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-Mistoqsija lill-Ministru konċernat. *09/02/2010*

*Saħħa u kura Medika - anzjani*

**10288. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar x'inhu maħsub li jsir biex jissaħħu s-servizzi tas-saħħa u l-kura medika, b'servizzi ġodda maħsuba b'mod speċjali fil-qasam tal-anzjani f'Għawdex? *06/07/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li r-residenti taż-żewġ swali, dawk tan-nisa u dawk tal-irġiel ġewwa l-Isptar t'Għawdex qegħdin jingħataw kull servizz li jkollhom bżonn kemm fuq bażi medika kif ukoll fuq dik soċjali. It-tabib jinvistahom kuljum u anke hemm speċjalista li jdurhom minn żmien għal żmien. Is-servizzi jinkludu dawk ta' *physiotherapist, occupational therapist, hairdresser*, dentist u anke *social worker*. Barra minn hekk, nieħdu ħsiebhom anke fuq livell soċjali u jiġu organizzati attivitajiet kemm ġewwa l-isptar stess kif ukoll barra mill-isptar. *14/07/2009*

*Flus minfuqa fuq l-istrateġija ta' Eko-Għawdex*

**14210. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid kif inhu maħsub li jintefqu l-25 miljun ewro li l-Gvern qed jipprometti li se jintefqu f'Għawdex fuq l-istrateġija ta' Eko-Għawdex bejn l-2010 u l-2012? Liema huma l-proġetti, programmi eċċ approvati s'issa? *14/01/2010*

**Tweġiba:** Jiena nfurmata li l-allokazzjoni msemmija ngħatat biex jitwettqu l-proġetti proposti fid-dokument *'Eco-Gozo - a better Gozo' (Proposed Action 2010-2012)*li ġie ppreżentat lill-Kamra mad-diskors tal-*Budget* 2010 fid-9 ta' Novembru 2009. *02/02/2010*

*Letteratura u Storja*

# *"Tristia Ex Melito Gaudo"*

## *L-iskoperta ta' Manuskritt Poetiku Medjevali li jitfa' dawl ġdid u importanti fl-istorja ta' gżiritna*



*kitba ta'* ANTON TABONE

**Dan hu t-titolu ta' ktieb li ġie mniedi ftit ġimgħat ilu u li jikkonsisti f'poeżija magħmula minn 'l fuq minn erba' t'elef vers u miktuba minn bniedem - aktarx Sqalli- li kien eżiljat fil-gżira ta' Għawdex għax seta' kisirha ma' Ruġġieru, ir-re tiegħu. Il-manuskritt oriġinali x'aktarx li nkiteb bejn is-snin 1135 u 1151.**

Il-poeżija hija taħt forma ta' lamentazzjoni fejn l-awtur qiegħed jitlob bil-ħniena lill-Awtoritajiet biex iħalluh joħroġ mill-eżilju li kien impost fuqu, u jirritorna lura. Sadanittant jinsab jirrakkonta, dejjem permezz tal-lamentazzjoni tiegħu, x'sab u x'kien għaddej fil-post ta' l-eżilju, fosthom l-attakk tar-Re Ruġġieru fuq Għawdex. Ismu baqa' mhux magħruf, iżda ċertament kitbitu titfa' dawl ġdid u mill-iktar interessanti fuq l-istorja mdallma ta' pajjiżna tul dak il-perijodu. **U hu ta' interess ikbar għalina l-Għawdxin għax juri li gżiritna sa mill-ibgħad żminijiet tiffigura b'mod prominenti fis-sehem kbir tagħha fis-sawrien ta' l-istorja tal-pajjiż sħiħ.**




Din hi bejn wieħed u ieħor l-introduzzjoni tiegħi ta' kif fhimt jien dan il-ktieb fiċ-ċirkostanzi li sibt ruħi fihom meta ġejt avviċinat biex immexxi diskursata minn *panel* ta' nies preċiżament fl-okkażjoni tat-tnedija tal-ktieb msemmi, fis-sala tal-Ministeru ġewwa Għawdex. Fil-ġimgħa ta' qabel dan, l-istess ktieb kien ra l-*launching* tiegħu ġewwa Malta minn panel taħt it-tmexxija tal-President Emeritu Ugo Mifsud Bonnici. Nistqarr mill-ewwel li meta ġejt avviċinat fuq is-suġġett, ir-reazzjoni mmedjata tiegħi kienet li ma ħassejtnix kompetenti biex nassumi rwol ta' tmexxija ta' diskussjoni fuq materja li b'mod kważi assolut ma kont naf xejn dwarha, ħlief dak li qrajt fil-qosor ħafna f'xi gurnal, inkwantu li **Għawdex seta' kellu Isqof jgħix fih disa' mitt sena ilu**. Għalhekk ħassejt li dan kien ktieb mhux tas-soltu. Speċjali u speċjalizzat f'materja li sa dak il-ħin kienet kompletament estranea għalija. Lil min avviċinani biex immexxi l-*panel* xtaqt użajtlu l-espressjoni bl-Ingliż li *this is all Greek to me* u nitbiegħed mill-impenn. Iżda hu wegħidni li kien sejjer jakkwistali kopja tal-ktieb u possibbilment xi notamenti miegħu sabiex inkun f'pożizzjoni suret in-nies fil-ġurnata miftehma għall-*launching*. Aċċettajt b'kondizzjoni li rrid nara l-affarijiet u nifhimhom aħjar.

Meta l-ktieb wasal f'idejja intbaħt malajr li bla ma ipprevedejt, kont qarribt il-boċċa mal-likk meta fil-bidu ħassejt li l-proġett għat-tnedija kien qisu Grieg għalija! Għax skoprejt li l-element Grieg kien janima l-poeżija u r-rakkont tagħha. Fis-sens li **l-poeżija fl-oriġini tagħha hi miktuba fil-lingwa Griega u tirrakkonta iż-żmien fejn l-influenza Griega u Biżantina kienet tiddomina dik il-parti tal-Mediterran, inkluż pajjiżna.** Per eżempju, fl-introduzzjoni tal-ktieb, skoprejt li għadd ta' kunjomijiet f'pajjiżna ġejjin mill-Grieg bħal Anastasi, Apap, Bonnici, Burlò, Cachia, Calleya, Callus, Coleiro, Camenzuli, Cumbò, Cuschieri, Grech, Kirkop, Mallia, Piscopo, Schembri, Stafrace u oħrajn. Skoprejt li anki l-kelma "Xlendi" ġejja mill-Grieg kif ukoll il-kelma "quċċija"...u "Lapsi". **Il-qofol, iżda li jirriżulta mill-poeżija huma l-versi li juru li f'dik l-epoka il-komunità tal-Insara ġo pajjiżna kienet ikkonċentrata f'Għawdex b'isqof jgħix fil-gżira ukoll. L-implikazzjoni ta' din l-affermazzjoni turi l-eżistenza tal-kontinwità tal-Kristjaniżmu f'pajjiżna minn qabel il-wasla ta' l-Għarab sa wara t-tluq tagħhom u li Għawdex seta' kien dik il-parti tal-pajjiż li salva u ppriserva dik il-kontinwità.**

Ta' min jgħid ukoll li kopja ta' din il-poeżija tinsab fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Madrid fi Spanja. Hu magħruf ukoll li fis-sena 1551, is-sena ta' l-Assedju fuq Għawdex, meta tista' tgħid il-popolazzjoni kollha tal-gżira ngarret lejn Kostantinopli b'ħafna ħwejjeġ u dokumenti jingarru magħha ukoll, dan id-dokument (il-poeżija), setgħet inxtrat fl-istess post u reġgħet bidlet l-idejn iżjed tard f'Palermo jew Messina u spiċċat depożitata f'Madrid.



Fl-introduzzjoni tiegħi fi tnedija tal-ktieb għamilt osservazzjonijiet bil-fehma li nħajjar lill-kelliema fil-*panel* u lil dawk preżenti jersqu lejhom fil-ħin tad-deliberazzjonijiet tagħhom, imma nistqarr bla suċċess. Dawn l-osservazzjonijiet kienu jikkonsistu f'dan li jidher hawn taħt :-

- in-neċessità li r-riċerka fuq ix-xogħol ta' dan il-ktieb għandha tkompli twessa' it-tagħrif u l-għarfien fuq il-perijodu taż-żmien li jkopri l-istess ktieb;
- ir-rikonoxxenza minn kulħadd tax-xogħol kbir u fejjiedi li wettqu l-awturi;
- **li din il-poeżija qed titfa' dawl fuq il-kontinwità tal-preżenza Kristjana f'Għawdex meta din setgħet intilfet fil-frattemp ġewwa Malta**;
- jekk minn dan kollu jistax wieħed jasal għal konklużjoni li fil-perijodu msemmi Għawdex kellu amministrazzjoni separata u distinta minn dik f'Malta, għax altrimenti jkun diffiċli taċċetta li l-Kristjaniżmu kien jinsab taħt persekuzzjoni ġewwa Malta, imma mhux ukoll ġewwa Għawdex;
- **jekk hux qiegħed jiġi ssuġġerit illi l-ħakma Għarbija f'Malta kienet waħda totali, ħafna iżjed milli setgħet kienet f'Għawdex**;
- l-importanza vitali u indispensabbli ta' riċerka fl-arkivji f'pajjiżi tal-Mediterran ta' madwarna bil-għan t'aktar studji fuq l-istorja ta' pajjiżna;
- **jekk wieħed għandux jasal biex jistaqsi jekk il-Kristjaniżmu f'Malta reġax daħal għax din id-darba kien xprunat mill-gżira Għawdxija.**

Il-membri tal-panel kienu l-Monsinjur Joseph Bezzina mogħni bi tliet gradi akkademiċi fl-Istorja, fosthom dottorat fl-Istorja tal-Knisja. Huwa *lecturer* ta' l-Istorja tal-Knisja u tal-Patroloġija fis-Seminarju t'Għawdex, u fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, kif ukoll il-fundatur tal-Arkivju Nazzjonali-Sezzjoni ta' Għawdex. Membru ieħor ta' l-istess panel kien iż-żagħżugħ George-Frans Vella, studjuż tal-Latin u tal-Grieg u li bħalissa qiegħed jagħmel ir-riċerka għal MA fil-lingwa Griega fl-Università. Din ir-riċerka tikkonsisti f'traskrizzjoni u studju ta' parti minn manuskritt li fih priedka ta' San Teodoru. Jinteressa ruħu fl-istorja lokali u bħalissa qiegħed jgħallem il-Latin fis-Seminarju ta' Għawdex. Patri Ġorġ Aquilina OFM kien ukoll jifforma parti mill-panel. Qaddes fl-1964 u ssokta l-istudji tiegħu fil-*Pontificium Atheneum Antonianum* minn fejn kiseb Dottorat fl-Istorja tal-Knisja u żewġ diplomi fl-Arkeoloġija Kristjana u fl-Arkivistika u Diplomatika. Bibljotekarju tal-Provinċja lokali u għal xi żmien ħadem fl-Arkivju ta' l-Ordni ta' S.Ġwann fil-Bibljoteka Nazzjonali. Riċerkatur assidwu u midħla sew ta' l-Arkivji Maltin, ta' Sqallija u ta' l-Arkivju Sigriet tal-Vatikan.

Kienu preżenti waqt it-tnedija tnejn mit-tliet awturi tal-ktieb. Filwaqt li sellimtilhom, fakkarthom fis-seminar li kienu ħadu sehem fih fis-sena 1995, organizzat mill-Ministeru għal Għawdex, miċ-Ċentru tal-Università u mid-ditta *Lowenbrau* Malta bit-tema '*Gozo and its Culture*'. Il-Professur Horatio Vella kien tkellem fuq '*Gozo in classical literature*' u l-Professur Stanley Fiorini fuq '*The Gozitan Milieu During the Late Middle Ages and Early Modern Times.*' Il-parteċipazzjoni tagħhom dakinhar u llum tixhed l-interess li għandhom fuq l-istorja ta' Malta permezz ta' Għawdex. L-awtur l-ieħor tal-ktieb li ma kienx preżenti hu r-Revdu Joseph Busuttil. Is-seminar msemmi kien sar taħt il-patroċinju tal-President tar-Repubblika ta' dak iż-żmien Ugo Mifsud Bonnici li fid-diskors tiegħu kien stqarr li "......*the yeast from Gozo was definitely kneaded into the whole country's assertion of its independent nationhood.*" Stqarrija li toqgħod sew, u tapplika għal kull żmien. **Fil-fehma tiegħi dan il-ktieb jista' jippreżenta manifestazzjoni oħra ta' kif il-gżira ż-żgħira ta' l-Arċipelagu Malti minn dejjem kellha sehem kbir fil-kontribut rilevanti daqs kemm hu indispensabbli, li tat u tibqa' tagħti fil-bini ta' l-istorja ta' pajjiżna.**

*anton.tabone@onvol.net*



*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

*Attivitajiet Speċjali Parrokkjali*

# Il-"Gozo International Celebration"

**Forsi iktar effettivi mill-impressjonijiet tal-kumitat organizzattiv tal-*Gozo International Celebration* innifsu, dwar l-aħħar edizzjoni ta' dan l-avveniment ekumeniku li ilu jsir għal dawn l-aħħar ħames snin fil-parroċċa tal-Qala, huma dawn iż-żewġ kummenti li waslulna dritt wara din iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid, li timmarka l-erbatax l-edizzjoni fil-kalendarju tagħha.**

"L-affarijiet sbieħ: Id-dwal, mill-aqwa. Is-soprano Ruth Portelli kantat l-*Agnus Dei* ta' Bizet f'waħda mill-aqwa interpretazzjonijiet li qatt smajt. Il-pjanista Antoine Theuma u l-pjanista l-ieħor żagħżugħ Matthew Tabone ma setgħux ikunu aħjar. Anki l-organista, Robert Buhagiar, kien tajjeb ħafna. Il-*Joy Gospel Singers* huma tajbin dejjem... Ħallejt apposta għall-aħħar liċ-ċkejknin (u mhux daqstant ċkejknin) tal-*Magnificat Choir* għax għalija kienu r-rivelazzjoni taċ-ċelebrazzjoni ta' din is-sena. Ir-rendiment speċjali ta' "*Maria vogliamo amarti*" tal-Gen Verde kienet tassew tal-ġenn. Is-*souvenier programme* kien tajjeb u informattiv ħafna waqt li l-armar ġenerali tal-knisja għall-okkażjoni speċjalment il-Kurċifiss imdendel u bid-dwal fuqu kien sabiħ ferm" (Nazju Abela).

"*Sincere thanks to all concerned who contributed to another memorable Gozitan International Celebration. Every occasion sets its own high standards and this lovely evening was no exception. We are privileged to see and hear such talents. The Qala Church itself also adds to the charm and splendour of the whole event. Thanks also to the ladies who work tirelessly to produce fresh tasty goodies which are much appreciated. Finally the theme and your message to us all seemed very apt at this time and I am sure touched many hearts. Sincere thanks*" (Effie Brown). Naħseb li kwazi qalu kollox, inżid biss, li anki Mons Isqof f'intervista li ta dan l-aħħar lir-*Radju Leħen il-Qala* wera l-apprezzament tiegħu għal din l-inizjattiva u sejħilha 'espressjoni ta' żminijietna' għax tiġbor l-aspett kulturali ma' l-aspett reliġjuż, filwaqt li tirrispondi għall-impenn li għandu jkollna sabiex insostnu u nippromwovu t-talent lokali. Huwa eku ta' dak li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI kien kitbilna dwar il-*Gozo International Celebration* meta sejħilha '*lodevole iniziativa ecumenica*'. F'ittra reċenti wkoll Mons Isqof niżżel ukoll li hu avveniment mill-iktar nobbli u prestiġjuż.



**Nistqarr magħkom li meta qgħadna bil-qegħda għall-ewwel darba l-*equipe* li sejjaħt biex jaħseb għal xi ħaġa li kellha tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-barranin li jgħixu fil-parroċċa li tagħha kont għadni kemm qed insir arċipriet, ħames snin ilu, ma kellniex f'moħħna x'seta' nħoloq u x'effett kellu jħalli warajh fil-ħajja tal-Knisja u tas-soċjetà. L-idea hemm kienet, ġo fija, imma x-xejra tagħha żviluppat biż-żmien, matul u minn ċelebrazzjoni għal oħra.**



Hekk il-viċi parroku Fr Charles Buttigieg, Dr Raymond Xerri u l-mibki s-Sur Horace Mercieca – li tagħha ħtartu patrun dakinhar tal-funeral tiegħu wara li l-Mulej kien sejjaħlu għalih propju l-jum ta' l-għaxar edizzjoni taċ-ċelebrazzjoni, flimkien miegħi bdejna avventura li nħoss li ma għandhiex ikollha tmiem, għar-raġuni wkoll li hija verament bżonjuża għal żminijietna.

F'erba' snin u nofs ittellgħu 14 il-edizzjoni, tlieta fis-sena, qrib il-Milied, qrib l-Għid u fil-ġranet tal-Festa fis-sajf. Minflok Horace ħa *over* it-tifel tiegħu, Dr Franco Mercieca li mhux inqas minn missieru, li kien verament iddedika saħħtu u l-intelliġenza tiegħu għaliha, hu punt ta' riferiment qawwi għall-iżvilupp u l-konsolidament tagħha.

**Hija l-kultura li nħoss li tista' tkun pont ta' djalogu ma' insara ta' denominazzjonijiet differenti u, billi jattendu wkoll, ma' nies ta' reliġjonijiet differenti u ta' konvinzjoni diversa. Għalhekk il-preżenza tagħhom kienet dejjem waħda inkoraġġanti. Sa l-punt li jekk ikollhom jagħżlu fejn imorru, jippreferu l-*Gozo International Celebration*, bħalma ġara propju fl-aħħar edizzjoni, li minkejja f'Għawdex kien hawn diversi attivitajiet fl-istess ħin, xorta l-knisja kienet mimlija daqs bajda.**

Minkejja li l-programm hu mmirat li jħalli lil kulħadd fil-libertà tat-twemmin tiegħu, jirriżulta dejjem li l-messaġġ kristjan jgħaddi u mhux l-ewwel darba anki min ma jemminx jgħidilna li ntlaqat.

Għalhekk huwa avveniment tant puntwali għal żminijietna għax is-soċjetà tagħna saret waħda multikulturali, pluralista, miftuħa ħafna, u l-GIC, kif insejħulha din l-esperjenza ekumenika, qed tkun risposta għal din id-domanda tas-soċjetà u tal-Knisja li tgħix fiha.

**Il-parroċċa tagħna terfa' il-piż finanzjarju kollu tagħha. Parroċċa benefattriċi kbira għall-Knisja u għas-soċjetà ta' żmienna.**

**Rev. Dr Joe Zammit**
**Arċipriet u Chairman tal-GIC**

# IĊ-ĊELIBAT SAĊERDOTALI FIL-KNISJA KATTOLIKA

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tas-Sollennità ta' San Ġużepp**

**Parroċċa Qala – Il-Ħamis, 18 ta' Marzu 2010**

San Ġużepp ma kienx saċerdot, imma kellu moħħ u qalb saċerdotali! Il-Papa Ġwann Pawlu II sejjaħ lil San Ġużepp bħala "il-kustodju tal-Feddej". Dan it-titlu japplika wkoll għas-saċerdot li huwa l-għassies ta' Kristu, mhux biss billi jgħasses b'ħafna għożża l-Ewkaristija u l-grazzja li huwa jqassam f'isem Kristu kull meta jxandar il-Kelma u jiċċelebra s-sagramenti, imma wkoll meta huwa jgħasses fuq il-poplu t'Alla. Għalhekk, bir-raġun li xieraq li f'din is-sena ddedikata lis-saċerdoti, nirriflettu dwar il-figura tal-Patrijarka San Ġużepp u nitolbu bl-interċessjoni tiegħu ħalli fil-Knisja ta' Kristu s-saċerdot jibqa' jgħix is-sejħa tiegħu bil-fedeltà.

## Id-don taċ-ċelibat

Biex seta' jkun il-kustodju ta' Ġesù, Ġużeppi irrinunzja għall-paternità fiżika. Ġużeppi u Marija kellhom il-pjan li jiżżewġu u jiffurmaw familja, tant li kienu diġà tgħarrsu uffiċjalment; imma mbagħad Alla jidħol fl-istorja tagħhom u jagħżilhom. Lil Marija sejħilha għall-maternità verġinali: hi kellha tnissel il-Verb bil-qawwa tal-Għoli u tibqa' verġni. Minn Ġużeppi, Alla talab li jibqa' verġni u fl-istess waqt jifrex il-paternità affettiva u spiritwali fuq Ġesù. Kien Ġużeppi li għen lil Ġesù jikber fiż-żmien, fl-għerf u fil-grazzja! Ġużeppi jaċċetta li jgħix ħajja kasta biex hekk jintelaq f'idejn Alla u jkun tiegħu f'kollox.

Il-Knisja Kattolika Latina titlob li s-saċerdoti ma jiżżewġux. Huma jibqgħu ċelibi mhux għax boloh, jew għax ma jħossuhomx miġbudin biex jidħlu f'relazzjoni ma' mara u flimkien jibnu familja; imma għax fuq l-eżempju ta' Kristu, is-saċerdoti jibqgħu ċelibi "għas-saltna tas-smewwiet" (Mt 19,12). Minbarra dan l-aspett eskatoloġiku, iċ-ċelibat huwa għajnuna biex is-saċerdot ikun għall-oħrajn, u għalkemm jirrinunzja għal dik il-paternità li hija proprja tal-miżżewġin, huwa jikseb paternità u maternità għax bil-magħmudija u bil-predikazzjoni huwa "jnissel fi Kristu" (1Kor 4,15) u "jħoss l-uġigħ tal-ħlas "sakemm Kristu jissawwar fihom (Gal 4,19). Biex jassigura din il-qalb pastorali, is-saċerdot ċelibi jistinka biex iħobb lil Alla u lill-oħrajn b'qalb sħiħa u għalhekk jaċċetta li mħabbtu ma jaqsamha ma' ebda persuna partikulari!

## Iċ-ċelibat u l-abbużi sesswali

Kemm iċ-ċelibat saċerdotali kif ukoll iċ-ċelibat li jħaddnu dawk li jikkonsagraw ruħhom lil Alla u persuni oħra li huma mogħtija għal Alla – bħalma huma s-Soċji tal-Museum –, ma jinftiehemx jekk ma jkunx hemm viżjoni ta' din il-finalità sopranaturali. Mhux għaġeb li Ġesù ma kienx mifhum! Mhux biss in-nies ta' żmien Kristu ma fehmux il-valur taċ-ċelibat, imma lanqas in-nies ta' żmienna! Ngħid dan mhux għax għandi xi dubju mill-konvinzjoni li għandhom is-saċerdoti tagħna dwar iċ-ċelibat, imma għax inħossni ippreokkupat bid-diskors li għaddej mhux biss fl-Ewropa, bħal fil-każ tal-Ġermanja, tal-Iżvizzera u tal-Irlanda, imma wkoll f'pajjiżna – diskors maħsub biex jiskredita ċ-ċelibat tas-saċerdot Kattoliku. Bħalissa, anke f'pajjiżna, hawn mewġa kontra s-saċerdozju bl-akkużi ta' saċerdoti involuti fil-pedofilija u l-omosesswalità. Dan ngħidu b'għafsa ta' qalb għax inħoss għas-saċerdoti u għall-Knisja.

## Kampanja ta' attakki kontra l-Knisja

Waqt li f'pajjiżna aħna qed inħejju għaż-żjara fostna tal-QT il-Papa Benedittu, fuq ix-xefaq għaddejja kampanja kontra tiegħu. Xi wħud qed jippruvaw jimplikawh f'inċident ta' saċerdoti pedofili u omosesswali. It-tajn li qed jitfgħu fuq is-suttana bajda tal-Papa huwa ħmieġ li jriduh jaqbad mal-Knisja! Nidrob ir-ragħaj biex il-merħla tixxerred (ara Mt 26,31)! Dan il-ħmieġ qed jitwaddab lejn il-Knisja bil-ħsieb li jkissru l-awtorità morali tal-Knisja u jnisslu dubji serji dwar l-attendibbiltà tad-duttrina Nisranija! Il-filosofu Taljan Marcello Pera ddeskriva dan il-fenomenu bħala kampanja tal-lajċiżmu kontra l-Kristjanità! Jekk nagħtu ħarsa lejn l-istorja reċenti, nintebħu li maż-żmien tbiddlu l-mezzi li bihom sar l-attakk imma l-għan baqa' dejjem l-istess: il-qerda tat-twemmin Nisrani. Marcello Pera jkompli jikteb li din il-kampanja mhix biss aggressjoni fuq il-Papa, imma wkoll fuq id-demokrazija – "jekk il-Kristjaniżmu jinqered, l-istess demokrazija tintilef".

Dan l-aħħar smajna li mhux biss San Pawl kellu tendenzi omosesswali, imma anke San Ġorġ Preca kellu dan l-orjentament. Dawn kalunnji serji! Verament meraviljuża r-raġuni li ngħatat biex tfisser il-fatt li n-numru tas-seminaristi fi żmienna naqas: għax snin ilu fis-seminarju kienu jidħlu dawk li għandhom orjentament omosesswali! F'dan kollu hemm aġenda malizzjuża biex jiskreditaw is-saċerdot u l-Knisja!

## Quddiem il-periklu ta' abbużi sesswali

Xejn ma nistgħaġeb jekk 'il quddiem jiġi xi ħadd u jgħidilna biex ma nibagħtux lil uliedna għad-duttrina jew il-Museum; biex it-tfal tagħna ma jibqgħux jaqdu l-artal bħala abbatini; biex ma nħalluhomx imorru fl-iskejjel tal-Knisja... għax jistgħu jmissuhom!!!

Mhux qed ngħid li fil-Knisja ma hemmx dawn il-perikli! Imma nixtieq nara fi ħdan kategoriji u professjonijiet oħra fis-soċjetà tagħna dik l-istess rigoriżità u serjetà li għandha l-Knisja llum biex imġibiet bħal dawn jiġu mrażżna. Filwaqt li għal darb' oħra nikkundanna kull forma ta' abbuż sesswali, partikularment fuq il-minuri, nagħti kelma li meta nkun naf b'imġieba bħal din fil-kamp pastorali, jien naġixxi. Min-naħa l-oħra, mhux ġust li jekk jiżbalja wieħed, miegħu jeħel kulħadd.

### It-teżor taċ-ċelibat

Għalhekk huwa provvidenzjali li llum qed niċċelebraw din is-sollennità ta' San Ġużepp – għax San Ġużepp għandu messaġġ attwali ħafna li jgħinna nifhmu din id-dimensjoni ċelibatarja tas-saċerdot Kattoliku. Nitlobkom twieżnu lilna s-saċerdoti bit-talb tagħkom biex aħna nħarsu dan it-teżor taċ-ċelibat u ngħixu bil-fedeltà s-sejħa tagħna. Nitlobkom ukoll biex ikollkom għarfien ta' dawk li jagħtu lilhom infushom lil Alla, partikularment tas-saċerdoti.

# *IL-MIRAKLU TAL-MAĦFRA*

**Diskors ta' Mons. Isqof Mario Grech f'nofs ta' nhar ta' spiritwalità għas-Saċerdoti**

**Knisja Ragħaj it-Tajjeb, Victoria – Is-Sibt, 20 ta' Frar 2010**

Fl-Evanġelju naqraw li qabel ma kien jagħmel xi miraklu, Ġesù ġie li kien jieqaf jitlob, bħal meta ħall l-ilsien ta' dak li kien trux u mbikkem (cfr. Mk 7,31-37). Aħna s-saċerdoti wkoll nagħmlu miraklu u nħollu l-bniedem mill-irbit tad-dnub meta naħfru d-dnubiet fis-sagrament tal-qrar. Għandna d-drawwa li qabel nibdew inqarru nieqfu nitolbu lil Alla jgħinna? Niftakar lill-Isqof Cauchi jgħidilna li wieħed minn zijietu l-qassisin kellu d-drawwa li qabel jidħol fil-konfessjonarju, jieqaf jitlob lill-Ispirtu s-Santu jgħinu waqt il-qrar! Kemm tkun ħaġa f'waqtha kieku meta nkunu ser neżerċitaw il-ministeru tal-maħfra nagħmlu pawsa mentali u nitolbu lil Alla jgħinna!

Tkun telfa kbira għas-saċerdot kieku jitlef il-fakultà li jqarar jew jiġi sospiż milli jqarar! Imma f'ċertu sens nistgħu ngħidu li fil-prattika l-fakultà li nqarru qed tixxejjen għaliex kull ma jmur in-numru ta' dawk li jersqu għall-qrar qiegħed dejjem jonqos! X'jiswa li jkollok il-fakultà li tqarar jekk il-penitenti ma jersqux għall-qrar? Hemm diversi motivi għaliex qed tinfirex din id-diżaffezzjoni lejn iċ-ċelebrazzjoni tal-qrar! Għax jekk il-bniedem ta' llum qed jitlef is-sens t'Alla, tiftiehem għaliex imbagħad wieħed ma jħossx li għandu jersaq jitlob maħfra lil Alla! Min-naħa l-oħra, jekk jonqos is-sens t'Alla, jonqos ukoll is-sens tad-dnub. Għal dak il-bniedem li ma jafx x'inhu dnub, il-qrar huwa żejjed. Barra minn hekk il-kultura ta' llum tagħti ħafna importanza lill-awtonomija u l-libertà tal-persuna u għalhekk sar aktar diffiċli li persuna tammetti li xi forma ta' kejl etiku hu meħtieġ biex jorjenta l-imġieba tagħha.

Raġuni oħra li tagħmel is-sagrament tal-qrar irrelevanti hija għarfien żbaljat dwar il-Knisja! Għax jekk il-Knisja tiġi meqjusa bħala istituzzjoni umana mbattla minn kull element divin u spiritwali, x'motiv jista' jkun hemm biex wieħed joqgħod għas-"setgħa" tal-Knisja li tista' torbot u tħoll? Huwa fatt però li ħafna jiffurmaw idea ta' Knisja skont ix-xhieda li jagħtu l-Insara, partikularment aħna s-saċerdoti. Il-fatt li l-qrar xi drabi jiġi ċċelebrat b'ċerta għaġġla u medjokrità, bħala ħaġa tas-soltu u fl-anonimat ċertament huwa fattur li jinfluwenza b'mod negattiv il-pastorali tal-qrar. F'ċerti każijiet, il-post fejn u l-mod kif saċerdot jilqa' lil penitent, jiddesagralizza l-istess sagrament! Żgur li mhux tollerabbli li esperjenza daqshekk intima bħal ma hija l-qrara ssir f'sagristija f'waqt li din tkun qisha pjazza bin-nies preżenti! Lanqas ma juri serjetà jekk is-saċerdot iqarar waqt li jkun jagħmel attività oħra!

Imbagħad irridu ngħidu li ċerti individwi jaħarbu l-konfessjonarju minħabba xi esperjenza qarsa li huma stess jista' jkollhom tal-qrar. Sfortunatament il-każijiet meta l-konfessur ikun irresponsabbli fi kliemu u għemilu u jabbuża mis-setgħa divina afdata lilu mill-Knisja ma niltaqgħux magħhom biss fil-kotba tal-morali!

Fl-Ittra Appostolika *Novo millenio ineunte* il-Papa Ġwanni Pawlu II kien talab *"un rinnovato coraggio pastorale ..... perché la quotidiana pedagogia delle comunità cristiane sappia proporre in modo suadente ed efficace la pratica del sacramente della Riconciliazione"* (n.37). Dan il-kuraġġ pastorali mġedded biex inkunu nistgħu nipproponu ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-qrar b'mod li tikkonvinċi lil dawk li huma diffidenti dwarha u tkun aktar effikaċi, neħtieġuha fid-djoċesi tagħna wkoll. Infatti, fil-Pjan Pastorali ta' dawn it-tliet snin jingħad li s-sena li ġejja l-Knisja f'Għawdex hija mpenjata li tagħmel analiżi u riflessjoni dwar kif qed jiġi ċċelebrat dan is-sagrament bil-għan li nagħmlu r-riformi meħtieġa (cfr. paragrafi 57-59).

L-eżempju ta' Ġesù f'din il-materja jista' jdawwalna. Kontra l-prassi reliġjuża ta' żmienu, Ġesù applika l-metodi tiegħu kif jersaq lejn il-midneb biex jgħinu jerġa' jitħabbeb mal-Missier. Il-parabboli tal-ħniena jagħtuna indikazzjoni dwar dan: kien imur ifittex in-nagħaġ il-mitlufa; il-missier tal-iben il-ħali joħroġ minn daru biex imur jiltaqa' ma' ibnu ġej; eċċ. L-attitudni ta' Ġesù mal-midneb issorprendiet lit-teoloġi u lill-kanonisti ta' żmienu! Imma mqanqal mill-imħabba lejn il-bniedem mgħaffeġ taħt it-toqol tad-dnub, Kristu jagħmel minn kollox u kien lest li jkisser l-"iskemi pastorali" ta' żmienu, basta jgħin lill-midneb jindem u jerġa' lura. M'iniex ngħid li din il-pastorali mġedda tas-sagrament tal-qrar għandha b'xi mod tkun f'kuntrast mat-tagħlim u l-linji li tagħtina l-Knisja; imma filwaqt li nfittxu noqogħdu għall-Maġisteru, ċertament hemm spazji li għandna nesploraw u nieħdu dawk l-inizjattivi biex dan is-"sagrament tal-konsolazzjoni" ikun it-talba tal-kotra.

Flimkien mad-definizzjoni klassika tal-konfessur bħala "mħallef" u "tabib", nixtieq li nikkontemplaw il-konfessur bħala "għalliem-edukatur", għaliex fid-djalogu penitenzjali li jsir waqt il-qrara huwa jsib ruħu f'sitwazzjoni privileġġjata fejn iwassal fil-widnejn tal-penitent il-messaġġ morali evanġeliku! Waqt il-qrar, il-konfessur mhux biss jaħfer id-dnubiet, imma huwa jeduka l-kuxjenza tal-penitent. Infatti, kif jitlob minna r-Rit tal-Penitenza (1974), l-ewwel xewqa biex wieħed jersaq għas-sagrament tal-penitenza titnissel mis-smiegħ tal-Kelma t'Alla għax hija din il-Kelma li tqanqal għall-indiema u ġġib il-konverżjoni. I lija ħasra li llum il-ġurnata, minħabba t-tellieqa mal-ħin, ssagrifikajna li naqraw silta qasira tal-Kelma t'Alla waqt il-qrara, bir-riskju li l-qrar jiġi ridott għal sempliċi ritwalità!

Fl-Ittra Pastorali ta' dan ir-Randan, aħna l-isqfijiet għamilna sejħa lill-Knisja f'pajjiżna biex "nagħrfu lil Alla bħala l-ewwel edukatur u li ma nibżgħux nidħlu fir-relazzjoni edukattiva li huwa jixtieq iwaqqaf magħna". Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni hija waħda minn dawk il-mumenti sagri fejn tista' ssir esperjenza ta' din "ir-relazzjoni edukattiva" ma' Alla! Bħala medjatur bejn Alla u l-bniedem, konfessur li jrid iwettaq bil-fedeltà l-ministeru tiegħu, jaf iħalli lil Alla jnebbħu x'għandu jgħid f'isem Alla huwa u jwaqqaf din ir-relazzjoni edukattiva mal-penitent. Huwa fatt li l-effikaċja ta' dan is-sagrament tidher mhux biss fil-maħfra imma wkoll skont kemm il-penitent jikber jew jimmatura spiritwalment. Biex jevita kull bixra ta' maġija u awtomatiżmu fil-qrar, jixraq li l-penitent possibbilment jersaq għand l-istess konfessur u dan isegwi l-progress spiritwali u morali tal-penitent!

Kif jgħid Karl Rahner, "biex tkun konfessur tajjeb trid tkun penitent tajjeb". Bħall-bqija tal-bnedmin is-saċerdot ukoll għandu bżonn jersaq jitlob maħfra; imma hemm ir-riskju li billi minħabba l-ministeru tiegħu hu jmiss b'idejh id-dnub tad-dinja, faċli ma jibqax sensibbli għall-gravità tal-offiża tad-dnub, inkluż id-dnub tiegħu stess! Meta ftit ilu miet wieħed mis-saċerdoti tagħna, il-Kan Dun Ġwann Scicluna, smajt xi ħadd jgħid li kienu ħafna dawk is-saċerdoti li kienu jqerru għandu! Ħaġa sabiħa! Nitlob lil Alla biex iqajjem minn fostna ministri li bħala konfessuri joffru d-disponibbiltà tagħhom għas-saċerdoti!

F'din is-sena saċerdotali, il-Papa tana bħala mudell lill-Kurat t'Ars, li l-Papa Ġwanni Pawlu II sejjaħlu "martri tal-konfessjonarju". Fl-istorja ta' ħajtu nsibu li darba, waqt li kien fil-konfessjonarju, San Ġwann Marija Vianney kien avviċinat minn persuna li staqsietu għaliex kien qiegħed jibki. It-tweġiba tiegħu kienet: "Qed nibki għal dak li intom ma tibkux għalihom". Xi ħaddieħor staqsieh: "Għaliex tagħti penitenzi żgħar?" U l-Kurat wieġbu: "Nagħti penitenza żgħira biex il-bqija nagħmilha jien".

Għeżież saċerdoti, filwaqt li sinċerament nirringrazzjakom għad-dedikazzjoni tagħkom biex bħala konfessuri b'ħafna mħabba, umiltà u għerf, tħabbu lin-nies tagħna ma' Alla, inħeġġiġkom biex bħall-Kurat t'Ars tkunu martri tal-konfessjonarju. Din l-esperjenza, li tqegħidna wiċċ imb'wiċċ mad-dnub tad-dinja, ma tistax tħallina indifferenti, la quddiem Alla offiż mid-dnub tal-bniedem u anqas quddiem il-midneb ferut bi dnubu stess. Quddiem din ir-realtà mċaħħda mill-ġmiel tal-grazzja, anke jekk attwalment qed nistennew li joħroġ mis-Santa Sede d-Direttorju għall-Konfessuri u d-Diretturi Spiritwali, naraw x'għandna u x'nistgħu nagħmlu biex il-miraklu tal-maħfra jfejjaq lil ħafna.

# NIĠĠIELDU L-FAQAR

**Omelija tal-Isqof Mario Grech fil-festa popolari tad-Duluri**

**Pjazza Indipendenza, il-Belt Victoria, il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu 2010.**

Fix-xbieha ta' Marija Addolorata b'binha f'riġlejha nilmaħ lil Kristu li ftaqar u sar bniedem bħalna f'kollox minbarra fid-dnub, nilmaħ il-mara li tant ftaqret li tat lill-Iben il-waħdieni tagħha biex jurina mħabbtu fuq is-salib, imma nosserva wkoll li Marija ġarrbet dan id-dulur minħabba l-azzjoni vjolenti li għamlet is-soċjetà fqira ta' dak iż-żmien!

Għax minbarra l-komponent materjali u finanzjarju, il-faqar jinkludi wkoll elementi relazzjonali, etiċi u spiritwali. Huwa tajjeb li bħalissa fis-soċjetà tagħna għaddejja diskussjoni dwar il-faqar materjali, imma ma rridux ninsew aspetti oħra tal-faqar li huma daqshekk ieħor gravi!

Soċjetà affluwenti tista' tkun fqira! Għax meta l-ġid materjali ma jitqiesx bħala mezz biex il-bniedem jista' jgħix, imma jitqies bħala skop fih innifsu, l-istess ġid materjali jsir kawża ta' faqar! Jekk il-benessri jieħu post il-ħajja, fis-sens li ngħixu biex ingeddsu l-ġid u mhux ikollna l-ġid biex ngħixu, l-istess ġid jitlef in-natura tiegħu u jsir xi ħaġa perversa.

L-użu ħażin tal-ġid u l-konsumiżmu jafu jwasslu għal ħajja fqira f'dak li jirrigwarda t-tifsira u l-ideali għolja tal-ħajja umana! Filfatt hemm ir-riskju li min hu ħalqu fix-xgħir jittraskura l-ħtiġijiet tal-oħrajn. Min għandu faċli jħossu sid ta' kulħadd u ta' kollox, anki tal-ħolqien, tant li kapaċi jagħmel ħsara ambjentali li ma titranġax!

Għalhekk, jekk in-nuqqas ta' żvilupp inissel il-faqar, hekk ukoll is-"supražvilupp" li seħħ f'pajjiżna jista' jkollu konsegwenzi negattivi, għax jekk ma noqogħdux attenti jista' jikkaġuna sottożvilupp morali, u dan jista' jkun kawża ta' ħafna tbatija.

Fostna għandna faqar tal-qalb. Jekk ħafna bwiet huma mimlija, ħafna qlub nixfu u ftaqru! Sirna nibżgħu nħobbu,

għax l-imħabba veru tiswa prezz għoli. Dan narawh fil-familji, fejn minħabba l-faqar tal-qalb jiddgħajfu r-relazzjonijiet bejn il-miżżewġin kif ukoll ir-relazzjonijiet bejn l-ulied u l-ġenituri. Qalb fqira mhix kapaċi tieħu l-impenn li ddur bil-marid, l-anzjan jew il-moribond; anzi tasal biex temarġina lil ħaddieħor minħabba t-twemmin, il-kulur jew l-orjentament sesswali! Il-faqar affettiv jirrendi lill-bniedem iebes biex jaħfer.

Minkejja li nfirex it-tagħlim, għandna magħna wkoll faqar kulturali. Kif għidna fl-Ittra Pastorali tar-Randan, jidher li għalkemm il-bniedem illum sar jaf jaqra, donnu għandu diffikultà biex jaqra l-istorja ta' ħajtu u tal-ġens tiegħu; għalkemm il-bniedem kapaċi jgħodd in-numri, donnu qed jinfixel xħin jiġi biex jagħmel is-somom tal-ħajja tiegħu. Mogħni bl-għerf tax-xjenzi u t-teknoloġija, il-bniedem wasal biex isib tarf ta' ħafna kobob imħabbla, imma fl-istess ħin il-kobba ta' ħajtu aktar qed iħabbilha! L-irjieħ ta' kultura lajċista u materjalista li qed jonfħu fostna, ħolqulna dubji serji dwar min hu tassew il-bniedem. Jekk mhux f'konfront ma' Alla, il-bniedem ma jistax jifhem lilu nnifsu. Dilemma antropoloġika bħal din tiġġenera l-faqar!

Filwaqt li x-xjenzi għamlu passi ta' ġgant 'il quddiem, qed insofru minn faqar xjentifiku, għax għandna xjenzi mingħajr ilġiem etiku. Meta x-xjenza tkun bla ruħ, allura ssir perikoluża, għax daqskemm tista' tkun ta' servizz għall-bniedem daqshekk ieħor tista' tinqeda bil-bniedem. Għandu jħassibna l-fatt li fis-sena 2008 fl-Ewropa kien hawn sterminju ta' tliet miljun tarbija fil-ġuf. Hija din iċ-ċiviltà li qed joħloq l-iżvilupp fl-Ewropa?

Imbagħad jeżisti faqar spiritwali. Illum moħħ il-bniedem tant sar jaħseb f'dak li huwa materjali li tilef il-kapaċità li jikkontempla lil Alla. Il-ġid materjali tant ħoloq aljenazzjonijiet li mbagħad il-bniedem għażel li jwarrab l-ogħla ġid: lil Alla nnifsu! Jekk il-bniedem jelimina lil Alla minn ħajtu hemm aktar riskju li huwa jsir lupu li jaħtaf lil ħutu l-bnedmin. Waħda mill-konsegwenzi tal-faqar spiritwali hija li l-bniedem jitlef is-sens tad-dnub.

Huwa minnu li fejn hemm il-faqar materjali hemm probabbiltà li jkun hemm faqar morali; imma huwa minnu wkoll li fejn kotor il-ġid materjali faqqas is-sottożvilupp morali! Ikun xieraq li f'din is-sena Ewropea ddedikata biex jinqerdu l-faqar u l-esklużjoni soċjali jsir sforz individwali u kollettiv biex nippruvaw negħlbu l-faqar fis-sens wiesa' tal-kelma. Biex id-devozzjoni lejn Marija Addolorata tkun awtentika, u mhux waħda sentimentali u kulturali, ma nistgħux ma nisseħbux f'din il-kampanja, għax inkella l-faqar jibqa' joħloq tbatija u duluri ġodda.

# KULTURA LI TAGĦTI VALUR LILL-ĠISEM UMAN

**Messaġġ tal-Isqof Mario Grech fl-inawgurazzjoni u tberik tal-gym ġdid fl-iSports Complex tar-Rabat, is-Sibt, 27 ta' Frar 2010.**

"Id-domanda għal aktar faċilitajiet li joffru eżerċizzi fiżiċi hija pożittiva għax ifisser li qed tikber il-kultura li tagħti valur lill-ġisem uman! Għax jekk il-ġisem huwa b'saħħtu, il-bniedem ikun b'saħħtu. Imma l-bniedem mhux ġisem biss, imma huwa ġisem u spirtu; u jekk l-ispirtu jkun għajjien jew marid, fiżikament il-bniedem lanqas ikun f'postu. Il-'jien' mhux il-ġisem biss, imma l-ġisem huwa meħtieġ biex il-'jien' jesprimi lilu nnifsu u jikkomunika mal-oħrajn! Għalhekk huwa dmir morali tal-bniedem jieħu ħsieb tal-fiżiku tiegħu.

Il-ġisem tal-bniedem huwa dejjem ġisem: kemm meta wieħed ikun ta' mezz'età, kemm jekk ikun anzjan, kif ukoll jekk ikun għadu kif tnissel fil-ġuf! Importanti l-konsistenza: jekk qed ninvestu f'aktar *gyms* għax inħossu l-bżonn li nikkuraw il-ġisem, imbagħad ma nistgħux niddeċiedu li neqirdu l-ġisem, la bl-abort u anqas bl-ewtanasja.

Aspett importanti tal-ġisem hija s-sesswalità, li permezz tagħha r-ragel u l-mara, li huma kumplimentari, jirrelataw ma' xulxin f'kuntest ta' mħabba. Sfortunatament, minħabba nuqqas ta' għarfien tal-valur veru tal-ġisem, kif ukoll għax il-bniedem fl-egoiżmu tiegħu kapaċi jabbuża mill-ġisem tiegħu u ta' ħaddiehor, is-sesswalità tbattlet mit-tifsira tagħha bħala espressjoni nobbli u qaddisa tal-imħabba vera! Il-persuna li tħobb mhix dik li taf it-teknika tal-att sesswali jew li tfittex is-sodisfazzjon tagħha 'l barra mill-kuntest interpersonali u d-disponibbiltà għad-don tal-ħajja! Imma raġel iħobb tassew lil martu jekk permezz tal-fiżiku tiegħu hu jingħata lilha.

Nawgura li f'pajjiżna din il-kultura favur il-ġisem tqanqal interess biex infittxu għarfien aktar dwar il-bniedem. It-"teoloġija tal-ġisem" tista' tgħin ħafna fl-edukazzjoni għat-tifsira vera kemm tal-ġisem tal-bniedem kif ukoll tas-sesswalità".

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.

*Tħejjija għall-Miġja tal-Papa*

*Tliet Papiet fl-Istorja t'Għawdex*

# IL-PAPA PIJU IX

## Il-Fundatur tad-Djoċesi tagħna



*kitba ta'* Fr. GEOFFREY G. ATTARD

**Giovanni Mastai Ferretti twieled fis-Senegallja nhar it-12 ta' Mejju, iben il-Konti Girolarmo Mastai Ferretti u Caterina Solazzi. Huwa studja f'Volterra u kien ordnat saċerdot nhar id-19 ta' April 1819. Bħala student mhux reġistrat, hu kien akkumpanja lil Mons. Giovanni Muzi, delegat appostoliku għar-Repubbliki ta' Chile u Perù fuq vjaġġ appostoliku twil u diffiċli. Kien ikkonsagrat isqof ta' Spoleto nhar it-3 ta' Ġunju 1827 u mexxa din il-belt waqt ir-rewwixti rivoluzzjonarji tal-1831, wara li kienet ipproklamata sistema ta' paċi u moderazzjoni. Il-Papa Girgor XVI imbagħad ħatru isqof ta' Imola nhar is-17 ta' Diċembru 1832. Ħatru kardinal bit-titlu ta' San Pietru u San Marċellinu fl-1840. Kien f'din il-kapaċità li ħa sehem fil-konklavi ta' nhar l-14 ta' Ġunju 1846 li ħareġ minnu papa.**

*Karattru*

Monsinjur Balan, wieħed mid-diversi kittieba li ħallielna kitbiet dwar il-karattru u l-personalità ta' dan il-Papa,



tana deskrizzjoni interessanti tiegħu. Hu jgħid li Papa Piju kien bniedem ta' virtù singulari. Kien bniedem ta' pjetà u ta' safa u l-karattru tiegħu kien wieħed moderat u mimli bil-kompassjoni. Fl-istess waqt, fil-kwistjonijiet politiċi, Papa Piju kien bniedem ta' fermezza u anke espert. Kien kapaċi jifhem il-kundizzjonijiet diffiċli tas-soċjetà ta' żmienu u kellu esperjenza personali ta' diversi diffikultajiet u b'mod speċjali tas-setet li kienu jattakkaw il-Knisja f'dak iż-żmien. Kien imħarreġ fid-dixxiplina ekkleżjastika, kien elokwenti u sobriju u b'personalità attraenti. Il-Papa kien bniedem ta' qalb tajba u ma kont issib fih ebda ħjiel ta' favoritiżmu jew nepotiżmu; dan kien meqjus valur kbir fih innifsu f'dawk iż-żminijiet. Kien ukoll ġeneruż u jħobb jagħti l-għajnuna lil min isib ruħu fil-bżonn; kien jipproteġi b'qawwa lill-batuti u mimli b'sens ta' affezzjoni u ta' kuxjenza singulari delikata. Kellu fuq kollox devozzjoni speċjali lejn il-Verġni Marija u lejn San Ġużepp.

*Suċċessur ta' Pietru*

L-inkurunazzjoni sollenni tal-Kardinal Giovanni Mastai Ferretti seħħet nhar il-21 ta' Ġunju f'bażilika ffullata. Hekk kif qagħad bil-qiegħda fuq it-tron papali, indaqqet l-antifona *Corona aurea super caput eius* u l-Kardinal Riario Sforza qiegħed fuq ir-ras tal-Papa t-tjara papali magħrufa bħala trirenju. Il-Prinċep Torlonia ħallas l-isparar kollu li sar u li dawlu Piazza del Popolo.

Ħafna minn dak li nafu dwar dan il-Papa, nafuh minn dak li nkiteb dwaru. Fost dawn insemmu l-Kardinal Gizzi li wasal f'Ruma fi tmiem Awwissu fl-1846 u ntagħżel minnu sabiex ikun Kardinal Segretarju tal-Istat. Dan il-prinċep tal-Knisja kiteb hekk dwar l-ewwel laqgħa tiegħu mal-Papa l-ġdid:

"**Ħassejtni tassew imqanqal mit-tjubija li l-Papa laqagħni biha. Imtlejt bl-ammirazzjoni għan-nobbiltà tas-sentimenti tiegħu u għall-mod kif hu kien qed jaqdi l-uffiċċju li Alla kien afdalu. Stajt nifhem li kienet ix-xewqa kbira tiegħu li jdaħħal fl-amministrazzjoni tal-istat dawk ir-rimedji li ż-żminijiet kienu jitolbu, u li fl-istess waqt ma xtaqtx li jkun ikkundizzjonat mill-ġrajjiet ta' madwaru.** Papa Piju IX tkellem miegħi b'serenità liema bħalha u wera li kien qed jifhem sewwa l-gravità taċ-ċirkostanzi li fihom kienet tinsab l-Italja. Hu ma warrabx minn quddiemu l-ġrajjiet li kienu qed iseħħu madwaru imma

dejjem fittex li jqiegħed il-fidi tiegħu f'Alla sabiex jgħinu fit-tempesta qalila li kien dieħel għaliha".

**Il-personalità tal-Papa l-ġdid kienet waħda magħmula minn tjubija u ħlewwa li mal-ewwel daqqa t'għajn setgħu jidhru bħal dgħufija u forsi wkoll sempliċità; it-tendenzi riformisti tal-familja tiegħu kienu magħrufa minn kulħadd. M'hemmx dubju li Papa Piju beda l-pontifikat tiegħu mħeġġeġ b'sens qawwi ta' riforma u tibdil – mażżmien, wara li beda jilmaħ u jifhem il-kumplessità tal-problemi politiċi fl-Ewropa u fl-Italja, hu kellu jibdel din it-tattika hekk li sar ferm konservattiv. Fil-konklavi kien hemm min kien kontra tiegħu minħabba li oriġinarjament kien meqjus liberali u fost dawn insemmu lill-Kardinal Lambruschini li kien segretarju tal-istat tal-Papa Girgor XVI. Ħafna kienu dawk li ħasbu li mal-wasla ta' Papa Piju IX, il-Knisja u r-Rivoluzzjoni kienu sa jaslu għal ftehim komuni.**

*Żminijiet diffiċli*

Is-sena 1848 tibqa' magħrufa fl-istorja tal-Ewropa bħala "is-sena tar-rivoluzzjonijiet". Il-Papa kellu jħalli l-Vatikan. Dakinhar il-Gvern Ingliż kien indaħal fil-kwistjoni u saħansitra offra lill-Papa li jiġi joqgħod Malta. Imma minflok il-Papa kien mar Gaeta fejn kien intlaqa' mir-Re ta' Napli. Piju IX kien telaq bil-moħbi minn Ruma nhar l-24 ta' Novembru 1848 u dakinhar kien qed jgħix fil-Quirinale. Dwar dan il-Papa, il-Prinċep Von Metternich stqarr hekk: "Minn meta tqiegħdet fuq rasu t-tjara papali, Papa Piju nqabad f'xibka li issa ma jafx kif sa jaqbad joħroġ minnha. Jekk l-affarijiet ikomplu sejrin hekk, hu sa jkollu jħalli Ruma f'karozzella".

Il-ħarba ta'Papa Piju barra minn Ruma ma kienet xejn inqas avventuruża mill-ħarba ta' Lwiġi XVI ta' Franza lejn Varennes fl-1792 imma b'xorti tajba, l-esperjenza ta' Papa Piju kellha tispiċċa aħjar. Madankollu l-effetti ta' din il-ħarba, il-Papa qatt ma seta' jinsihom u m'hemmx dubju li nfluwenzaw il-kors tal-pontifikat imqalleb tiegħu.

*Id-djoċesi Għawdxija*

**Fostna l-Maltin, il-Beatu Papa Piju IX jibqa' magħruf l-aktar bħala l-fundatur tad-djoċesi ta' Għawdex. L-Għawdxin kienu ilhom jitħabtu biex ikollhom djoċesi. L-aktar żewġ persuni li ħadmu għaliha kienu Sir Adrian Dingli u Mons. Pietru Pace, saċerdot mir-Rabat t'Għawdex. Wara ġrajja twila ta' qtigħ il-qalb u kuraġġ, id-djoċesi għal Għawdex waslet nhar Settembru 1864 u l-Knisja Kolleġġjata Matriċi tal-Assunta mdawra mill-ħitan taċ-Ċittadella, saret il-Katidral tad-Djoċesi l-ġdida. Dun Mikiel Franġisk Buttiġieġ sar l-ewwel isqof ta' Għawdex.**

**Mafkar ta' Papa Piju jinsab fuq il-presbiterju tal-Knisja Katidrali t'Għawdex li huwa tifkira dejjiema** tar-rabta ta' dan il-Papa qaddis mal-gżira tagħna.

# *Talba tal-1990*

**– lill-Papa Ġwann Pawlu II waqt il-Viżta Pastorali tiegħu fil-Gżejjer Maltin, 1990**

Għal jiem it-Tlugħ Rebbieħ fis-Sema tiegħU
U nżul l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli
– Festi li nfakkru b'għożża aħna l-Maltin –
L-Id il-Moħbija għażlet fis għalina
Li tiġi żżurna, għażiż maħbub missier;
Tiġi biex tara u tisma', tiġi fostna,
Tiġi tiltaqa' magħna kbar u żgħar,
Tiġi turina kif itkun l-imħabba,
Tiġi turina fejn meħtieġ li nsewwu,
Tiġi turina l-għożża għalina f'qalbek,
Tħeġġeġ ġo qlubna x-xrara li kien kebbes fina
Pawlu ta' Tarsu żmien twil ilu, 'il bogħod.

Missier ħanin, bi lsien stramb għalina,
Imma bid-don tal-Ilsna nifhmu lkoll,
Ħares b'għajnejn ta' ħniena lejna u tbissem
Inti u għaddej bil-pass fostna l-Maltin;
Nissel ġo fina dik l-imħabba t'għaqda
Li fil-Lvant waqqgħet ħajt ta' firda u saħta,
Dewbet mibegħda u kissret ktajjen jasar,
U wriet biss f'Alla t-tama tal-bnedmin.

Inti u għaddej mit-toroq ta' dal-Gżejjer
Tara li mħarbta, żgħar, u dojoq, mgħawġa;
Imma t-triq tagħna Nsara, waħda, nafu;
It-triq li tagħha inti dawl sabiħ!

Inti u għaddej fil-bliet u r-rħula tagħna
Tisma' l-ilsien li Luqa 'berbru' sema';
B'leħinna għoli nfissru l-qalb u l-moħħ.
Biss qalbna tħabbat, demmna jbaqbaq jaħraq,
U nafu nkunu aħwa ta' kulħadd.

Inti u għaddej bejn raba', saqwi, u xagħri,
Tara b'għajnejk u tifhem għaliex xierfa
Nikbru fil-fehma u b'ġildna samranija;
Imma minn ġewwa qalbna taf tinfetaħ,
Twieġeb bil-ħerqa għal sejħet il-Mulej.

Għażiż Ragħaj twajjeb, l' għoġbok tiġi fostna,
Għallimna nħobbu kif int lil Marija.
Għallimna ninżgħu l-interess f'dil-ħajja,
U nwettqu fina Pentekoste ieħor,
Biex ngħixu sewwa fina l-Kelma t'Alla.

**Joe Zammit Ciantar**
Mejju 1990

*Din il-poeżija-talba kienet ippubblikata fuq l-ewwel faċċata tal-ħarġa speċjali ta' "In-Nazzjon Tagħna", tal-Ġimgħa, 25 ta' Mejju 1990, jum il-wasla tal-Papa Ġwann Pawlu II, fil-Gżejjer Maltin.*

## *Joseph Ratzinger*

Joseph Alois Ratzinger, illum il-Papa Benedittu XVI, twieled fis-16 ta' April 1927, f'Marktl am Inn, fil-Bavarja, reġjun tal-Ġermanja. Fl-1951 ġie ordnat saċerdot fi Freising, u wara ssokta l-istudji tiegħu fil-Filosofija u t-Teoloġija Dommatika. Għallem f'bosta universitajiet prestiġjużi, u ta l-kontribut tiegħu wkoll fil-Konċilju Vatikan II (1962-1965). Fl-1977 ġie maħtur arċisqof ta' Munich u Freising, u ftit wara Pawlu VI ħatru wkoll Kardinal. Ġwanni Pawlu II, mbagħad, fl-1981 għamlu prefett tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, fost bosta karigi oħra li ngħata fi ħdan il-Kurja Rumana. Hu ppubblika bosta kotba ta' natura teoloġika u pastorali, li huma punt ta' riferenza għal ħafna fil-qasam tat-Teoloġija. Fid-19 ta' April 2005 il-Kardinal Joseph Ratzinger intgħażel bħala l-264 suċċessur ta' Pietru bħala kap tal-Knisja Kattolika.

*Francesco Pio Attard*





**Mario Abela hu d-disinjatur tal-*logo* taż-żjara tal-Papa. Mario għandu 26 sena u jogħqod ir-Rabat, Għawdex. Huwa għalliem tal-pittura u d-disinn u *freelance Graphic Designer*. Aħna lil Mario stedinnieh biex jagħtina l-ħsieb wara d-disinn tal-*logo*.**
Mario qalilna:

"Fid-disinn tiegħi hemm dgħajsa u salib fuqha li jispikka. Tissimbolizza li persuna speċjali għall-Kristjaniżmu f'Malta ser iżur il-gżejjer tagħna. Din il-persuna ma hi ħadd għajr il-Papa. Se jżurna bħalma għamel San Pawl 1950 sena ilu. Il-Kristjanità, għal darb' oħra, qed iżżurna f'persuna.

Id-disinn huwa wieħed sempliċi imma ċar fil-messaġġ tiegħu. L-iskala tal-kuluri hija waħda paċifika u serena. Il-kulur blu huwa simbolu tal-baħar li jikkaratterizza l-gżejjer tagħna u l-istess baħar li wassal lil San Pawl fuq dawn il-gżejjer, filwaqt li l-kulur abjad u l-isfar dehbi jissimbolizzaw il-kuluri tal-bandiera tal-Papa.

Is-sempliċità li biha ħdimt dan id-disinn, tgħin lil dik jew lil dak li qed jara d-disinn biex jifhmu aktar il-kunċett ta' warajh. Jien żammejt it-tema li għamlu l-isqfijiet bħala binarju għad-disinn tiegħi; "jeħtieġ iżda illi naslu fi gżira". Infatti meta wieħed jikkompara




d-disinn mat-tema, jinnota li l-messaġġ ġie biss trasfigurat f'disinn. Personalment jien kuntent ħafna b'din l-idea li ħriġt biha bħala *logo* għall-miġja tal-Papa u nispera li jkolli aktar okkażjonijiet bħal dawn biex nikkontribwixxi t-talent tiegħi għall-unur tal-Maltin u l-Għawdxin kollha."

***Il-jum tat-18 ta' April 2010 jibqa' fil-fakra tal-Għawdxin. Dakinhar waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tiegħu fuq il-Fosos tal-Furjana, il-Q.T. Papa Benedittu XVI ta qima lill-kwadru mirakuluż tal-Madonna Ta' Pinu billi offrilha warda tad-deheb. Dakinhar l-Għawdxin qasmu bi ħġarhom minn kmieni filgħodu biex jattendu għall-Quddiesa tal-Papa. Kienu bosta dawk l-Għawdxin li taw sehemhom fit-tħejjija u fil-parteċipazzjoni tal-merħba lill-Papa.***

***Fil-ħarġa ta' Mejju, "Il-Ħajja f'Għawdex" ser tippubblika Suppliment Speċjali bil-kulur bħala tifkira taż-żjara.***

Tħejjija għall-Miġja tal-Papa

# Missa "In Fractione Panis"

*Il-Mużika taċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa mmexxija mill-Papa Benedittu XVI bil-kompożizzjoni u taħt id-direzzjoni tal-mużiċista Għawdxi Mro. John Galea*

***Tagħrif miġbur mill-Editur***

**Kien nhar l-Erbgħa 10 ta' Frar li l-E.T. Mons Paul Cremona, Arċisqof, ħabbar il-programm uffiċjali taż-żjara tal-Papa Benedittu XV1 f'Malta li ser issir fis-17 u 18 ta' April li ġej fl-okkażjoni tal-1950 anniversarju mill-miġja ta' San Pawl f'Malta.**

Xi ġimgħat qabel, eżattament nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar, il-Kurja tal-Arċisqof ippreżentat uffiċjalment il-*logo* għaż-żjara tal-Papa u l-kant tal-quddiesa fuq il-Fosos tal-Floriana.

Mis-sitt sottomissjonijiet ta' kompożituri Maltin għall-kant tal-quddiesa, ntagħżlet il- Missa *"In Fractione Panis"* tas-surmast Għawdxi Dr John Galea. Id-deċiżjoni tal-għażla finali ġiet ikkomunikata minn Mons. Guido Marini, iċ-ċeremonjier tal-Papa fil-Vatikan. Din il-kompożizzjoni tas-surmast Galea fiha l-ingredjenti kollha kif espressi fil-linji gwida tal-liturġija post-konċiljari u tinkludi fiha kant polifoniku msejjes fuq mottivi ta' Gregorjan alternat ma' passaġġi ta' kant Gregorjan.

**Ta' min isemmi li t-titlu tal-quddiesa huwa *In Fractione Panis* li huwa l-motto li għażel l-Isqof Mario Grech meta nħatar biex imexxi d-Djoċesi ta' Għawdex. Din l-istess quddiesa kienet ġiet miktuba apposta u esegwita għall-ewwel darba fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tal-istess Isqof fil-Katidral t'Għawdex nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2009.** Tkantat darb'oħra fil-knisja Ta' Pinu mill-kor Ingliż *North West Festival Choir* u l-*Chorus Urbanus* waqt il-festival ta' mużika sagra 'Gloria' organizzat mill-Fondazzjoni *Making Music Malta* ftit tax-xhur wara.

Għal din il-quddiesa intagħżlu żewġ korijiet, wieħed tal-kbar b'madwar 130 korist SATB, u l-ieħor tat-tfal b'madwar 120 tifel u tifla. Ġie ukoll identifikat nukleu ta' mużiċisti għall-'*brass ensemble*' rikjest mill-partitura. L-*auditions* tal-kbar saru fil-Kurja tal-Arċisqof nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar bejn l-4.30pm u t-8.00 pm kif ukoll nhar is-Sibt 30 ta' Jannar bejn id-9.00am u 12.30pm. Għat-tfal saru wkoll l-*auditions* kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex matul il-*weekend* ta' wara. Il-kor tat-tfal waqt ir-risposti gregorjani tal-quddiesa tmexxa minn Andrè Paul Huber filwaqt li l-kompożitur nnifsu mexxa l-kor tal-kbar u l-mużiċisti fil-partijiet polifoniċi. Uffiċjali tal-Kurja kif ukoll Dr Galea baqgħu sodisfatti għat-'*turnout*' qawwi li kien hemm għal dawn l-*auditions* li jlaħħaq mal-450 bejn tfal u kbar għax dan kien indikattiv tal-ħerqa parteċipattiva u tal-aspettattiva ġenerali għal din iż-żjara papali.



*Dr John Galea, Kap ko-ordinatur tal-iStudji Mużikali fl-Università ta' Malta.*

Iktar ma qorbu d-dati tas-17 u 18 t'April, iktar kiber l-interess fost il-membri tal-korijiet. Il-provi għall-quddiesa rrankaw sew tant li kemm f'Malta kif ukoll



*Parti mill-kor Malti waqt il-provi fil-Kurja Arċiveskovili.*



*Il-kor Għawdxi waqt il-provi fil-Legion HQs.*

f'Għawdex bdew isiru darbtejn fil-ġimgħa. F'Għawdex il-provi saru fil-HQs tal-*Legion of Mary*, Victoria, waqt illi f'Malta l-provi saru fil-Kurja Arċiveskovili. L-entużjażmu tal-koristi kien jidher fil-fatt li kulħadd kien jagħmel kull sagrifiċċju biex jintlaħaq prodott mill-aqwa. Saru wkoll il-provi regolari bil-'*brass ensemble*' mas-surmast Galea. Fl-aħħar ġimgħat, imbagħad, saru l-provi konġunti.

**Huwa ta' unur għalina l-Maltin u l-Għawdxin li l-istazzjon televiżiv tar-*Rai Uno* ta trasmissjoni diretta tal-quddiesa Pontifikali. Stazzjonijiet televiżivi lokali, dak tat-*TVM*, *Net TV*, u *Super One* ingħaqdu biex xandru ż-żjara tal-Papa b'mod dirett. Għal din l-okkażjoni kien hawn fostna aktar minn 300 ġurnalist barrani biex jirrappurtaw dan l-avveniment importanti.**

### *Il-format tal-quddiesa In Fractione Panis*

Il-quddiesa hija msejsa fuq il-'*Missa de Angelis*' u talterna polifonija b'4 vuċijiet li titkanta mill-i'*schola*' ma' partijiet ta' kant gregorjan kantant mill-kor tat-tfal u l-assemblea bl-għajnuna tal-animatur. Fil-partijiet korali tal-quddiesa *In Fractione Panis*, il-kompożitur jagħmel użu minn diversi għodod kompożittivi fosthom it-teknika imitattiva tal-kontrappunt, it-teknika tal-ispunt melodiku imitattiv, ir-rigur tal-"canone" u riminixxenzi tal-karattru melodiku meħuda mill-*Missa de Angelis* gregorjana; li flimkien ma' *ensemble* mdaqqas tar-ram, timpani u orgni jagħtu bixra sobrija u sollenni lill-kompożizzjoni. B'dan il-mod John Galea għaraf josserva l-ambjent modali, li però huwa mżewwaq b'pinzellati kuluriti tal-idjoma kontemporanja sinonimi mal-istil tiegħu. Ix-xogħol huwa mibni fuq l-eżortazzjonijiet li nsibu fil-linji gwida tad-dokument tal-Konċilju Vatikan II, *Sacrosanctum Concilium*. **Meta kien qed jikkomponi din il-quddiesa John Galea żamm punt kardinali quddiem għajnejh: dak espress mill-Q.T. Pawlu VI meta kien qiegħed jindirizza l-X Kungress Internazzjonali tal-Korijiet tal-Knisja: "... il-mużika liturġika trid tagħraf tqaddes il-fidili permezz ta' ħsejjes meqjusa u mumenti ta' silenzju kif mgħoddija mit-tradizzjoni, li minkejja kollox, trid tkun anke miftuħa lejn il-futur."** (6/4/1970).







Servizz Speċjali Sena Saċerdotali (5)



# Meta Saċerdot Jiżbalja... Nitkażaw?

kitba ta' **PAUL SALIBA**

**Kultant jinbtu episodji koroh fil-ħajja tal-Knisja minħabba xi kliem jew għemil żbaljat minn uħud fost l-ulied ikkonsagrati tagħha li jitfgħu dell fuqha u jagħtu lok għal kritika li mhux dejjem tibqa' fil-limiti ta' dak li hu sewwa u xieraq. Fost dawn l-episodji ta' swied il-qalb kellna, minn ftit taż-żmien 'l hawn, każijiet ta' abbużi sesswali fuq tfal minn xi membri tal-kleru u reliġjużi fl-Istati Uniti tal-Amerika, fl-Awstralja u fl-Irlanda, li wħud minnhom ġraw ħafna snin ilu iżda nkixfu, jew ġew żvelati mill-vittmi, f'dan l-aħħar żmien. U kull meta nkixef xi każ minn dawn, bir-raġun kollu, saret għagħa ta' stmerrija. U ma naqasx l-għadab kontra min wettaq jew għatta dawn l-iżbalji, kif lanqas ma naqsu, aktar u aktar, is-sentimenti qawwija ta' mogħdrija u solidarjetà għall-vittmi li batew jew qegħdin ibatu minn trawma tul ħajjithom, u għall-familji tagħhom. Dawk li wettqu dawn l-iżbalji kienu, jew huma, bnedmin dgħajfa, bħal ħafna bnedmin oħra; mhux dgħajfa fil-fiżiku tagħhom iżda fl-ispirtu. Dgħajfa għax tkaxkru mal-kurrenti tad-dinja, għotru u waqgħu (min reġa' qam u min baqa' minxur mal-art), forsi wkoll dinbu bil-kbir u ttradew lill-Mulej li kkonsagrahom u lill-Knisja li ħatrithom biex jgħinu fit-tmexxija u fil-missjoni divina fdata lilha minn Kristu l-Iben ta' Alla nnifsu.**



Hija, però, ħaġa tal-iskantament kemm il-*mass media* jkunu dejjem lesti biex meta tinqala' xi xniegħa, jew jiġi ppubblikat xi rapport, dwar saċerdot li jkun żbalja — tkun jew ma tkunx vera dik l-aħbar — jogħxew biha u jagħtuha minnufih l-akbar pubbliċità... u jdumu jkarkru biha. L-aqwa li s-suġġett ikun saċerdot, reliġjuż/a jew persuna oħra sagra, u dan għalihom, u għal buthom, ikollu *news value.* L-aqwa li jkebbes il-kurżità tal-qarrejja, tas-semmiegħa jew tat-telespettaturi. U ma jimpurtahomx kemm nikktu nies, kemm għamlu ħsara, kemm tefgħu tajn f'wiċċ il-Knisja. Jinteressahom biss kemm il-kelma timxi, kemm iċ-ċirkolazzjoni tiżdied u kemm il-bwiet jitħaxxnu.

### *"GĦALLIEMA FOLOZ"?*

Meta nsemmu saċerdoti li jiżbaljaw, moħħna mill-ewwel imur fuq każijiet ta' abbużi sesswali, aktarx fuq it-tfal. Iżda mhux inqas gravi huma l-każijiet ta' ribelljoni kontra t-tagħlim uffiċjali tal-Knisja Kattolika u kontra l-mexxejja tagħha minn xi saċerdoti li kultant qegħdin nisimgħu bihom, ukoll jekk dawn huma każijiet iżolati iżda li jagħmlu ħafna ħsara spiritwali. Bħal meta wieħed jipproklama li Ġesù Kristu kien favur id-divorzju, li l-Knisja f'Malta qiegħda ssir dejjem aktar irrilevanti, li l-Kurċifiss mhux postu fl-iskejjel u f'postijiet oħra pubbliċi, li l-pluraliżmu għandu jikkondizzjona l-prattika tal-Fidi, li huwa mhux lest li joqgħod għad-dixxiplina tas-superjuri tiegħu u tal-Knisja, u stqarrijiet oħra li joħolqu skandli jew dubji fl-imħuħ u l-kuxjenzi ta' ħafna mill-Insara, speċjalment dawk li huma dgħajfa fil-Fidi jew li huma ppreġudikati kontra l-Knisja Kattolika.





Dawn ifakkruna fit-twiddiba mqanqla li ħarġet mill-qalb imnikkta tal-mibki Papa Ġwanni Pawlu II, meta kien qed ikellem lil folla ta' madwar erba' miljuni żgħażagħ li, minn kull pajjiż tad-dinja, kienu marru f'Manila, fil-Filippini, fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ tal-1995, meta qalilhom: "Għalliema foloz, ħafna minnhom intellettwali fl-oqsma tax-xjenza, tal-kultura u tal-*media*, qegħdin jippreżentaw kontro-vanġeli. Iridukom tkunu bħalhom taqgħu fid-dubji u fiċ-ċiniżmu".

## *ID-DIVINITÀ TAL-KNISJA*

**Meta nisma' jew naqra dwar saċerdot li jkun żbalja, bħala membru tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu (il-Knisja), jiena nħossni mnikket għall-aħħar, u nitlob għalih. Dak il-ħin quddiem għajnejja jiġi Kristu, fl-Aħħar Ċena, imdawwar bl-Appostli: Kristu mnikket għall-mewt meta jara fost it-tnax li għażel, proprju jmiss miegħu, hemm wieħed li se jittradieh. U jipprova jiftaħlu għajnejh. U b'qalb maqsuma jgħidlu li kien ikun aħjar għalih li ma twelidx (ukoll jekk kien jinħtieġ li l-opra tas-salvazzjoni sseħħ skont il-pjan ta' Alla). Iżda, minkejja dan l-ogħla tradiment minn wieħed mill-magħżulin minnu, Kristu waqqaf il-Knisja tiegħu, wissieha li għad trid tbaħħar f'baħar imqalleb, għad tkun oġġett ta' kontradizzjoni, tbati l-persekuzzjonijiet mill-għedewwa tagħha u, bla dubju, matul iż-żminijiet, ikun hemm fost uliedha dawk li jqumu kontra tagħha u wkoll li jiċħduha... Iżda Hu, il-Mulej li waqqafha, jibqa' magħha u jħarisha sal-aħħar taż-żminijiet. U l-bibien tal-infern ma jegħlbuhiex.**

Din il-wegħda divina xxejjen id-dlamijiet li l-Knisja dejjem għaddiet minnhom matul l-elfejn sena li ilha mwaqqfa u li tibqa' għaddejja minnhom issa u 'l quddiem; u din lilna għandha ssaħħaħna fil-Fidi. Fl-aħħar mill-aħħar, Kristu għażel li jibni l-Knisja tiegħu fuq bnedmin mimlija bid-difetti, mhux fuq anġli perfetti, biex, kif jgħidilna wieħed mis-Santi Padri, meta xi ħadd minn dawn — jista' jkun l-istess Papa, jista' jkun xi isqof u anki xi saċerdot — jiżbalja, u forsi jkun hemm ukoll min minnhom jidneb bl-aħrax, Hu jaħfrilhom bħala bnedmin. U hawn tkompli tibbrilla d-divinità tal-Knisja: li din mhix istituzzjoni umana (imwaqqfa minn bnedmin) iżda divina. U jsiru kemm isiru żbalji fi ħdanha minn uħud minn uliedha, ukoll jekk dawn ikunu persuni kkonsagrati, din l-opra divina tibqa' dejjem wieqfa, sabiħa, qaddisa, għax hemm il-kelma divina ta' Kristu, il-Fundatur tagħha, li Hu jibqa' magħha u jħarisha sal-aħħar tad-dinja.

## *IS-SENA TAS-SAĊERDOZJU*

Ngħid għalija, meta nisma' b'xi saċerdot li, għall-popolarità, ikun qed jinqeda bil-*mass media* biex jippreżenta xi "kontro-vanġelu", jiena ngħidlu "miskin!" u fis-skiet ta' qalbi nitlob lill-Mulej li jdawwallu moħħu u jagħdru, għax ma jafx x'inhu jgħid. Ukoll jekk ikun għaref daqs Salamun, iżda ruħu tkun bierda, nieqsa mill-qdusija. Flok b'Alla, tkun mimlija bih innifsu. U meta nisma' b'xi saċerdot li jkun żbalja bl-ikrah passjonalment ma' ħaddieħor, minbarra li nitlob ħafna għall-vittmi ta' għemilu, nitlob ukoll għalih, u nkompli nagħraf kemm, minkejja dawk fost uliedha li jħammġuha, il-Knisja hija tabilħaqq imwieżna mill-Id Divina. U niżżiħajr lil Alla ta' kemm għandha aktar u aktar ulied li jsostnuha b'imġibithom u jagħmlulha ġieħ.

Għalissa d-dinja kattolika qiegħda tiċċelebra s-Sena tas-Saċerdozju, mnedija mill-Papa Beneditu XVI f'Ġunju li għadda. B'mod speċjali matul din is-Sena tas-Saċerdozju, kemm qegħdin naħsbu f'dawn il-veritajiet li semmejt? **Kemm naħsbu f'dawk l-eluf ta' saċerdoti u reliġjużi li jħallu lil pajjiżhom u lil nieshom u jmorru 'l bogħod f'artijiet oħra, fost il-faqar u l-mard u tant privazzjonijiet oħra u b'sogru għal ħajjithom, biex jagħtu ftit ta' faraġ spiritwali u wkoll materjali lil miljuni ta' bnedmin li jinħtieġu għajnuna? Dawn kemm isemmuhom il-*mass media* ħlief meta xi wieħed minnhom jiżbalja? Dawn mhumiex ukoll ulied il-Knisja li wħud tant jippruvaw ifittxu fiha x'jikkritikaw? U kemm hawn fostna l-Insara li jitolbu għas-saċerdoti biex dawn, bħala bnedmin bid-difetti bħalna lkoll, ma jaqgħux fl-iżball?**

Solidarjetà Nisranija (9)



# L-Opri tal-Ħniena (3)



*kitba ta'*
MONS. ISQOF EMERITU
NIKOL Ġ. CAUCHI

### *5. Żur il-morda*

Fl-Evanġelju ta' San Ġwann (5, 1-16) naqraw l-istorja tal-fejqan mirakuluż ta' wieħed magħtub li kien ilu marid tmienja u tletin sena, għaliex ma kien hemm ħadd li jniżżlu fil-menqa. Kristu għamel ukoll ħafna mirakli oħra biex ifejjaq lill-morda. Difatti fil-messaġġ li kellhom iwasslu lil San Ġwann Battista, Ġesù qalilhom: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li qegħdin tisimgħu u taraw; l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiequ, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu" (Mt 11,4-5).

**Jekk inħarsu lejn il-ħajja tal-bniedem u narawha fid-dawl tal-fidi nisranija, nintebħu li anki l-mard għandu postu fil-pjan ta' Alla u li l-morda jistgħu jiksbu ġid spiritwali bil-kotra, għalihom infushom u għall-Knisja kollha. Huma wkoll bħal San Pawl jistgħu jorbtu r-rieda tagħhom mar-rieda Divina u jkunu jistgħu jgħidu "qiegħed inkompli f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-Ġisem tiegħu li hi l-Knisja" (Kol 1,24).**



Il-mard huwa prova li jgħaddina minnha Alla biex nissaffew minn ħtijietna, ninħallu mir-rabtiet ta' din id-dinja u nirriflettu iktar bis-serjetà dwar id-dgħufija tagħna u l-kobor tal-Mulej.

Huwa għemil ta' ħniena li wieħed jieħu ħsieb il-morda u jipprova jikkura l-mard tagħhom. Barra minnhekk hija opra ta' ħniena komuni f'kull żmien u f'kull pajjiż, dik li wieħed iżur il-morda fl-isptarijiet u fid-djarhom biex ifarraġhom u jgħidilhom kelma ta' kuraġġ.



Sabiex ikollu mertu quddiem Alla min iwettaq din l-opra tal-ħniena, jeħtieġ li jkun imqanqal minn motiv sopranaturali. Jista' jiġri li wieħed iżur xi marid sempliċement għax ikollu rispett lejh jew lejn il-familja tiegħu. Jista' jkun ukoll li xi drabi xi ħadd imur jara l-marid imqanqal biss mill-kurżità. Hemm min jagħmel hekk bid-drawwa u b'ebda ħsieb ieħor. Iżda b'daqshekk mhux biżżejjed biex jista' jgħid li għandu motiv sopranaturali. Biex dan iseħħ jeħtieġ li wieħed jagħmel l-att ta' karità biex jogħġob lil Alla u ħalli jwettaq dak li kkmanda Kristu.

**Mhux biss il-motiv taż-żjarat lill-morda jeħtieġ li jkun tajjeb, iżda anke il-mod kif inġibu ruħna magħhom matul iż-żjara. Qabel xejn wieħed irid joqgħod attent li bi kliemu ma jkomplix iżid in-niket u t-tbatija tal-marid, kif għamlu l-ħbieb ta' Ġob meta marru għandu biex jakkużawh. Hija ħaġa flokha li barra minn kliem ta' kuraġġ inħajru wkoll lill-marid biex iqaddes it-tbatijiet tiegħu u jieħu s-salib minn idejn Alla. Ta min iħeġġeġ ukoll lill-morda biex joffru tbatijiethom f'għaqda mas-sagrifiċċju ta' Kristu għall-ġid ta' l-umanità. Ikun ta' ġid għall-marid u għal min iżuru jekk jgħidu wkoll xi talb flimkien iżda mingħajr ma jgħejju lill-marid.**

### *6. Żur lill-ħabsin*

Insibu miktub fl-Ittra lil-Lhud: "Ftakru f'dawk li huma fil-ħabs, daqslikieku kontu fil-ħabs magħhom" (Lh 13,3). Il-karità nisranija ma teskludi lil ħadd, mill-ħidma ta' ġid li hija twettaq. Kull fejn hemm il-miżerja, kull fejn hemm xi ħtieġa serja, il-karità tersaq biex ittaffi xi ftit id-



dwejjaq u d-disperazzjoni ta' min ikun ibati. Kristu ried li nagħmlu għemejjel ta' ħniena anke mal-ħabsin kif jidher minn kliemu stess: "Kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni" (Mt 25,36). Mhux ta' min jinsa li mhux dawk kollha li huma fil-ħabs huma ħatja, oħrajn ikkommettew il-ħtija f'mument li fih kienu mogħmija bil-passjoni, u oħrajn imbagħad li nidmu tabilħaqq mill-iżball tagħhom u lesti li jagħmlu tpattija għalih. Iż-żjajjar fil-ħabs fejn hu possibbli li jsiru, jistgħu mhux biss ikunu ta' faraġ għall-ħabsin iżda wkoll ta' għajnuna għar-riabilitazzjoni tagħhom jiġifieri biex iħabirku ħalli jkunu ċittadini onesti meta jerġgħu jiksbu l-libertà.

**Jiġri ħafna drabi li mal-ħabsin isoffru wkoll, bla ħtija personali tagħhom dawk li jiġu minnhom. Min jaf kemm ġenituri għandhom niket f'qalbhom minħabba xi ħadd minn uliedhom li waqa' f'idejn il-ġustizzja. L-istess niket u mistħija jġarrbu wkoll in-nisa li għandhom żwieġhom fil-ħabs u l-ulied tal-ħabsin. Il-qraba tal-ħabsin jeħtieġ li jiġu ttrattati bir-rispett u m'għandux ikun hemm preġudizzju lejhom. Il-karità għandha tieħu ħsiebhom u tevitalhom it-tbatija, iktar u iktar meta jkunu tfal innoċenti li qegħdin isoffru minħabba l-iżbalji tal-ġenituri tagħhom. Eżempju ta' din l-attenzjoni nisranija huma d-djar li l-Beatu Bartolo Longo waqqaf għall-ulied il-ħabsin ħdejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pompej.**

Ma' din l-opra tal-ħniena li qegħdin insemmu, hija marbuta wkoll il-ħidma ta' prevenzjoni tad-delinkwenza speċjalment taż-żgħażagħ. Meta nikkumbattu d-delinkwenza u nipprovaw nagħtu edukazzjoni soda lit-tfal u liż-żgħażagħ kollha, inkunu ngħinuhom biex jeħilsu mid-diżgrazzja ta' l-esperjenza qarsa tal-ħabs. Għalhekk kulħadd għandu jagħti sehmu għall-formazzjoni ta' ċittadini onesti li ma jaqgħux fil-vizzju u jżommu l-bogħod minn kull għamla ta' kriminalità. Għal dan il-għan jistgħu jagħtu kontribut siewi l-iskejjel tajbin u ċ-ċentri parrokkjali mmexxija kif jixraq. Huwa fatt magħruf illi ċerti delitti bħal ma huma serq u vjolenzi, huma ġejjin mill-"*addictions*" u b'mod partikulari mill-abbuż tad-drogi. Għalhekk dawk l-aġenziji, bħal l-*Oasi* t'Għawdex u l-Caritas Malta, li huma maħsuba biex jirriabilitaw lil min qabad dan l-abbuż, qegħdin jagħtu ħidma li jistħoqqilha l-appoġġ tagħna.

*7. Idfen il-mejtin*

Il-Knisja Mqaddsa tgħallimna li għandna nagħtu qima lill-ġisem tal-mejtin speċjalment dak ta' l-insara li permezz tal-magħmudija kien sar tempju ta' l-Ispirtu s-Santu. Għalhekk il-Knisja trid li l-katavru jittieħed f'post sagru fejn tingħatalu l-aħħar tislima ta' l-insara u jiġi midfun bir-rispett kollu f'art imbierka. Hija tixtieq ukoll li l-oqbra ta' l-insara jkunu, mhux biss xhieda ta' l-imħabba li kellhom għall-mejjet dawk li ġarrbu t-telfa tiegħu, iżda wkoll li jkunu turija tal-fidi tagħhom f'ħajja oħra li ma tintemm qatt. Il-kult u l-qima lejn il-fdalijiet tal-mejjet huma l-kontinwazzjoni tar-rispett u l-venerazzjoni li kellhom meta kienu ħajjin, il-persuni li llum daħlu fl-eternità.

**Tidfen il-mejtin ifisser qabel xejn, li tieħu sehem fil-funeral tagħhom bi spirtu nisrani, billi tfittex li toffri suffraġju għalihom. Ifisser ukoll li tagħmel li tista' biex tibqa' ħajja t-tifkira tagħhom, biex l-eżempji tajbin ta' ħajjithom ikunu mera għal dawk li jibqgħu f'din id-dinja.**

**Huwa dmir ta' l-insara li jżuru ċ-ċimiterji, fejn hemm midfuna nieshom biex jitolbu fuq l-oqbra ta' dawk li ħallew din id-dinja. B'mod speċjali, dawn iż-żjajjar jixraq li jsiru f'Novembru, x-xahar iddedikat għat-tifkira tal-mejtin. Il-kult lejn il-mejtin skont ir-Reliġjon Nisranija, huwa marbut mill-qrib mad-devozzjoni lejn l-erwieħ tal-Purgatorju, li jkunu jissaffew mit-tbajja' ta' dnubiethom qabel il-Mulej jaċċettahom fil-ħena tal-ġenna.**

L-opra tal-ħniena "Idfen il-mejtin" titwettaq ukoll billi ma ninsewx lil dawk li l-mejjet jew il-mejta ħallew warajjhom. Difatti huwa għemil sabiħ ta' ħniena li tgħid kelma ta' konsolazzjoni u tipprova tagħmel il-kuraġġ lil min ikun imbikki u mnikket minħabba t-telfa ta' xi ħadd għażiż għal qalbu. Forsi jkun hemm bżonn li tingħata wkoll xi għajnuna materjali lill-armla jew lill-iltiema, jekk il-mewt tal-kap tal-familja tkun ser iġġib fuqhom żmien



ikrah ta' faqar u miżerja, għaliex ma jkunx fadal min jaħdem għalihom u jmantnihom.

**Fl-aħħarnett biex niftakru fl-opri tal-ħniena korporali u nitħarrġu fihom, tajjeb li nifhmu sewwa l-kelmiet ta' l-Appostlu San Ġakbu: "Jekk ħuk jew oħtok ma jkollhomx x'jilbsu u jonqoshom l-ikel ta' kuljum, u wieħed minnkom jgħidilhom 'Morru bis-sliem, isħnu u kulu se tixbgħu,' bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa?" (Ġk 2,15-17).**




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Id-Disgħa u Għoxrin Parti )*

## *IL-MAGNA TAL-GĦAĠIN F'GĦAWDEX*

**B'xorti ħażina f'Għawdex kellna u għad għandna diversi individwi li ħsiebhom biss biex jiktbu fuq x'kien ġara mijiet ta' snin ilu, mbagħad jinsew għal kollox il-preżent. U ż-żmien għaddej u ġmielhom l-affarijiet qegħdin jintesew. Per eżempju, kemm hawn minnkom il-qarrejja li tiftakru li fis-seklu 20 f'Għawdex kellna l-magni li jagħmlu l-għaġin? Illum immorru nixtru pakkett għaġin mingħand tal-merċa jew mis-*supermarket* u bħal xejn naħsbu li minn dejjem kien hekk! Anzi, sa ftit ilu l-għaġin kien ikun ta' Malta, u issa qiegħed ikun ta' barra, saħansitra dak li naħsbu li hu ta' Malta jiġi wkoll mill-Italja.**

Imma hawnhekk irridu ngħidu li l-makkinarju ta' dari ma kienx bħal dak ta' llum. Il-magni li kellna Għawdex ma kinux daqstant sofistikati bħal dawk ta' llum. Imma l-għaġin għandu mnejn kien ikun aħjar fit-togħma għax wara kollox it-tjieba tal-għaġin ma tiġix mill-magna imma mit-tip ta' dqiq li jintuża biex issir il-għaġina.

### *Magni tal-Għaġin*

F'Għawdex kien hawn sitt magni tal-għaġin. Dawn kienu mqassmin hekk:

Kien hemm tlieta x-Xewkija: Waħda ta' Pinu (Filippu) Rapa tal-Għaġin, fi Triq Sant Bert; waħda ta' l-aħwa Ciantar, taċ-Ciantar, fi Triq it-Tiġrija (illum Triq l-Indipendenza) u l-oħra ta' Pawlu Rapa, li kien jiġi l-kuġin ta' Pinu Rapa fi Triq Santa Katerina. Ix-Xagħra kien hemm tnejn, waħda ta' Toni Refalo tat-Tinnimanna fi Pjazza Vitorja u l-oħra ta' Ġużepp Attard ta' Tunetta, fi Triq Sant' Anton. L-aħħar waħda kienet ir-Rabat, u kienet ta' Ġużepp Buttigieg ta' l-Isfar. Din kienet tinsab fi Triq it-Tiġrija, illum Triq Repubblika, faċċata tal-Ġonna ta' Villa Rundle, il-Mall. Il-kittieb preżenti jiftakarha sewwa taħdem.

Iżda skont il-*Corriere Mercantile Maltese* tas-snin 1939-40, tissemma l-magna tal-Għaġin ta' Vincenzo Vella & Son (magħruf bħala Ċensu tal-Magna għax kellhom ukoll il-magna tat-tħin), li kien jisimha *The Royal Paste Factory* li kienet tinsab Strada Migiarro, Victoria, jiġifieri t-Tiġrija n-naħa ta' isfel quddiem il-Mall. Jidher li din il-magna ġiet fi żmien ħażin għax kien żmien il-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija bl-iskarsezza kollha li ġabet magħha, l-aktar tad-dqiq. Ma jidhrilniex li reġgħet issemmiet wara.

### *Għodod*

Il-magna tal-għaġin kellha bħala taqsimiet tagħha dawn il-għodod li se nsemmu: a) Il-Passatriċi, b) Il-Gramla, c) Il-Qanpiena. d) It-Tilari, e) Il-Qasab.

Id-dqiq biex isir l-għaġin kien jinxtara mingħand in-neguzjanti tad-dqiq f'Malta u kien jinġieb Għawdex apposta biex jinħadem għaġin.

### *Kif isir l-Għaġin*

Id-dqiq kien jibda jintgħaġen fil-passatriċi, imma l-għaġna ma kinitx tkun tajba biżżejjed biex issir għaġin għax kienet tkun għadha xi ftit ratba żżejjed. Għalhekk, mill-passatriċi l-għaġna tgħaddi u tmur fil-gramla biex permezz ta' din il-parti tal-magna l-għaġna tibbies u hekk tkun tista' ssir għaġin.

Mill-gramla l-għaġna tmur fil-qanpiena. Il-qanpiena kien ikun fiha l-forom tal-għaġin li jkun se jinħadem.

### *Prodotti tal-għaġin*

Issa kien hemm żewġ tipi ta' prodotti tal-għaġin: dawk imsejħin "tas-sikkina" għax jinqatgħu mill-forma, u l-oħrajn imsejħin "tal-qasba" billi jkunu twal u jitnixxfu fuq il-qasab.

Il-prodotti msejħin "tas-sikkina" kienu dawn: Stilel, ilsien il-għasfur, kosksu, makkarunelli, u żibeġ żgħar u żibeġ kbar għall-minestra. Hekk kif joħorġu mill-magna dawn kienu jitqiegħdu f'tilari apposta u mbagħad jitnixxfu barra fix-xemx.

Il-prodotti "ta' fuq il-qasba" kienu dawn: tarja għall-brodu, spagetti u mqarrun. Dawn kienu jkunu maħdumin twal u

għalhekk kienu jitqiegħdu mdendlin fuq qasab apposta biex jinxfu, imma dawn kienu jitnixxfu ġewwa.

Il-prodotti tal-għaġin li kienu jsiru Ghawdex kienu jinbiegħu Għawdex stess. It-tqassim kien isir bil-karrettuni. Ir-Rabat kien hawn Frenċ tal-Baskuttelli, li kien burdnar biż-żiemel, li kien iqassam l-għaġin li kien ikollu ordnat lil diversi ħwienet tal-merċa. Lil Frenċ niftakru sewwa għax lilna kien iġibilna d-dqiq tar-razzjon. Kien hemm oħrajn li kienu jmorru għall-għaġin huma stess, dejjem bil-karrettun.

### *Ftit Storja*

Il-ħajja ta' dawn il-magni tal-għaġin ma kinitx waħda li damet sejra l-mijiet tas-snin. Bħala eżempju se ngħidu l-istorja tal-Magna tal-Għaġin ta' Buttigieg u Dingli li, kif għidna, kienet tinsab ir-Rabat.

Din il-magna kienet bdiet taħdem għall-ħabta ta' l-1930. Kien bnieha Ġużepp Buttigieg (ta' l-Isfar) flimkien ma' Ġużepp Vella (ta' Batu). Ġużepp Vella, ftit wara biegħ sehmu lil Grezzju Buttigieg, u dan min-naħa tiegħu biegħu lil Joseph Grech, magħruf bħala "Is-Sipa".

Iżda mbagħad Ġużepp Buttigieg (ta' l-Isfar) irkupra sehem Grezzju li kien inbiegħ lil tas-Sipa, u dan għamlu f'isem Ġużepp Dingli li b'hekk akkwista sehmu f'din il-magna.

### *Kif spiċċat*

Il-magna tal-għaġin ta' Buttigieg u Dingli damet taħdem sas-sena 1956. Imbagħad il-proprjetarji daħlu b'ishma (*shares*) mal-fabbrika tat-*Tiger Brand* f'Malta li wara ngħaqdet mal-fabbrika tal-*United Maccaroni* f'Malta wkoll. Imma biż-żmien anki dawn il-magni kbar tal-għaġin ta' Malta kellhom jagħlqu minħabba l-importazzjoni qawwija ta' prodotti Taljani. Daqqa oħra 'l isfel ħaduha l-magni tal-għaġin kollha li kien għad fadal jaħdmu meta Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea.

### *Il-Magni tal-Għaġin ix-Xagħra*

Fis-snin tletin ix-Xagħra bdew jużaw il-magni għat-tħin minflok dawk antiki tar-riħ u tal-bhejjem (imtieħen tal-miexi). Dawn il-magni bdew jintużaw ukoll għall-produzzjoni tal-għaġin.

Sas-sena 1936 fix-Xagħra kien hemm żewġ postijiet fejn kien jinħadem il-għaġin. Dik ta' Ġużepp Attard ta' Tunetta, u dik ta' Toni Refalo, it-Tinimanna, li beda juża magna flok il-bhejjem. Sena wara, fl-1937, ċertu Patist Bajada (tal-Bużżu) beda jagħmel l-għaġin f'lokal fit-Triq 28 t'April, 1688, f'Nru 45. Iżda b'xorti ħażina ma damx ħafna żmien għaliex wara biss tliet snin żarma u emigra lejn l-Awstralja. Ftit tas-snin ilu, il-bini ġie mibdul f'*farm house.*

L-akbar magna tal-għaġin kienet proprjetà ta' Ġużepp Attard, imlaqqam ta' Tunetta f'numru 160 Triq 28 t'April 1688. Din kienet bdiet taħdem għall-bidu tas-seklu 20. Kien Ġużepp li ħoloq in-negozju u kellu wkoll magna tat-tħin. Dak iż-żmien kien għadu ġuvni. Imbagħad in-negozju għadda f'idejn ibnu Franġisk, li baqa' f'dan il-mestier sa nofs is-snin 60. Minkejja li ma baqax jaħdmu Franġisk baqa' jinnegozja fil-għaġin billi kien iġibu minn Malta u jqassmu f'numru ta' rħula f'Għawdex. Fil-preżent il-post fejn kienet il-magna tal-għaġin ta' Tunetta huwa magħluq u ma jintużax.



*Il-bieb tal-magna tal-għaġin ta' Ġużeppi Buttigieg u Ġużepp Dingli, ir-Rabat*

Kien hemm ukoll dik ta' Toni Refalo (missier il-Kan. Dun Ġiljan Refalo Rapa), bil-laqam tat-Tinnimanna fil-misraħ ewlieni tax-Xagħra, Pjazza Vittorja. Oriġinarjament kienet tissejjaħ ta' Mattiju u wara żmien kien daħal miegħu Toni Refalo. Din kienet tipproduci l-għaġin, iżda fis-snin tal-gwerra, il-vaska li fiha kienet tintagħġen l-għaġna, bdiet tintuża biex jintaħan il-qamħ, miġjub mill-bdiewa u jeħduh lura bħala għaġin. Oħrajn kienu jitħnu l-qamħ fl-irziezet tagħhom - fuq ġebel qawwi jew tas-samm. Il-vaska li kellu Toni Refalo kienet fdal ta' bażi ta' kanun tal-artillerija adatta għat-tħin tal-qamħ b'rota kbira tal-qawwi ddur fuqha. Toni Refalo kien jużaha biex jagħġen l-għaġina qabel ma jpoġġiha fl-instrixtur (isem ieħor għall-qanpiena) fejn bil-forom joħorġu kwalitajiet ta' għaġin differenti.

Il-bini l-antik fejn kienet tinsab din il-magna tal-għaġin twaqqa' u tela' bini ġdid, iżda fadal biss ħanut tax-xorb, bl- isem Silver Jubilee Bar li baqa' bl-istess għamla ta' bieb antik u saqaf bil-ħnejjiet.

Iż-żewġ magni kienu jħaddmu żewġ ħaddiema barranin kull waħda flimkien ma' membri oħra tal-familja u b'hekk il-prodotti tagħhom kienu jinbiegħu bi prezz moderat fil-ħwienet tax-Xagħra, tan-Nadur u taż-Żebbuġ.

### *X'ġara wara t-Tieni Gwerra (1939-45)*

Fis-snin erbgħin matul il-gwerra, id-dqiq kien bir-razzjon u l-qamħ tal-bdiewa kien jingabar mill-Gvern, u għalhekk ix-xogħol tal-għaġin kien ristrett ħafna. Maż-żmien saret kooperattiva bejn il-ftit magni tal-għaġin li kellna f'Għawdex u dawk ta' Malta li kienu dejjem jimmodernizzaw fl-inġenji u fil-prodotti tagħhom.

Wara l-mewt ta' Toni Refalo fl-1968 il-magna u dak kollu li kellu x'jaqsam mal-produzzjoni tal-għaġin ġew f'idejn ħu l-Kan. Dun Ġiljan, Mikiel, li baqa' jagħmel l-għaġin għal żmien twil, iżda fis-snin tmenin, peress li n-negozju ma baqax irendi finanzjarjament, żarma, biegħ l-inġenji kollha, u xxierek mal-produtturi tal-għaġin Maltin sakemm miet f'2005. Fl-aħħar in-negozju għadda għand ibnu Silvio, li kien iġib il-għaġin minn Malta u jqassmu f'diversi rħula f'Għawdex.

*(Tagħrif miġbur f'intervista li kellna fil-15 ta' Settembru, 2009, mas-Sur Wistin Dingli mix-Xewkija, li nannuh kien Ġużepp Dingli msemmi hawn fuq. Tagħrif ieħor ingħatali bil-miktub f'korrispondenza mill-Kan. Dun Ġiljan Refalo Rapa u minn Dr. Aaron Attard Hili, LL.D.).*

Meditazzjoni Biblika

# L-Irxoxt iwiegħed u jagħti l-Ispirtu s-Santu



kitba ta' MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

**Iż-żmien ta' bejn il-qawmien ta' Ġesù u nżul l-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja huwa żmien kkaratterizzat minn tagħrif dwar x'ġara fil-għorfa fejn kien hemm miġburin is-segwaċi ta' Ġesù. L-ewwel deher Ġesù lid-dixxipli meta l-bibien kienu magħluqa (Ġw 20,19), imbagħad ħamsin jum wara niżel l-Ispirtu s-Santu (Atti 2,1). Dan iż-żmien jissejjaħ "żmien il-Għid" u huwa twil ħamsin ġurnata. Issa Ġesù diġà kien tkellem dwar il-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu, liema wiegħda qiegħda fi Ġwanni 7,37-39. Ħalli naraw għalhekk kemm dan il-kliem ta' Ġesù fih qawwa.**

### *Ġesù jwiegħed l-Ispirtu*

Interessanti ħafna kif Ġesù jagħmel ir-rivelazzjonijiet kbar tiegħu matul il-festi liturġiċi tal-Lhud. Hekk Ġesù hawn jikxef u jwiegħed id-don ta' l-Ispirtu waqt il-festa tal-Għerejjex jew bil-Lhudi Sukkot. Din hija waħda mit-tlitt festi kbar jew tal-pellegrinaġġi tal-Lhud. Il-Lhud jiċċelebraw din il-festa fil-ħarifa. Dan il-kuntest liturġiku tal-Lhud, li matulu hemm iċ-ċerimonja tat-tiswib ta' l-ilma fuq l-artal tat-tempju huwa importanti ħafna biex wieħed jifhem il-qawwa ta' kliem Ġesù u l-interpretazzjoni ta' l-evanġelista. "Fl-aħħar jum tal-festa, il-jum l-aktar sollenni, Ġesù qam jgħid b'leħen għoli: "Min jieħdu l-għatx jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj". Dan qalu għall-ispirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fih, għax l-Ispirtu kien għad ma ngħatalhomx, billi Ġesù kien għadu ma ġiex igglorifikat" (Ġw 7,37-39).

Oriġinarjament il-festa tal-Għerejjex hija waħda agrikola u li marbut magħha hemm ir-ringrazzjament 'l Alla għal ġbir mir-raba' li jkun sar. (Eż 23,16; Dt 16,13-15). Fl-istess ħin tal-festa li ddum ġimgħa, il-Lhud jitolbu wkoll 'l Alla sabiex jibgħatilhom xita fejjieda f'waqtha. (Żk 14,17).

### *Riferenza għat-Testment il-Qadim*

Fi Ġw 7,38 ma hemmx ċitazzjoni diretta mill-Antik Testment, biss dan il-kliem li qal Ġesù jagħmel riferenza għal numru ta' ġrajjiet li flimkien jorbtu tradizzjoni teoloġika qawwija ħafna. F'dan il-kliem jidher li hemm riferenza għal żewġ suġġetti mill-Antik Testment u li magħhom hemm marbuta xeħta messjanika. Dawn it-tnejn għandhom bħala oġġett il-festa u li din tiġi ċċelebrata bir-rit tal-ilma.

L-ewwel riferenza tmur għall-blata tad-deżert tas-Sinaj li wara li Mosè ħabbat fuqha għal aktar minn darba ħareġ minnha l-ilma. Minn din il-ġrajja mbagħad ħareġ bosta tagħlim teoloġiku f'rabta ma' l-ilma. Hekk is-Salm 78, 15-16 isemmi "xmajjar ta' ilma". Is-salm 105,41 jitkellem minn "xmajjar", u is-salm 114,7 isemmi "għejjun ta' ilma". Imma jidher ukoll li ndirettament hemm il-ħsieb tal-ilma ħiereġ mit-tempju qisu xmara. Mhux ta' min jinsa li fit-tempju kien hemm tgħammar ix-Xekiħna jew il-preżenza t'Alla.

Issa meta wieħed iżomm f'moħħu dawn il-ħsibijiet duttrinali kollha marbutin mar-rit tal-ilma, u fl-istess waqt Ġesù jagħmel dikjarazzjoni preċiża tiegħu. Ġesù jippreżenta lilu nnifsu bħala l-blata vera tad-deżert kif ukoll it-tempju eskatoloġiku, li minnu joħroġ l-ilma tas-salvazzjoni definittiva. Huwa dak il-punt ċentrali tal-wegħdiet kollha tal-qedem. Barra dan fi Ġw 2,13-22 Ġesù jipproklama lilu nnifsu bħala t-tempju veru t'Alla. "Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu. Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu". Il-għajn ta' ilma ħaj tas-salvazzjoni eskatoloġika mela toħroġ mill-ġisem – tempju ta' Ġesù.

Mill-ġenb-persuna ta' Ġesù joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj, jiġifieri widien ta' grazzji u ta' salvazzjoni. Il-persuna ta' Ġesù hija r-rivelazzjoni ħajja t'Alla; Ġesù mill-intimu tiegħu juri l-imħabba tal-Missier li huwa tassew il-għajn tal-imħabba. Għalhekk kull min jixtieq jaqta' l-għatx proprju għall-ħajja dejjiema għandu jimla l-ilma mill-kustat tal-Kurċifiss, jixrob il-Kelma ta' Ġesù u jassimila r-rivelazzjoni sħiħa tiegħu (Ġw 7,37-38). Ikun kollu għal xejn li wieħed imur ħdejn għejun oħra, ukoll jekk tkun il-liġi mużajka. Dan il-ħsieb ċar Ġesù diġà kien urieh mas-Samaritana (Ġw 4).

### *L-interpretazzjoni tal-evanġelista*

San Ġwann innifsu jinterpreta l-vers 39 tal-kapitlu 7: "Dan qalu għall-ispirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fih, għax l-Ispirtu kien għad ma ngħatalhomx, billi Ġesù kien għadu ma ġiex igglorifikat". F'din l-interpretazzjoni naraw ir-rapport li hemm bejn l-Ispirtu u s-simbolu ta' l-ilma ħaj mal-misteru tal-glorifikazzjoni ta' Ġesù. Fit-Testment il-Qadim hemm biss it-tqarrib bejn l-ilma u l-Ispirtu, imma qatt ma jitħalltu ma' xulxin. Dan it-tqarrib qiegħed fi



kliem bħal; "mbagħad jissawwab fuqna spirtu mill-għoli" (Is 32,15).

Ir-raba' evanġelista jiżviluppa dan it-tqarrib meta jgħid li l-ilma ħaj huwa simbolu ta' l-Ispirtu. Mela ladarba Ġesù huwa għajn ta' ilma ħaj huwa wkoll għajn ta' l-Ispirtu. Ġesù kien għadu kemm fakkar lis-semmiegħa biex jixorbu l-ilma tal-verità tal-kelma tiegħu. Fil-vers 39 imbagħad hemm imfisser li r-rivelazzjoni ta' Kristu hija possibbli bil-għajnuna tal-Ispirtu li huwa l-Ispirtu tal-verità. (Ġw 14,17).

Għalhekk meta Ġesù jgħib mix-xena ta' din id-dinja, l-Ispirtu s-Santu jidħol minn floku u jsir l-Imgħallem tar-ruħ ta' dawk li jemmnu billi jagħmel li n-nies jaċċettaw ir-rivelazzjoni tal-Verb Inkarnat. Wieħed għalhekk jista' jgħid: "L-Ispirtu kien għadu ma ngħatalhomx, billi Ġesù kien għadu ma ġiex igglorifikat" (Ġw 7,39a).

Waqt l-aħħar ikla, fid-diskors tiegħu tant imqanqal, Ġesù altru li kien ċar dwar is-suġġett tal-Ispirtu s-Santu, u l-missjoni unika li kellu jkompli ma' l-appostli. "Madankollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur; għaliex jekk ma mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur nibagħtulkom". "Baqagħli ħafna ħwejjeġ x'ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom. Meta jiġi Hu, l-Ispirtu tal-Verità, iwassalkom għall-verità kollha". Issa dan kollu seħħ fil-milja tiegħu meta niżel l-Ispirtu s-Santu fuq dawk kollha li kien hemm miġburin fiċ-Ċenaklu.

Mela altru li dak li wiegħed Ġesù Irxoxtat għaddih tassew lill-Knisja li huwa waqqaf.


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 7.00pm - 10.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*





Magie de Beautè

☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Massages ☆ Body Treatments ☆

Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

**Irina Xerri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.

*Lenti fuq il-Ħajja Madwarna*



# "Ta' min jgħidulu?"

*kitba ta'* **GEORGE N. CASSAR**

Kellu nannuwi Kalanġ ħanut ċkejken ta' mastrudaxxa fl-inħawi ta' San Ġorġ. Darba fost l-oħrajn dħalt għandu biex insellimlu. Sibtu qiegħed jinċana bil-varloppa hu u jitkellem ma' raġel xiħ, liebes pulit; fl-art, maġenb il-bank, kien qed isaħħan bott kolla fuq kenur. Smajthom jgħidu li fuq pajjiżna kien riesaq l-inkwiet, li żmien ikrah kien ġej fuq id-dinja. Xi kwalità ta' inkwiet kienu qed jitkellmu fuqu ma qbadtx jew aħjar ma fhimtx. Kont għadni nitfa ta' tifel, mhux żgur kelli ħames snin. Imma għadni niftakru, qisu l-bieraħ, lil dak ir-raġel xiħ isemmi lill-Ġermaniż u lir-Russu, li kienu għamlu xi ftehim bejniethom. Dakinhar moħħi mar dritt fuq żewġ familji, il-waħda tar-Russu li kienu joqogħdu fl-istess triq tagħna u l-oħra tal-Ġermaniż li kellu ħanut tal-ħaxix fil-qalba tas-suq. Dik il-ħabta s'hemmhekk kien iwassal moħħi; ma stajtx nifhem x'inkwiet setgħu qatt jaqilgħu dawn l-imberkin ta' żewġ familji; iktar u iktar jekk kienu ftiehmu. Kont sajjem għal kollox mis-sitwazzjoni politika tal-Ewropa meta l-Ġermanja ffirmat alleanza mar-Russja u mbagħad invadiet il-Polonja u malajr faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija.

Meta niftakar f'dan l-inċident ta' tfuliti jaqbadni d-daħk. Mort żmerċ, u kif! Imma rrid inżid ngħid li għalkemm kont għadni daqsxejn ta' qrempuċu, lil xi wħud diġà kont sirt nafhom bil-laqam. Illum il-ġurnata, għalkemm il-laqmijiet m'għadhomx daqshekk moda, għad għandhom bla dubju n-niċċa tagħhom fil-moħħ tal-poplu tagħna, speċjalment fost ix-xjuħ. Għadek sal-lum, jekk tmur f'xi raħal tistaqsi għat-tali, il-biċċa l-kbira tan-nies jgħidulek : "Taf ta' min jgħidulu?" Għalihom, il-laqam isarraf ferm iktar mill-isem u l-kunjom. Niftiehmu, din id-drawwa tal-laqmijiet insibuha kważi f'kull soċjetà. Jekk irreġġgħu l-arloġġ lura, insibu li anki lill-Imperaturi Rumani, lin-nobbli u lir-rejjiet, ġie li ċappsulhom xi laqam ma' isimhom; xi drabi wieħed dispreġġjattiv. Lix-xhur ukoll wikkejnielhom xi laqam. Għandna x-xahar tal-kaċċa, dak tad-dris, tad-diżgrazzji, tar-riħ isfel, tal-Qalb ta' Ġesù, tal-Karmnu, tar-Rużarju, tal-Erwieħ. Saħansitra lill-qaddisin ġie li laqqmuhom; hemmx fejn tasal aktar? Bħalissa qed niftakar fi tnejn : San Ġwann in-Nanu u San Rajmondo Nonnato.

Jekk jiġi f'idejk xi reġistru elettorali qadim, ngħidu aħna bħal dak tas-sena 1939, u toqgħod tiflih folja folja, issib fih ruxxmata laqmijiet ta' familji Maltin u Għawdxin. Biċċiet minnhom huma tassew strambi; għalija qishom bil-brejku. Imma, lill-istudjuż tas-soċjoloġija, dawn il-laqmijiet għandhom jaffaxxinawh. Ħaġa li x'aktarx tinnota mal-ewwel daqqa t'għajn hija li l-biċċa l-kbira jibdew bl-artiklu u ġie li ssibilhom il-vokali 'u' bħala suffiss. ( Eż: Ix-Xellugi . Qalliebu) . Bosta drabi mal-artiklu jkollhom meħmuża l-partiċella ta': ( Eż : Tal-Qaddis. Tal-Kutu). Xi individwi ssibhom magħrufa bl-isem ta' missierhom, avolja jkun ilu s-snin li ħalliena. F'dal-każ m'għandix għalfejn nitbiegħed. Lili u lil ħuti bosta jsibuna b'Ta' Melkjorr. L-istess metodu jużaw l-Ingliżi, ir-Russi, l-Għarab u popli oħra. Il-kunjom Ingliż Johnson ma jfissirx ħaġ'oħra ħlief bin Ġanni u Petrovitch, bin Pietru. Fl-evanġelju ta' San Mark niltaqgħu ma' tallab agħma, jismu Bartimew, li bl-Aramajk kien ifisser bin Timew. Xi drabi, mbagħad, flok l-isem tal-missier, jiżżeffen isem l-omm. Abbli r-raġel jinzerta mhuwiex minn dawk l-inħawi u n-nies tal-post iktar tkun midħla tal-mara milli tar-raġel; naturalment, jaf ikun hemm raġunijiet oħra. Wieħed minn sħabi tal-klikka tal-Oratorju, li kien ħabib tassew affabbli, konna nafuh bħala Ta' Rożanna. Ta' min josserva li xi laqmijiet tnisslu mill-kunjom stess. Taz-Zoppard jidher li hu korruzzjoni tal-kunjom Azzopardi. Xi drabi ġara bil-maqlub. Billi n-nutara kienu ħaduha drawwa jniżżlu l-laqam fil-kuntratti, maż-żmien il-laqam sar uffiċjalment il-kunjom . (Eż Ebejer u Grixti)

Issib laqmijiet bil-gzuz li jsemmu xi difett jew xi mankament fiżiku (Eż Tal-Iżdingat. Il-Qargħi). Oħrajn jirreferixxu għall-karnaġġjon bħal Tal-Aħmar li nsibuh ukoll fl-Ingliż bħala Redman u fil-Latin Rufus. Biċċiet minnhom huma marbuta ma' xi impjieg. Dari, kif jaf kulħadd, is-snajja' kienu jintirtu minn missier għal iben u hija ħaġa minn ewl id-dinja, dak li jkun jispiċċa jorbot ismu ma' senegħtu li jħabbat wiċċu magħha kuljum. ( Eż : Tal-Gabillott. Il-Mannar). Tiltaqa' wkoll ma' laqmijiet marbuta ma' ismijiet ta'

i. xi grad għoli ( Eż : Tal-Kaptan. Tal-Baxan )
ii. muniti qodma Maltin. ( Eż : Tal-Patakka. Tal-Iskud)
iii. ħut ( Eż : Ta' Lampuk. Il-Brejqex)
iv. ikel u xorb ( Eż : Tas-Soppa. Ta' Ġnibru)




v. siġar u pjanti : ( Eż : Ta' Ħarruba. Ta' Kemmun)
vi. frott u ħaxix ( Eż : Ta' Parsott. Karfusu.)
vii. għasafar u tjur. (Eż Tal-Gardell. Tal-Wiżżu)

Barra dawn il-laqmijiet personali, nsibu kategorija oħra ta' laqmijiet li jirriferixxu għal irħula sħaħ. Dawn il-laqmijiet, li nibtu meta l-ħajja kienet wisq iktar magħluqa mil-lum, huma interessanti għax jintrabtu mal-istorja soċjali jew folkloristika tal-poplu tagħna. Lin-nies ta' Tas-Sliema, barra tal-Pepe', kienu jgħidulhom Tax-Xelin; jgħidu li wieħed Protestant, biex jagħmel daqsxejn ta'propaganda, beda jqassam xelin lil kull min imur jisimgħu jippriedka. Lill-Karkariżi kienu jgħidulhom Tal-Fuħħar għax dari f'Birkirkara kienu jaħdmu l-borom u oġġetti oħra tal-fuħħar. Ta' Ċaċu huma n-nies tal-Isla għax jingħad li huma fanfaruni; il-Bormliżi u dawk tal-Birgu kienu xi darba lil tal-Isla jinbxuhom u jgħidulhom: "Armejtu r-rix barra u mbagħad kiltu b'sitta nċova". Fil-bidu li żżewwiġt lill-mara ġie li nkejtha u għidtilha f'wiċċha li hija redusa. U ngħid għaliex. Hija twieldet Ħal Tarxien, u n-nies ta' dar-raħal isibuhom b'Tar-Redus għax hemmhekk kienu jrabbu merħliet ta' nagħaġ u mogħoż. Lilna l-Għawdxin, ħutna l-Maltin qalgħuhielna Tal-Ġbejniet. Jista' jkun li aħna l-Għawdxin niddilettaw bil-laqmijiet iktar mill-Maltin, imma fl-avviżi tal-mejtin, fil-każ ta' xi Malti, barra ismu, ġie li jgħidulek ukoll kif inhu magħruf. Sa fejn naf jien, f'dawn iċ-ċirkostanzi ta' niket, il-laqam tal-Għawdxi ma jxandruhx.

Laqmijiet li jniggżu jew iweġġgħu bħal Tas-Sikkina, Is-Sakranazzi, Is-Saraċini, Il-Midjunin u oħrajn ta' dil-bixra, -( m'iniex ħa ngħid ta' fejn huma), - m'għandniex x'irriduhom u jaqblilna ninsewhom darba għal dejjem. Ta' min jiftakar x'iwissi l-qawl Malti : "Min jaqla' laqam lil għajru, jagħmel seba' snin fil-purgatorju." Nispera, f'ġieħ kemm hemm, ma nispiċċax jiena wkoll nagħmel xi seba' snin żejda, ninxtewa fil-purgatorju, ħtija tar-'redusa'.

*Riferenzi : Social Aspects of Maltese Nicknames : Scientia Vol XXII No 2 (1956) u Bejn raħal u laqam : Leħen il-Malti Vol4, 1944 : G. Cassar Pullicino*

**RAYMOND CEFAI**
***TAL-KELBA LTD.***
- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

Ftit fatti u kummenti

# Traffiku u Inċidenti, Dħaħen u Trasport Pubbliku



kitba ta' Dr. MARIO SALIBA

**Skont statistika uffiċjali s-sena l-oħra kien hemm irreġistrati 300,347 vettura. Dan huwa numru kbir ħafna ta' vetturi għad-daqs tal-gżejjer Maltin. Dawn il-vetturi jikkawżaw 'l fuq minn 13,000 inċident tat-traffiku kull sena li terz minnhom ikunu serji jew anke fatali. Il-pajjiż jonfoq madwar 5 miljun ewro biex jikkura l-vittmi ta' dawn l-inċidenti. Bejn wieħed u ieħor in-numru ta' karozzi jiżdied b'madwar 18,000 kull sena u jonqos b'madwar 15,000. Barra minn spejjeż ta' kura, jintefqu ammont ieħor ta' flus f'telfien ta' xogħol u ħsarat fil-vetturi. Kull inċident jiġi jiswa madwar €1,500. Apparti l-ammont kbir ta' flus li jintefqu hemm involuti wkoll is-saħħa u l-ħajja ta' ħafna persuni.L-iktar persuni li kienu involuti fl-inċidenti u li soffrew ġrieħi b'riżultat tagħhom kienu żgħażagħ ta' bejn il-15 u l-24 sena, u nofs dawk li kienu involuti f'inċidenti tat-traffiku kienu taħt il-40 sena.**

It-toroq tagħna qed isiru dejjem aktar perikolużi u aktar fgati. Il-ħsara materjali li ssir fil-karozzi mgħattnin jew mfarrkin jista' jaraha kulħadd. U jħallasha kull min għandu karozza. L-assikurazzjoni ta' vetturi trid tagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż. Dan iwassal għal żieda fil-ħlas ta' *premiums* fuq assikurazzjonijiet ta' vetturi. Illum miskin int jekk ma jkollox polza tajba ta' assikurazzjoni.



Il-ħsara li ssir mhux biss hija fil-karozzi iżda wkoll fil-ġisem u s-saħħa tal-persuni involuti. Ħafna jibqgħu immankati u numru ieħor jitilfu ħajjithom fil-fjur ta' żgħożithom. Il-prezz li s-soċjetà qed tħallas huwa ferm iktar minn dak finanzjarju. Ftit jagħtu każ ta' ħsara oħra gravi - l-effett psikoloġiku negattiv tas-sewqan ħażin fit-toroq tagħna u tat-tensjoni li joħloq fina b'konsegwenza. Biżżejjed li wieħed ikun konxju ta' dak li jkun qed jaħseb u jħoss, hu u sejjer lura lejn id-dar wara ġurnata xogħol. It-triq traffikuża u mimlija dħaħen jkun jonqos biex id-*driver* ikompli jitgħaffeġ mentalment.

Kien pass tajjeb li biex jitnaqqas l-ammont ta' dħaħen, u allura jitnaqqas it-tniġġis ta' l-arja mill-karozzi, kien tneħħa mill-konsum il-petrol biċ-ċomb xi ftit tas-snin ilu. Barra minhekk il-kwalità ta' petrol mingħajr ċomb u diżil fjuwils qed titjieb għax qed ikun fihom inqas *salfer*. Ta' min isemmi l-introduzzjoni tat-testijiet tal-vetturi (VRT). Dan qed inaqqas it-tniġġis għax parti mit-test huwa biex jikkontrolla d-dħaħen mill-vetturi u għaldaqstant titjieb is-saħħa tan-nies. Kulħadd jaf li llum il-karozzi moderni meta jużaw l-aħjar fjuwil iħammġu inqas l-ambjent. Wasal iż-żmien ukoll li l-gvern jagħti nċentivi biex dak li jkun ineħħi l-vettura qadima u jixtri oħra ġdida, mhux billi jgħolli l-prezz tar-reġistrazzjoni ta' vetturi qodma!

**Biex nuri kemm id-dħaħen tal-karozzi huma ta' ħsara nsemmi ukoll li barra l-gassijiet velenużi li semmejna nsibu ukoll kimiċi oħrajn li jistgħu jikkawżaw il-kanċer fil-bniedem. Fost dawn insibu il-benzina li tinsab fl-arja fejn hemm ħafna dħaħen. Din is-sustanza velenuża tista' titnaqqas billi jsir xi addattament fil-magna tal-karozza u jitwaħħlu dawk li jissejħu *"catalytic converters"*. S'issa ma hawn l-ebda kontroll fil-ħruġ ta' dawn is-sustanzi u għadu ma qed isir xejn biex titjieb is-sitwazzjoni. It-trab fin li jinġema' fit-toroq huwa tip ieħor ta' tniġġis. Dan meta jitħallat mad-dħaħen u jidħol fil-pulmuni tagħna jagħmel ħafna ħsara lil saħħitna. Wieħed mill-fatturi li qed iżid l-inċidenza tal-marda ta' l-ażma u tal-kanċer huwa propju t-tniġġis ta' l-arja. Kien ipprovat bi studji li saru hawn Malta stess, li n-numru ta' tfal li qed ibatu bl-ażma żdied hawn Malta, speċjalment f'postijiet traffikużi fejn hemm ħafna dħaħen. Id-dħaħen tal-karozzi jistgħu ukoll ikollhom effett ħażin fuq min ibati b'mard ieħor tal-pulmuni jew mard kroniku tal-qalb.**






Hemm soluzzjoni pjuttost faċli u naturali: jintużaw inqas karozzi privati u jintuża iktar it-trasport pubbliku. B'hekk tonqos il-konġestjoni, jonqsu d-dħaħen velenużi fl-arja,jikkalmaw in-nervi u t-trasport pubbliku jdaħħal finanzjarjament. U meta tonqos il-konġestjoni, tiżdied il-ħeffa biex tmur minn post għal ieħor. U jonqos il-konsum tal-petrol. Nisperaw li bir-riforma li ser issir fit-trasport pubbliku u bil-miljuni li din ser tiġi tiswa', l-affarijiet jitranġaw xi ftit.

**S'issa t-trasport pubbliku mhux servizz diċenti, komdu u effiċjenti. Min ser kun daqshekk baħnan li juża t-trasport pubbliku! Ir-riforma fit-trasport pubbliku ilha ġejja s-snin. Il-biljetti għolew u kull żieda fil-biljetti ġabet biss ftit tibdil kosmetiku fis-servizz. Is-servizz ma jitjiebx billi nbidlu l-kulur tal-karozzi jew billi nkabbru il-kelma *'bus stop'* jew b'xi żieda ta' xi rotta 'l hawn u 'l hemm. Il-bidla trid tkun waħda fundamentali ta' servizz ċivili, effiċjenti u attraenti kemm għalina u kemm għat-turisti li jżuruna.**

Wegħduna magni awtomatiċi. Wegħduna karozzi ġodda. Bil-mod il-mod aktarx li jiġu! Dan kollu qed iħallas għalih il-pubbliku kollu, kemm dawk li jużaw it-trasport pubbliku u kemm dawk li qatt ma jirkbu xarabank. Għax il-bidla qed issir permezz ta' sussidju qawwi li jiswa' miljuni ta' ewro lill-gvern jew aħjar lil kull ċittadin li jħallas it-taxxa. Allura ċ-ċittadin mhux biss jistenna titjib li jista' jarah u jmissu b'idejh u, fuq kollox, iħossu meta juża t-trasport pubbliku, iżda wkoll servizz effiċjenti għat-taxxi li jħallas. Wieħed jittama li mal-bidla fil-għamla tal-*buses* ikun hemm ukoll bidla fl-atteġġament, il-preżentazzjoni u l-imġieba tas-sewwieqa. Nisperaw ukoll li barra l-kumpens xieraq, dawn jingħataw ukoll kundizzjonijiet aħjar u sigħat inqas ta' xogħol biex ikunu iktar kuntenti u jgawdu iktar lill-familja.

**Is-sitwazzjoni tat-traffiku ma tistax titranġa qabel ma' t-trasport pubbliku jitjieb verament u l-infrastruttura tat-toroq titjieb ukoll. Wara li jitjiebu dawn, wieħed ikun jista' jibda jitkellem fuq inċentivi u skemi favur l-ambjent u biex jonqsu l-inċidenti tat-traffiku u d-dħaħen velenużi u l-ħsara għal saħħet in-nies.** Dan kollu huwa importanti u għalhekk l-Awtorità tat-Trasport li suppost tieħu ħsieb ta' dan kollu għandha sehem importanti x'tagħti. Il-problema hija waħda komplessa u ma tistax tirranġa ħaġa mingħajr ma tirranġa l-oħra, għax tibqa' fejn tkun jew agħar minn hekk tkun taħli l-flus fix-xejn. **Nisperaw li t-tibdil li hemm bżonn isir, iseħħ u l-poplu jkollu sistema ta' trasport pubbliku moderna, komda u effiċjenti. Forsi mbagħad wieħed jikkonvinċi ruħu biex jagħmel użu minnha.**






Passiġġata Biblika - 54

*"Meta għadda s-Sibt, Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu, u Salome xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilkuh bihom" (Mk 16:1).*

# Minn ħdejn is-Salib sal-Qabar

## *In-nisa l-ewwel xhieda tal-qawmien ta' Kristu*

**minn Fr. Charles Buttigieg**

**Interessanti l-fatt li l-ewwel xhieda tal-qawmien ta' Kristu huma n-nisa. L-ewwel persuni li deher Ġesù saħansitra qabel l-appostli li kienu maqfula fil-biża' tagħhom, kienu proprju n-nisa, fejn fil-kultura Ebrajka x-xhieda tagħhom ma kinitx tgħodd. Wara li qam mill-mewt filgħodu kmieni fl-ewwel jum tal-ġimgħa, Ġesù deher l-ewwel lil Marija ta' Magdala, li minnha kien keċċa seba' xjaten. Kienu n-nisa li baqgħu jakkumpanjaw lil Ġesù sas-salib u kienu huma li akkumpanjaw il-ġisem mejjet ħdejn il-qabar. Fi kliem ieħor ikunu protagonista bħal dik l-omm li wasslet biex twelled kreatura ġdida fid-dinja u b'hekk huma jkunu preżenti fil-misteru tal-qawmien ġdid.**

### *Rispett u Dinjità lill-Mara*

Ġesù juri rispett u jagħti dinjità lill-mara, f'kultura fejn il-mara kienet għadha sottomessa għar-raġel (għalkemm fil-kultura Lhudija, il-mara kellha rispett kbir f'konfront ma' kulturi oħra). San Luqa jsemmi n-nisa twajba li marru wara Ġesù sabiex isegwuh ukoll: "Kellu miegħu t-Tnax; u xi nisa li kien fejjaqhom mill-ispirti ħżiena u mill-mard; Marija, li kienu jgħidulha ta' Magdala, li minnha kienu ħarġu seba' xjaten; Ġwanna, mart Huża, prokuratur ta' Erodi; Susanna, u ħafna oħrajn, li kienu jaqduhom minn ġidhom" (Lq 8:1-3). Insibu fuq kollox id-djalogi ta' Ġesù man-nisa, li m'humiex ftit fil-vanġeli: il-mara Samaritana; Marta u Marija, l-aħwa ta' Lazzru; il-mara adultera; Marija Maddalena u diversi episodji oħra. L-ewwel xhieda tal-Qawmien ta' Kristu jkunu proprju n-nisa li marru sabiex jidilku l-ġisem mejjet ta' Ġesù wara li għadda s-Sibt imma sabu l-'qabar vojt'.

### *Nisa Qalbiena*

L-erba' evanġelisti kollha jsemmu l-preżenza ta' xi nisa twajba fit-triq tal-passjoni tal-Mulej. "Hemmhekk kien hemm ħafna nisa jħarsu mill-bogħod, dawk stess li kienu mxew wara Ġesù biex jaqduh sa minn meta kien għadu fil-Galilija, fosthom kien hemm Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu u Ġużeppi u omm ulied Żebedew" (Mt 27:55-56). Kienu qalbiena għaliex kienu qegħdin jakkumpanjaw



lil Ġesù fil-waqgħat tiegħu, fiż-żebliħ, fis-swat u t-tislib fuq is-salib. Ma beżgħux mis-suldati u ma beżgħux mill-Lhud. Hija l-imħabba li kellhom għal Kristu li ħadithom sa taħt is-salib.

### *L-Ewwel quddiem il-qabar*

Jidher li n-nisa huma kuraġġużi biżżejjed biex joħorġu fil-beraħ u sabiex jagħtu qima xierqa lill-ġisem mejjet ta' Ġesù billi ma setgħux jidilku l-ġisem ta' Ġesù bil-fwejjaħ, għax kien diġà daħal is-Sibt. Dawn huma n-nisa msemmija fir-rakkonti tal-qawmien fl-erba' evanġelji.

***i. Mark 16:1-8***

In-nisa msemmija huma Marija l-Maddalena, Marija omm Ġakbu u Salome, li xtraw il-fwejjaħ sabiex jidilku l-ġisem ta' Ġesù (ara Mk 16:1). X'ħin daħlu fil-qabar huma raw żagħżugħ bilqiegħda li qalilhom sabiex ma jibżgħux u li Ġesù kien qam u sabiex imorru jgħidu b'dan lid-dixxipli.

***ii. Mark 16:9-20***

F'dan ir-rakkont li nkomplu nsibu fil-vanġelu ta' Marku, insibu lil Ġesù wara li qam fl-ewwel jum tal-ġimgħa, jidher l-ewwel lil Marija l-Maddalena. Hija marret u tat din l-aħbar lid-dixxipli.

***iii. Mattew 28:1-20***

Hawnhekk insibu lil Marija l-Maddalena u Marija l-oħra li marru jaraw il-qabar wara s-Sibt mas-sebħ ta' l-ewwel jum tal-ġimgħa. L-anġlu qal lin-nisa sabiex ma jibżgħux u li jmorru jgħidu b'dan lid-dixxipli. B'kuntrast ta' dak li nsibu fl-ewwel rakkont ta' Marku, in-nisa kollhom biża' imma b'ferħ kbir marru jiġru jagħtu l-aħbar lid-dixxipli.

***iv. Luqa 24***

Luqa fejn in-nisa huma protagonisti fl-evanġelju tiegħu, isemmi lin-nisa; Marija l-Maddalena, Marija ta' Ġakbu, Ġwanna u oħrajn li ġew ħdejn il-qabar fl-ewwel jum tal-ġimgħa kmieni ħafna (ara Lq 24:10). Wieħed mill-irġiel jgħidilhom il-għala kienu qegħdin ifittxu lil min hu ħaj qalb il-mejtin. In-nisa mbagħad reġgħu lura u taw l-aħbar lill-ħdax.



*Kwadru laterali ta' Kristu Rxoxt jidher lill-Maddalena, ta' awtur mhux magħruf, li jinsab fil-knisja "Taż-Żejt" fl-Għarb, Għawdex.*

***v. Ġwanni 20 – 21***

F'kap 20, Ġwanni jgħid li kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, fil-għodu, meta kien għadu d-dlam meta Marija l-Maddalena u persuna oħra ġew ħdejn il-qabar. Marija rat żewġ anġli lebsin l-abjad bilqiegħda, u staqsewha l-għala kienet qed tibki. Hi kienet ħasbet li kienu serqu lil Ġesù. Ftit wara Ġesù jidher lil Marija l-Maddalena.

Minn dawn ir-rakkonti nsibu dejjem imsemmija lil Marija ta' Magdala (ara Mk 16:9 u Lq 8:2) u l-fatt interessanti li n-nisa kienu jafu fejn kien midfun Ġesù u dwar il-gebla kbira tad-daħla tal-qabar. Dan għaliex huma kienu preżenti taħt is-salib u akkumpanjaw ukoll id-difna ta' Ġesù fil-qabar tiegħu. "Dakinhar kien jum it-Tħejjija, u s-Sibt kien għoddu beda. In-nisa, li kienu ġew mill-Galilija ma' Ġesù, marru wara Ġużeppi minn Arimatija u raw il-qabar u kif kienu qegħdu l-katavru; imbagħad reġgħu lura u ħejjew il-fwejjaħ u l-mirra" (Lq 23:54-55).

***L-Ewwel xhieda tal-Qawmien***

In-nisa fil-beraħ jiġu jagħtu l-aħbar lill-appostli magħluqa. In-nisa huma l-ewwel xhieda tal-qawmien ta' Ġesù: "Kienu Marija ta' Magdala u Ġwanna u Marija ta' Ġakbu u n-nisa l-oħra li kellhom magħhom; huma kienu li qalu b'dan lill-appostli. Imma d-diskors tagħhom l-appostli stħajluh thewdin, u ma emmnuhomx" (Lq 24:10-11). Billi x-xhieda tagħhom ma tgħoddx, imorru Pietru u Ġwanni ħdejn il-qabar u raw u emmnu. Protagonista f'dawn l-episodji hija Marija ta' Madgala kif naraw fil-pittura sabiħa: '*Noli me Tangere*' tal-pittur Laurent de la Hyre tas-sbatax-il seklu fil-mużew ta' Grenoble, fejn naraw lil Marija ttawwal idejja biex tmiss lil Ġesù: "Ġesù sejħilha: Marjam! Hi daret u qaltlu bil-Lhudi: Rabbuni, jiġifieri, Mgħallem. Ġesù qalilha: La tmissnix għax għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom. Marija ta' Magdala marret għand id-dixxipli u tathom l-aħbar: Rajt lill-Mulej…(Ġw 20:16-18). Hija proprju l-ewwel li rat lil Ġesù ħaj rebbieħ fuq il-mewt qabel ma rawh l-istess appostli, biex tagħti hija stess din l-ikbar aħbar tajba.

***Konklużjoni***

Il-ferħ tal-qawmien mill-mewt jasal ukoll għand Marija. Ferħ li neħħa d-dulur li ġarrbet, ferħ li kompla jseddaq il-fidi tagħha. Għalhekk anke Marija flimkien man-nisa u mal-appostli tkun hi ukoll ħabbara ta' din l-aħbar it-tajba u dan bir-raġun bħala Omm il-Feddej u Sultana tal-Appostli. Ejjew aħna ukoll bħal Marija, Marija ta' Magdala, in-nisa u fuq kollox l-appostli nkunu aħna ukoll ħabbara tal-qawmien ta' Kristu fil-ħajja tagħna.

***Biblijografija***

*The New Jerome Biblical Commentary*, R.E. Brown – J.A. Fitzmyer - R.E. Murphy (eds.), London 1993.

Leon-Dufour, X., *Resurrection and the Message of Easter*, New York 1975.

Nicolas Marie, J., *Teologia della Risurrezione, Teologia e Filosofia 16,* Città del Vaticano, 1989.

Stock, K., *I racconti pasquali dei vangeli sinottici*, Pontificio Istituto Biblico, Roma 2002.

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED

A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: **21561212/3** Valletta: **21235772** or **info@jpetravel.net**

Għawdex Qabel ir-Ritratti (24) | minn JOHN CREMONA

# *Artisti li għamlulna ġieħ*

Sa meta tiġi f'idejkom din il-ħarġa ta' "Il-Ħajja f'Għawdex", fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex u fil-*Banca Giuratale* ser tkun infetħet wirja unika intitolata '***L-Artisti Busuttil – wirt ta' tliet ġenerazzjonijiet***' li għall-ewwel darba qed tiġbor flimkien bosta xogħlijiet artistiċi ta' diversi membri tal-familja Busuttil.

Il familja Busuttil oriġinat mill Belt Valletta iżda permezz ta' żwieġ ma' tfajla Għawdxija, din il-familja kellha rabtiet mill-qrib ħafna ma' Għawdex. Fil-fatt ħafna mill-membri ta' din il-familja baqgħu jgħixu f'Għawdex u l-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet tagħhom jinstabu f'Għawdex.




Ħsibt allura li jkun xieraq li dan ix-xahar nitħaddet dwar inċiżjoni li saret fuq xogħol ta' wieħed mill-membri ta' din il-familja, Clemente Busuttil li għalkemm imwieled Malta fl-1810, għex il-parti l-kbira ta' ħajtu f'Għawdex fejn miet fl-1883. Biex tifhmu aħjar, dan Clemente kien bin Michele li pitter il-kwadru titulari tal-Katidral ta' Għawdex u ħu Salvatore li pitter it-titular tal-parroċċa ta' Kerċem. Fost ix-xogħlijiet ta' Clemente nsibu l-faċċata tal-parroċċa ta' Sannat u l-pjanta tal-knisja l-qadima tax-Xlendi.

L-inċiżjoni li qiegħed nippubblika f'din il-ħarġa hija pjanta tat-tempji tal-Ġgantija magħmula fuq disinji ta' Clemente u ppubblikata mill-Ġeneral Alberto de la Marmora fl-1836 f'ittra indirizzata lill-arkeologu Franċiż Raoul Rochette u ppubblikata fl-ewwel volum tan- '*Nouvelles Annales Publiees par la section Francaise de l-Institut Archeologique*'. Din l-ittra hija l-ewwel deskrizzjoni dettaljata tat-Tempji tal-Ġgantija dritt wara li kienu ġew imnaddfa minn Otto Bayer u l-inċiżjonijiet li jakkumpanjaw din l-ittra huma disinni pjuttost preċiżi tat-tempji.

Interessanti l-osservazzjoni li jagħmel De la Marmora fl-ittra tiegħu dwar il-ħiliet artistiċi ta' Clemente. Huwa jgħid li meta żar il-Ġgantija fl-1834, beda jieħu l-qisien tat-tempji, iżda meta ra l-pjanti preċiżi ta' Busuttil iddeċieda li ma jkomplix jieħu qisien u juża l pjanta ta' Busuttil. Id-disinji ta' Busuttil intbagħtu lis-Soċjetà Rjali ta' Londra fejn saru l-kopji tagħhom. La Marmora jgħid li kopja tad-disinji ta' Busuttil kienet tinstab ukoll għand John Otto Bayer li kien wettaq xogħlijiet ta' tindif kemm fil-Ġgantija kif ukoll fl-Ipoġew li semmejna. Minbarra l-pjanta, Clemente għamel ukoll diversi 'cross-sections' tal-Ġgantija li La Marmora ppubblika f'inċiżjoni oħra li takkumpanja din li qed nitkellmu dwarha llum u li nitkellem dwarha f'artiklu ieħor.

Fl-istess inċiżjoni jidhru veduti żgħar ta' l-Ipoġew tax-Xagħra kif ukoll ta' Ħaġar Qim kif ukoll pjanti tagħhom, iżda dawn m'humiex xogħol ta' Busuttil imma meħuda mill-ktieb ta' Jean Houel li dwaru tkellimna ħafna drabi f'dawn l-artikli. Dan minħabba li meta sar dan ix-xogħol, l-istruttura tal-ġebel f'forma tonda biż-żewġ plieri kbar li jimmarkaw id-dħul, kienu diġà ġew meqruda minn sid l-għalqa li ma laħaqx ftehim mal-Gvern Ingliż dwar il-ħlas għall-għalqa.

L-inċiżjoni hija intitolata '*Plan de la Giganteja et autres antiquites de Malte et de Gozo*'. Hija mmarkata bħala Pl2 bid-data 1836. Il-qisien tagħha pjuttost kbar huma 365mm x 515mm.




SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 182
Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2010

# Talb għax-xita lil San Lazzru

**Id-dokument numru mija tnejn u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu ħlas magħmul mill-Università ta' Għawdex lil prokuratur tal-artal ta' San Lazzru. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 26r (NAG, UG, *Acta*, 10/1709–1710, f. 26r).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-ħlas:

*A Mastro GioMaria Parnis, procuratore del venerando altare di San Lazzaro eretto nella Parrochiale Chiesa di San Giorgio di questo Rabbato, Scudi due, tarì dieci, e grani dieci di moneta; cioè Scudi 1:9 per consumo d'un rotolo e mezzo di cera dati alli Reverendi sacerdoti in tempo dell'espositione e reparazione; tarì 7:10 per mancamento di torce et sieduto(!); et tarì 6 al serviente di detta chiesa per giorni otto di espositione fatta in detta chiesa per implorare da San Lazzaro la pioggia, lì 24 aprile 1710.*

San Lazzru ta' Betanja – li Ġesù qajjem mill-mewt wara li kien ilu erbat ijiem mejjet – hu qaddis b'devozzjoni popolari ħafna fil-Knisja Biżantina. Mil-Lvant, id-devozzjoni tiegħu għaddiet għall-Punent. Il-festa jew tifkira tiegħu kienet issir tradizzjonalment is-Sibt ta' lejlet Ħadd il-Palm. F'xi nħawi tal-Knisja tal-Punent, it-tifkira tiegħu ssir nhar is-17 ta' Diċembru. Hawn Għawdex dan il-qaddis hu mejqum sa minn żminijiet qodma fil-parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat.

Fis-sena 1710, tliet mit sena ilu, il-festa ta' San Lazzru f'Sibt il-Palm ħabtet nhar it-12 ta' April u għalhekk jista' jkun li l-ħlas li sar nhar l-24 ta' April, 1710, kellu wkoll xi relazzjoni mal-festa. Dak iż-żmien il-prokuratur tal-artal tiegħu f'San Ġorġ kien Mastru Ġammarija Parnis. Nhar l-24 ta' April, it-teżorier tal-Università għaddielu s-somma ta' żewġ skuti, għaxra rbgħajja, u għaxar ħabbiet (madwar €0.55) ta' diversi spejjeż li kien għamel b'ordni tal-istess Università.

Minn dan id-dokument jidher ċar li tliet mit sena ilu, f'April 1710, kien hemm nuqqas kbir ta' xita. Għal dan il-għan l-Università, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex, ordnat tmint ijiem adorazzjoni fil-parroċċa ta' San Ġorġ. It-talb kien indirizzat b'mod speċjali lil San Lazzru ħalli jinterċiedi ma' Alla u jibgħat ix-xita f'waqtha. Dan il-ħlas sar b'relazzjoni ma' dan.

Il-ħlas li sar hu maqsum fi tlieta. L-ewwel, ħlas ta' skut u disgħa rbgħajja għal konsum ta' ratal u nofs ta' xama' mogħtija lis-saċerdoti fi żmien l-espożizzjoni u r-riparazzjoni. It-tieni, ħlas ta' seba' rbgħajja u għaxar ħabbiet biex kienu pprovduti t-torċi u l-bankijiet tagħhom peress li, milli jidher, kienu nieqsa fil-knisja parrokkjali. It-tielet, ħlas ta' sitta rbgħajja lis-sagristan għat-tmint ijiem li qagħad għassa fil-knisja.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Ġużepp Mizzi

(1896 - 1969)



Dun Ġużepp Mizzi twieled fix-Xagħra, Għawdex fl-20 ta' Frar 1896 minn Ġorġ Mizzi u Margerita nee' Vella. Tgħammed fl-istess jum mill-Arċipriet Dun Ġużepp Diacono u ngħata l-ismijiet ta' Joseph, Emmanuel, u Filippu

Irċieva l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola tax-Xagħra u wara għadda għas-Seminarju ta' Għawdex. Ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Frar 1921.

Sena wara li qaddes, il-Papa Piju XI permezz tal-enċiklika tiegħu *Ubi Arcano* tat-23 ta' Diċembru 1922 waqqaf l-Azzjoni Kattolika. Seba' snin wara jiġifieri fil-5 ta' April 1929, il-Prof. Dun Daniel Callus OP waqqaf l-Azzjoni Kattolika f'Malta. Dun Ġużepp għaraf kemm tista' tkun ta' ġid għall-Knisja lokali u hekk ipprova jdaħħalha f'Għawdex. Kiseb il-permess mingħand l-Isqof ta' Għawdex li dakinhar kien Mons. Mikiel Gonzi biex jibdieha fix-Xagħra. Ġabar numru sabiħ ta' xebbiet, li tagħhom sar Assistent Ekkleżjastiku. Il-problemi u d-diffikultajiet ma naqsux, imma r-rieda soda ta' Dun Ġużepp għenitu biex bil-għajnuna ta' Alla u tal-Verġni Marija jirbaħhom.

Biex ikun jista' jżomm l-Azzjoni Kattolika aġġornata, huwa abbona f'perjodiċi Taljani tal-Azzjoni Kattolika. Waħda mir-rivisti kien jisimha *Squilli*. Barra minn dan kien jibgħat iġib minn barra diversi kotba dwar l-Azzjoni Kattolika. Fl-1939 huwa attenda Kungress f'Ruma ta' l-Azzjoni Kattolika biex jieħu iżjed tagħlim dwar din l-għaqda u hekk ikun jista' jaġġornaha fuq linji tal-Azzjoni Kattolika Taljana.

Dun Ġużepp kien bniedem ta' żelu kbir u bniedem verament spiritwali. L-ewwelnett kellu mħabba kbira lejn il-Verġni Marija speċjalment taħt it-titlu ta' Fatima. Kien permezz tat-tħabrik tiegħu li nġiebet l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li hemm fil-knisja ta' Ħamet. Din tbierket u ġiet inkurunata nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu 1949 f'Ruma mill-Papa Piju XII.[1] Ta' min isemmi li din inġabet minn Fatima, jiġifieri l-post fejn dehret il-Verġni Marija. Qabel tpoġġiet fil-knisja ta' Ħamet, ittieħdet fil-parroċċi kollha ta' Għawdex.

Din id-devozzjoni xettilha f'qalb l-Għawdxin kollha, speċjalment fil-membri tal-Azzjoni Kattolika. Fil-laqgħat ta' darba fil-ġimgħa ma naqasx li jkellimhom dwar il-Verġni Marija, kif ukoll kien jeħodhom iżuru l-knisja ta' Ħamet. Kien jgħid ħafna Rużarji kuljum. Kien devot ukoll tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija.

La kien iħobb lill-Verġni Marija bla dubju ta' xejn kien iħobb lil binha Sidna Ġesù Kristu. U għalhekk ma naqasx li lill-membri tal-Azzjoni Kattolika kien iħeġġiġhom biex iħobbu lil Ġesù fl-Ewkaristija. Kien iħeġġeġ biex isir il-ward quddiem is-Sagrament. U meta kien jieħu n-nies lejn is-Santwarju ta' Pinu kien jgħidilhom biex ma jitkellmux biex l-ewwel kelma jgħiduha lil Ġesù u lil Marija.

Kien jixtieq li Ġesù jkun magħruf u maħbub u għalhekk tħabat ħafna biex inissel spirtu missjunarju. U ma naqasx ukoll li jagħti għotjiet ġenerużi ta' flus lill-missjonijiet.

Kien jixtri ħafna mezzi awdjoviswali biex ixerred il-messaġġ nisrani: *loudspeakers*, filmini kif ukoll *charts*. Mhux ta' min jinsa li Dun Ġużepp kien bniedem ġeneruż ħafna fil-flus. Dan seta' jagħmlu billi kien ġej minn familja tat-tajjeb kif ukoll kien *Inspector* tar-Reliġjon fl-Iskejjel Primarji ta' Għawdex.

Ta' min isemmi ukoll li kien jisħaq fuq is-sens ta' sagrifiċċju u kien jgħid li dan huwa wieħed mill-pedamenti tal-Azzjoni Kattolika. Serva għal xi snin bħala Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan ta' din l-għaqda.

Dun Ġużepp Mizzi ħalla din id-dinja fis-17 ta' Jannar 1969 fl-għomor ta' tnejn u sebgħin sena. Huwa jibqa' mfakkar għaż-żelu li wera fis-saċerdozju tiegħu, u l-karità li għamel.

*(Dan l-artiklu huwa prinċipalment ibbażat fuq "Il-Pijunier ta' l-Azzjoni Kattolika Dun Ġużepp Mizzi", li deher fir-rivista x-"Xagħra" ta' Jannar-Marzu 1986. Hajr ukoll lil diversi persuni li tawni informazzjoni dwaru.).*

**Angelo Xuereb**

[1] *Toni Calleja – Il-50 Anniversarju mill-Miġja tal-Istatwa tal-Madonna ta' Fatima meqjuma fil-Knisja Bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju Għasri – Għawdex 1949-1999.*

Għawdex Online (18)



## Kappelli Għawdxin Online (12)

# Kappella ta' seħer u storja fl-Għarb



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicep@go.net.mt

Min ħareġ bl-isem "Seħer il-Punent" għall-festival li jsir ta' kull sena fil-villaġġ tal-Għarb kien jaf x'qiegħed jagħmel. Aktar ma nfittex dwar l-Għarb aktar niskopri dan is-seħer. Il-kappella li ser inżuru llum għandha storja rikka ħafna u magħha għandha leġġenda li sal-lum għadha tagħtiha isimha.

Ser nibda bl-istorja. Nafu li fejn hemm il-kappella tal-Viżitazzjoni ta' Marija Santissima lil Eliżabetta fiċ-ċimiterju tar-raħal kien hemm kappella li kienet diġà tiffunzjona fl-1575, għax tagħrif dwarha jinsab fir-rapport tal-viżta li kien għamel il-Monsinjur Pietro Dusina. F'xi żmien din il-kappella kienet ġiet ipprofanata u fl-1675 ingħata bidu għal bini tal-kappella li nsibu llum. Skont is-sit *www.kappellimaltin.com* l-Isqof Astiria kien għamel viżta f'din il-kappella u b'hekk nafu li l-binja tal-lum tmur lura għat-tieni nofs tas-seklu 17. Nafu wkoll li nhar id-29 ta' Awwissu 1697 din il-kappella kienet dikjarata bħala l-knisja parrokkjali tal-Għarb. Damet iżżomm dan l-unur sal-1729 meta nbniet il-knisja arċipretali li naraw illum tiddomina l-pjazza tar-raħal.



Is-sit tagħti dettalji tal-arkitettura kemm ta' barra kif ukoll ta' ġewwa. L-ark tal-ġebel bi grada tal-ħadid li minnu trid tgħaddi biex tasal fil-kappella huwa tassew uniku. Il-kappella għandha artal maġġur b'perspettiva attraenti ħafna u l-pittura tat-titular tagħti l-impressjoni li tinsab bejn par purtieri. Din il-pittura tmur lura għas-sena 1651. Opra ta' interess huwa l-fonti tal-magħmudija li kien ingħata bħala rigal mill-Katidral tal-Imdina lil din il-kappella fl-1728. Fis-sit issib ġabra ta' ritratti tassew sbieħ li juru l-opri tal-arti li jinsabu f'din il-kappella.

Ngħaddi għas-seħer. L-isem li bih hija magħrufa din il-kappella huwa 'taż-Żejt'. Mara devota li għaddiet ħajjitha fil-faqar iżda b'rassenjazzjoni mar-rieda t'Alla talbet li jkollha biżżejjed mezzi biex tibqa' tixgħel il-lampa taż-żejt quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Waqt li kienet f'darha marida semgħet leħen minn xbieha ta' mara liebsa l-abjad jgħidilha biex tmur il-kappella u tieħu magħha važett. Meta waslet ħdejn il-kappella kien hemm nixxiegħa ta' żejt. Leġġenda li għadha tgħix illum f'isem din il-kappella. Jingħad li ħruq kbir li ġarrbet il-kappella nixxfet ukoll għal kollox din in-nixxiegħa.

Din il-kappella tinsab fi stat tajjeb u tintuża fi tmiem il-ġimgħa għall-quddies. Il-festa tal-Viżitazzjoni ssir f'Mejju u r-rettur tal-kappella hu Dun Achille Cauchi.


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Mil-Lenti tat-Telekamera | Għawdxin fit-Tielet Dinja

# San Paolo, fejn l-għajn taf tqarraq bil-viżitatur...



kitba u ritratti ta' **ALVIN SCICLUNA**

Fost il-metropoli li jimpressjonaw lil kull min iżurhom, insibu l-belt ta' Sao Paolo ġewwa l-Brażil. Hi belt enormi ta' xi sittax-il miljun ruħ. Għal snin twal, serviet bħala l-bieb li minnu l-emigranti Ewropej riedu ta' bilfors jgħaddu, sabiex ifittxu ħajja aħjar fil-Brażil. Għadha sal-lum tiġbed lejha għadd imdaqqas ta' immigrazzjoni interna li ta' spiss iktar toħloq problemi milli ssolvihom. Dan għaliex, bosta minn dawk li jiġu minn reġjuni oħra, la jkollhom fejn joqgħodu u lanqas ma' jkunu jistgħu jsibu xogħol mill-ewwel. Hu għalhekk li jinħolqu l-kuntrasti li allura wieħed ikollu bżonn li jindirizza. Patri Adeodato Schembri wasal għall-ewwel darba f'Sao Paolo fl-1968. Erbgħin sena ilu, din il-belt xorta offriet xokk kbir kulturali għal dan il-missjunarju Għawdxi. Patri Peter Paul Cachia ġie mibgħut il-Brażil wara dsatax-il sena fil-missjoni ta' l-Alġerija. Żgur li d-differenzi kulturali, reliġjużi u soċjali ħallew impressjonijiet dejjiema.

Ta' spiss, kull meta nisimgħu bil-kelma 'missjoni', dritt jiġu f'moħħna pajjiżi mbiegħda, u sitwazzjonijiet ta' għaks, ġuħ, u minn xi daqqiet, nuqqas ta' rispett



lejn id-dinjità umana. Il-Brażil hu wieħed mill-ikbar pajjiżi tad-dinja, u r-realtà li għexna f'din il-metropoli tifforma wieħed mid-diversi wċuħ li għandu l-Brażil. Fiż-żjara tagħna f'Sao Paolo, ġejna ospitati minn dawn iż-żewġ reliġjużi Għawdxin – it-tnejn mill-belt Victoria, li offrew ħajjithom għas-servizz tal-oħrajn. It-tnejn huma Agostinjani u fil-preżent, filwaqt li Patri Adeoadto għadu jservi lil Alla u lill-komunità Pawlista, Fr. Peter Paul jinsab Għawdex fejn qiegħed jaqdi d-dmirijiet tiegħu fil-kunvent ta' Sant'Wistin fil-belt Victoria. Il-vjaġġ twil tagħhom beda' minn dan l-iktar kunvent qadim li nsibu f'Għawdex. Dan il-post ta' ġabra serva ta' għalqa għammiela għall-aspirazzjonijiet vokazzjonali ta' Patri Adeodato Schembri u ta' Patri Peter Paul Cachia. Fiż-żewġ żjarat li għamilt ma' sħabi f'Sao Paolo, sibnihom joperaw mill-parroċċa ta' Santa Rita ta' Cascia f'subborg fqir ta' Sao Paolo, magħruf bħala Parque Nuevo Mundo.

Il-belt ta' Sao Paolo taf il-bidu tagħha lill-patrijiet Ġiżwiti. Fil 25 ta' Jannar 1554, kienu waqqfu kulleġġ waqt missjoni biex jikkonvertu l-indjani indiġeni ta' l-inħawi. U madwar dan il-kulleġġ beda ftit ftit tiela l-bini li mal-medda tas-sekli żviluppa f'din il-belt enormi. Fiċ-ċentru storiku tal-belt għad nistgħu nammiraw il-knisja ddedikata lil Sant Antnin, mibnija mill-patrijiet missjunarji franġiskani fit-tieni parti tas-seklu sittax. Interessanti l-fatt li, kuntrarju għall-maġġuranza tal-pajjiżi ta' l-Amerika t'Isfel, il-Brażil kien ġie maħkum mill-Portugiżi u mhux mill-Ispanjoli. L-ewwel darba li xini Portugiż rabat ma' art Brażiljana kien fit-22 t'April tas-sena 1500.

Sa mill-bidu nett, l-ekonomija tar-reġjun kienet ibbażata fuq il-biedja, l-ewwel il-pjantazzjonijiet tal-kannamieli u mbagħad dawk tal-kafè. Ftit ftit, kif seħħ f'kull belt kolonjali madwar id-dinja, bdew jinbnew djar sinjorili, vilel u palazzi tas-sidien ta' l-artijiet. Sao Paolo f'malajr inbidlet fin-nerv ekonomiku tal-pajjiż u llum, mixja għal għonq it-toroq taċ-ċentru, tgħaddina minn quddiem binjiet li jservu bħala uffiċini ta' banek internazzjonali u kumpanniji kbar. Fosthom tispikka l-binja tal-Banespa, mibnija fuq il-mudell ta' l-*Empire State Building* ta' New York. Dehra panoramika tal-belt minn fuq il-bejt tal-Banespa taqtagħlek in-nifs. Minn hemm fuq, stajna ninnutaw il-firxa tal-belt u l-għadd kbir ta' bini għoli. Sao Paolo bdiet tespandi bħala belt fil-bidu tas-seklu l-ieħor. Qabel, kienet diġà saret magħrufa bħala ċentru ewlieni fl-industrija tal-kafe', li fil-Brażil, baqgħet f'saħħitha sal-ġurnata tal-lum. L-ekonomija tant kienet f'saħħitha li fl-ewwel kwart tas-seklu għoxrin,

ingħata bidu għall-programm kbir ta' urbanizzazzjoni, u Sao Paolo saret tixbaħ lill-bliet kbar ta' l-Ewropa.

Fis-snin ħamsin, daħal il-fenomenu ta' l-i*skycrapers* li allura bdew jieħdu l-post ta' palazzi u vilel sbieħ. Illum, dawn inqerdu kważi għal kollox – anke jekk 'l hawn u 'l hemm fiċ-ċentru tal-belt, wieħed għad jista' jitpaxxa b'arkitettura li ssaħħar. Il-belt għandha ħafna ġonna pubbliċi li jservu ta' pulmun għall-miljuni li jgħixu u jaħdmu fiha. L-iktar wieħed li jispikka hu Ibirapuera, ġnien kbir mibni fuq is-sit ta' raħal indiġenu. Kien imfassal mill-magħruf Oscar Niemeyer li flimkien ma' Burle Marx, ħoloq il-post favorit fejn il-Paulistanos iqattgħu l-ħin liberu tagħhom. Kif wieħed jista' jara permezz tal-filmat li aħna ġbidna, Ibirpuera hi destinazzjoni għal nies ta' kull età.... L-importanti hu li kull min jiġi f'dan il-ġnien, ikun jista' jistrieħ 'l bogħod mill-istorbju tal-belt, li fil-verità hi tefgħa ta' ġebla mbiegħda minn hawn. Spazju miftuħ li jiġbed l-għajn hu l-Mużew Pawlista fid-distrett ta' Ipiranga kif ukoll il-ġonna tal-faċċata, mibnija fuq l-istil ta' Versailles fi Franza. Il-park hu magħruf bħala Ġnien l-Indipendenza. Għandu dan l-isem għaliex kien f'dan il-palazz, mibni bi stil neoklassiku, li fis-sena 1822 il-Brażil iddikjara l-indipendenza mill-Portugall.



Ma' jistax jonqos li Sao Paolo għandu wkoll il-katidral tiegħu. Il-korsija hi twila 111 il-metru u ġewwa hemm post għal 8000 ruħ. Beda jinbena fi stil neo-gotiku fis-sena 1913 u ġie inawgurat fis-sena 1954 sabiex jiġi mfakkar l-erba' mitt ċentinarju tal-belt.

Kurjuż il-fatt li, minħabba l-kummerċ kbir li jiżvolġi fiha, Sao Paolo tikkompeti ma' New York... U jekk tinzerta f'Avenida Paulista, waħda mill-arterji ewlenin, għal mument tistaqsi lilek innifsek fejn tabilħaqq tkun qiegħed. Għal hafna Ewropej li jkunu qed iżuru l-Brażil għall-ewwel darba, Sao Paolo hi enigma. Dan għaliex, jekk wieħed joħroġ 'l barra miċ-ċentru storiku u kummerċjali, f'malajr josserva wiċċ ieħor mhux daqstant sabiħ.

Il-parroċċa ta' Santa Rita ta' Cascia tinsab fil-periferija ta' Sao Paolo, f'żona li fiha jgħixu bosta familji tal-klassi tal-ħaddiema. Hawnhekk, hawn belt sħiħa bi kwartieri modesti u oħrajn fqar ħafna. Il-missjoni primarja tas-saċerdot hi li jservi ta' ambaxxatur ta' Kristu sabiex jaqdi l-bżonnijiet spiritwali tal-komunità fdata f'idejh. Iżda, kif dejjem iseħħ fil-pajjiżi tat-tielet dinja, il-missjunarju jrid jieħu ħsieb is-soċjal ukoll. Dan fil-qofol hu x-xogħol ta' Patri Adeodato li, jum wara l-ieħor jipprova jlaħħaq mal-problemi tad-diversi membri tal-komunitajiet fdati lilu filwaqt li jsaqqaf wiċċu ma' oħrajn ġodda.

Meta dħalna fit-toroq tad-distrett ta' Parque Nuevo Mundo, stajna ninnutaw l-istil ta' ħajja li din il-komunità tgħix. Is-saċerdot hu ħabib tal-qalb u anke rispettat ħafna. Kif stqarr Father Peter meta wriena d-diversi wċuh tal-missjoni, titwettaq ħidma soċjali kbira sabiex it-tfal jiġu mgħejjuna. Fl-iskola jingħataw platti sħan u sustanzjużi bil-għan li dan ipatti għan-nuqqas ta' ikel bnin li jieħdu mid-dar. Il-ħaddiema tal-koperattiva jistinkaw biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum billi jirriċiklaw l-iskart. Hi waħda mid-diversi inizjattivi li rnexxew. Mhux biss jaqilgħu l-paga tagħhom permezz ta' dan ix-xogħol, iżda jitgħallmu wkoll iħammġu anqas fit-toroq li fihom jgħixu.

F'post ieħor, magħruf bħala l-Arsenal da Esperanca, rajna mill-qrib kif taħdem il-koperazzjoni bejn l-istat u l-għaqdiet mhux governattivi sabiex tittejjeb il-qagħda tal-persuni emarġinati. Meta l-emigrazzjoni mill-Ewropa kienet fl-aqwa tagħha, din il-binja, mibnija oriġinarjament bħala armerija, kienet isservi ta' ċentru li minnu l-immigranti kollha riedu jgħaddu. Illum, qed taqdi skop bil-wisq aktar importanti. Wara ftehim bejn l-istat ta' Sao Paolo u l-Knisja Kattolika, l-Arsenal da Esperanca beda' jitmexxa mis-Sermig, għaqda mhux governattiva bbażata f'Turin fl-Italja. Hawnhekk, Brażiljani bla xogħol, jew li jbatu mill-problema tad-droga u l-alkoħol, jew bla dar, jiġu mgħejjuna billi jingħataw korsijiet ta' taħriġ u tinstabilhom identità ġdida. Mhux biss, l-Arsenal iservi bħal speċi ta' korporazzjoni tax-xogħol u taħriġ sabiex jalloka x-xogħol skont l-abbiltà tan-nies li jkunu fittxew u sabu rifuġju hawnhekk.

Fuq nota ġenerali, il-Brażiljani huma ferrieħa u fl-istess waqt reliġjużi. U kif forsi nnutajt waqt żjarat li dwarhom diġà ktibt, fil-Brażil jeżisti fenomenu li diffiċli tispjega. Għaliex, jekk ma jkunx fil-kumpannija tal-missjunarju, il-viżitatur qajla kapaċi jiddistingwi lis-sinjur mill-fqir! L-ilbiesi eleganti fit-toroq sbieħ ta' Sao Paolo jingannaw u jostru l-identità vera ta' min ikun qiegħed jużahom bħala maskra.... l-istess bħalma l-malji tal-għawm joqgħodu tajjeb fuq il-persuni sbieħ tal-Brażiljani, irrispettivament mill-istatus soċjali ta' min jilbishom!

U Sao Paolo taf tqarraq b'kull turist li jiddakkar mit-toroq wiesgħa mżejna b'binjiet sbieħ li kważi kważi jridu jilħqu s-sema biex jistqarru l-potenza ta' sidhom. Imbagħad, fid-dell sieket l-għajn taf tagħraf lill-missjunarju li b'mod umli u bi spirtu Kristjan, ifittex lill-għajru li għandu bżonn l-għajnuna materjali u l-konfort spiritwali. Anke din hi realtà f'dinja li tfittex leħen fil-futbol, fl-ispettaklu tas-samba u l-karnival, u fl-infrastruttura llum sinonima ma' dan il-pajjiż ġganti tal-Amerika t'Isfel.

---

*Alvin Scicluna hu l-producer u d-direttur tal-programm* ***Għawdex Illum*** *li minn żmien għall-ieħor itella' dokumentarji televiżivi minn artijiet imbiegħda tal-missjoni sabiex iwassal il-messaġġ ta' ħbiebna l-missjunarji lill-poplu ta' Malta u Għawdex.*

TIEQA FUQ L-AMBJENT (17)

# IL-BUFULA TAL-IMREWĦA



*(Dan huwa s-seba' artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

F'dawn l-aħħar erbgħin sena kellna tibdil fl-għasafar li jbejtu fil-gżejjer Maltin. Kien hemm dawk li bħall-Barbaġann inqerdu minn pajjiżna minħabba kaċċa illegali u kellna oħrajn bħall-Gallozz Iswed li bdew ibejtu għaliex inħoloq ħabitat tajjeb għalihom bit-tħaffir ta' diversi għadajjar għat-tisqija. Fost dawk l-għasafar ġodda li bdew ibejtu f'Malta nsibu l-**Bufula ta' l-iMrewħa**. L-ewwel darba li nstabet tbejjet kien fl-1973 fejn illum hemm ir-riżerva Tas-Simar, San Pawl il-Baħar. F'Għawdex bdiet tbejjet fl-1975, u l-ewwel bejta nstabet fid-29 ta' Marzu, f'post 'l ġewwa mill-Munxar magħruf bħala s-Sanab. Sfortunatament kien għamel ħafna riħ u xita u l-bejta sfrattat. Iżda sa l-1980 **il-Bufula ta' l-iMrewħa** kienet diġà bdiet tbejjet f'erba' nħawi oħra f'Għawdex, fosthom l-Għarb, Sarraflu, is-Saqwi (bejn il-Munxar u l-Lunzjata) u f'Wied Sabbar (f'Ta' Ċenċ). Illum infirxet kważi m'Għawdex kollu u tinstab matul is-sena kollha, għalkemm l-iżjed li tkun evidenti minn Jannar sa Awwissu, meta r-raġel spiss isemma l-għajta karatteristika waqt li jkun jittajjar u jgħasses it-territorju tiegħu..

L-isem xjentifiku tal-**Bufula ta' l-iMrewħa** (bl-Ingliż *Zitting Cisticola* jew *Fan-tailed Warbler*) huwa ***Cisticola juncidis***. *Cisticola* ġejja minn kelma Griega *kistos* li tfisser arbuxell (taċ-Ċistu) li jwarrad, u minn kelma oħra bil-Latin *cola* li tfisser igħammar. Il-kelma *juncidis* ġejja mill-kelma *juncus* l-isem bil-Latin tas-simar. Hemm diversi speċi tax-xitla tas-simar, fosthom waħda b'weraq aħdar skur, irqiq, twil u iebes. Dan il-weraq ġieli jużawh biex jagħmlu l-ġwielaq tal-ġbejniet.

Il-**Bufula ta' l-iMreħwa** hija l-iżgħar speċi li tbejjet fil-Gżejjer Maltin. Fiha biss madwar 10ċm. Ir-raġel u l-mara għandhom l-istess kulur; kannella safrani b'ħafna marki skuri minn fuq, u safrani ċar minn taħt. Għandha denb qasir li malli tifthu ġej għat-tond, qisu mrewħa, bit-truf tal-pinen suwed bi dbabar bojod. Tħobb kampanja miftuħa fejn ikun hemm xtieli u ħaxix bħas-simar u dawk tal-familja tal-qamħ. Tbejjet fil-baxx qalb il-ħaxix. Għall-ewwel ir-raġel jibda jibni l-qafas tal-bejta bl-għanqbut u ħuxlief irqiq, qisha flixkun b'għonq wiesa', u jinsiġha mal-weraq fil-ħaxix u pjanti baxxi. Wara joqgħod jittajjar fl-għoli fuq it-territorju tiegħu jgħajjat il-ħin kollu, ripetizzjoni ta' "zip, zip, zip, zip", sakemm iħajjar lil xi mara tiegħu l-bejta. Minn dak il-ħin 'l quddiem hi tieħu ħsieb ta' kollox; tkompli tibni l-bejta billi tagħmlilha iżjed



*Bufula ta' l-iMrewħa bl-ikel għall-frieħ ħdejn il-bejta*



*Bejta bil-bajd tal-Bufula ta' l-iMrewħa*



*Bejta bil-frieħ tal-Bufula ta' l-iMrewħa, lesti biex itajru*



*Bejta tal-Bufula ta' l-Imrewħa, minsuġa u moħbija qalb il-ħaxix*

ħuxlief, tbid u ssaħħan il-bajd, tfaqqashom u titma' l-frieħ, u tibqa' titmagħhom għal xi ġranet wara li jtajru. Ir-raġel ma jagħmel xejn iżjed ħlief li jkompli jittajjar u jgħanni, jkeċċi b'ħafna storbju xi raġel ieħor li jazzarda jidħollu fit-territorju tiegħu, u jkompli jibni xi qafas jew tnejn oħra ta' bejtiet ġodda, biex iħajjar xi mara oħra. Raġel wieħed ġieli jkollu sa erba' jew ħames nisa bil-bejta, skont kemm jirnexxilu jħajjar nisa.

Il-mara tbid minn tlieta sa sitt bajdiet, ġeneralment ħamsa. Hemm nisa li jbidu bajd abjad jew ċelesti ċari, ġieli ttikkjati bl-aħmar jew vjola skur, jew bil-kannella, u ġieli jkunu bla dbabar. Iddum issaħħan il-bajd għal xi tlettax-il jum u l-frieħ



*Bufula ta' l-iMrewħa tnaddaf il-bejta mill-ħmieġ tal-frieħ*

itajru wara ġimgħatejn. Il-mara jkollha iżjed minn tqegħida waħda ta' bajd u xi drabi anke tlieta f'sena. Meta t-temp jippermetti kmieni, l-istaġun tal-bejta jibda anke minn nofs Frar u jkompli sa Awwissu. Sfortunatament ħafna mill-bejtiet ma jirnexxux minħabba li l-bejta tkun mibnija fil-ħaxix fil-baxx. Is-Serp Iswed jagħmel xalata mill-bajd u l-frieħ, filwaqt li bejtiet oħra jinqerdu minn klieb, qtates u firien, kif ukoll min-nirien fl-għelieqi.

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

PMC TOURS
- PAUL M. CASSAR -
DRAMM TAL-PASSJONI
FIL-GERMANJA
B'HOTELS FIC-CENTRU
T'OBERAMMERGAU
U TA' MUNICH
Mill-4 sad-9 t'Awissu
Breakfasts Buffet
Biljetti Kat.2 Garantiti
Prezz minn €1050
Dettalji:Paul M. Cassar
60 Triq Vajringa-Victoria
Tel.21551004-79021033
Email:pmctours@malatanet.net

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

# TISLIBA MALTIJA U RELIĠJUŻA

Ħajr lil Emmanuel Ellis

***Mindudin***

1. Protagonist f'San Remo (7)
7. L-ewwel nutrijent għall-bniedem (5)
8. Qagħad bilqiegħda wara AP (7)
9. Kanal biex jgħaddi l-ilma (6)
11. Mara mhix miżżewġa (5)
13. Ta' Laskri dejjem bil-buli u tal-arloġġ skont il-ħin (4)
14. Fin u rqieq (7)
15. Il-qoxra ta' barra (4)
16. F'dawn l-inħawi ssib parti minn banda mħabbla (5)
17. Ħerba (6)
21. Fil-magħmudija u l-griżma jkun hemm bħalu mal-parrinijiet (7)
22. Jagħmlu bħall-għasafar u l-ajruplani (5)
23. Hekk hu min jaf igawdi (7)

***Weqfin***

2. Il-kors tiegħu jaf jieħu aktar minn sena, imma sengħa żgur jeħodha (10)
3. Tagħqid fiċ-ċirkolazzjoni tad-demm (8)
4. L-oppost ta' "immorru" (4)
5. Toħroġ fil-festa fuq l-ispallejn (4)
6. Il-kontra ta' "omega" (4)
9. Mhux ħażin jekk jieħu waħda mit-tnejn tal-jekk (5)
10. Il-Knisja qed tiddedika għalih din is-sena (10)
12. Hawn twieldet id-demokrazija (5)
13. L-organu tas-smigħ (8)
18. Il-qaddisa tal-impossibbli (4)
19. L-avveniment b'dik li toqgħod bieb ma' bieb (4)
20. Min irid jolqot, irid jeħodha (4)



**TISLIBA - April 2010**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Post Code ______________________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Diċembru 2009. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

Ir-rebbieħ tat-Tisliba Frar 2010 huwa

**Tarcisio Gauci, 128, Triq Għajn Qatet, Victoria, Għawdex VCT 2108**




*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# *Tour ta' Malta taċ-Ċikliżmu jirritorna f'Għawdex*

It-*Tour* ta' Malta taċ-Ċikliżmu, din is-sena rritorna Għawdex wara nuqqas ta' seba' snin, billi t-tielet tappa, dik tas-Sibt 20 ta' Marzu saret fiċ-ċirkwit tax-Xagħra. Din kienet fuq distanza ta' 67.5 km għall-irġiel u 45 km għan-nisa. Din it-tappa setgħet issir bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill Malti għall-iSport, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra, *Gozo Channel* u *David's Bakery.*



Iċ-ċiklista Taljan Francesco Pizzo (*Meca Team*) u dik Ingliża Iona Sewell (*Squadra Donne UK*) kienu r-rebbieħa tas-16-il edizzjoni tat-*Tour* ta' Malta. Fit-tielet u l-aħħar tappa tat-*Tour* fix-Xagħra, kemm Pizzo kif ukoll Sewell ipplejsjaw it-tielet, bil-ħin li kisbu jkun biżżejjed biex żammew l-ewwel post fil-klassifika ġenerali u ġew dikjarati rebbieħa tat-*Tour.*

Fil-kategorija ta' l-irġiel Francesco Guccione (Ballatore), rebbieħ tat-*Tour* is-sena l-oħra, ntefa' fuq quddiem sa mill-bidu, u għalkemm diversi ċiklisti pprovaw iżommu l-pass miegħu, huwa baqa' dejjem fuq quddiem fejn saħansitra kompla jżid il-vantaġġ tiegħu lejn it-tmiem biex ħareġ rebbieħ f'siegħa, 41 minuta u 6 sekondi. Enzo Buccheri (Cicli Buccheri), li rebaħ it-tiġrija tal-ġurnata ta' qabel li saret f'San Martin, u l-*leader* tat-*Tour* Francesco Pizzo kienu l-aktar żewġ ċiklisti li offrew sfida lil Guccione, iżda finalment kellhom jikkuntentaw bit-tieni u t-tielet post rispettivament meta daħlu fl-istess ħin ta' siegħa, 41 minuta u 20 sekonda. Pizzo ġie dikjarat rebbieħ *overall* b'ħin *aggregate* ta' 4 siegħat 55 minuta u 24 sekonda.

Il-kategorija tan-nisa, din it-tielet tappa tax-Xagħra kienet iddominata miċ-ċiklisti Olandiżi tat-*team Noord Holland*, bir-rebħa tmur għand Roos van den Bos f'siegħa 13-il minuta u 49 sekonda, segwita minn Claudia Koster f'siegħa 14-il minuta u 44 sekonda. L-Ingliża Iona Sewell (Squadra Donne UK), li rebħet l-ewwel żewġ tapep tat-*Tour* li saru fil-*Coast Road* u f'San Martin, spiċċat fit-tielet post, ħames sekondi wara Koster. Però permezz ta' din it-tielet pożizzjoni hija kkonfermat l-ewwel post *overall* b'ħin *aggregate* ta' 4 siegħat 7 minuti u 48 sekonda.



B'kollox ħadu sehem tmien timijiet barranin flimkien mal-ħames klabbs Maltin affiljati mal-Federazzjoni. Mit-tmienja barranin, kien hemm erbgħa li ħadu sehem fis-snin li għaddew, jiġifieri, *Noord Cycling* (Olanda), *Ballatore Team* u *Electro System* (Sqallija) u *Squadre Donne* (Ingilterra), flimkien ma' erbgħa ġodda, li huma *Fausto Coppi Team* (Italja), *Ecomix Dusty* (Sqallija), *Befordshire* u *Bang & Olufsen* (Ingilterra). It-timijiet Maltin kienu *Greens Cycling Club*, *Mosta AF Sign Studio Cycling Club*, *Qormi Scott Cycling Club*, *Melita Paddle Power* u *Birkirkara St Joseph.*

Fi tmiem it-tappa, saru l-preżentazzjonijiet mis-Sur Tony Borg mill-Ministeru għal Għawdex, is-Sur Joe Cordina, Sindku tax-Xagħra u s-Sur Joe Bajada, koordinatur għal Għawdex tal-Kunsill Malti għall-isport. Il-Kumitat Organizzattiv tat-*Tour* jixtieq jieħu l-okkażjoni biex jirringrazzja lir-residenti tax-Xagħra, Għawdex għall-koperazzjoni sħiħa li wrew ma' l-organizzaturi sabiex din it-tiġrija setgħet tkun suċċess.

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

# L-Għoljiet t'Għawdex

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratt ta' Max Xuereb*

## 4. TA' DBIEĠI



*Ta' Dbieġi l-għolja - wisq fuqanija*
*għax l-ogħla waħda - tal-gżira Għawdxija,*
*fil-punent t'Għawdex - għolja ppuntata,*
*tifkira għandha - ta' maltempata.*

*Jingħad, żmien ilu - wieħed kaptan*
*kien qed ibaħħar - f'baħar kaħlan,*
*f'tempesta nqabad - wiegħed bil-ħrara:*
*kappella jibni - f'dik l-art li jara.*

*Hawn lill-Assunta - kappella bnielha,*
*imbagħ'd lejn artu - hu reġa' rħielha,*
*bosta snin wara - stazzjon inbena,*
*dan kien tar-radar - biż-żmien infena.*

*F'riġel din l-għolja - il-militar*
*barracks mar bena - f'post mill-aħjar,*
*illum b'Crafts Village - dan biddilnieh,*
*jiġu t-turisti - jitgħaxxqu bih.*

*Madwarha nsibu - lil San Niklaw,*
*Ħara tar-Rokon - din mhix lil hawn,*
*għelieqi mtarrġa - u maħdumin,*
*oħrajn fil-għoli - ftit mitluqin.*

*U tawwalija - tmiss dah'r ma' dah'r*
*l-għolja t'Għar Ilma - fin-nofs in-nhar,*
*fil-bogħ'd il-baħar - ikħal bħal klin,*
*imkien ma jħaddan - għaxqa bħal din!*

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit

## ERBA' NIĊEĊ "TAL-KANTUNIERA" FIR-RABAT


Tal-Providenza


Tad-Duluri


Sant'Indrija


San Alwiġi Konzaga

mediterraneanbank
wealth management - savings - investments

## Euro Fixed Term Deposits

| | |
|---|---|
| 1-year | 3.5% p.a. |
| 2-year | 4.0% p.a. |
| 3-year | 4.5% p.a. |
| 4-year | 5.0% p.a. |
| 5-year | 5.5% p.a. |

Mediterranean Bank, a Maltese bank that offers market leading savings, investment and wealth management products, is offering term deposit accounts denominated in Euro. Interest rates for other major currencies are available on request.

www.medbank.com.mt

Mediterranean Bank Plc. – 10 St. Barbara Bastion
Valletta VLT 1000 – Malta
Tel: 2557 4400 Email: info@medbank.com.mt

The above rates are applicable to deposits of €20,000 or more.
Terms and conditions apply.

Mediterranean Bank Plc. is licensed by the MFSA under the Banking Act. Mediterranean Bank operates under the depositor compensation scheme established under the laws of Malta.

Contact our representative in Gozo:

Mercieca Financial Investment Services Ltd.
Tel - 21553892 / 9945 0477
Email – alexmerc@maltanet.net

at "Mercieca" John F Kennedy Square, Victoria, Gozo.

MERCIECA
Financial Investment
Services Limited